Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1875

7.8.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1875**

**tas-17 ta' Diċembru 2025**

**dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.51268 (2021/C) (ex 2018/FC) implimentata minn Franza għall-Istitut Nazzjonali Franċiż għar-Riċerka Arkeoloġika Preventiva (INRAP)**

*(notifikata bid-dokument C(2025) 8737)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel,

Billi:

## 1. **PROĊEDURA**

(1) Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet ilment, imressaq mill-kumpanija Franċiża Études et valorisations archéologiques ("EVEHA" jew l-"ilmentatriċi"), fejn kien allegat li ċerti miżuri meħuda għall-benefiċċju tal-Istitut Nazzjonali Franċiż għar-Riċerka Arkeoloġika Preventiva (Institut national de recherches archéologiques préventives - "INRAP") kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

(2) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Franċiżi bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward ta' dawk il-miżuri ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") ([1]).

(3) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

(4) Franza ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fit-3 ta' Frar 2022. Fid-9 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti bil-miktub mingħand EVEHA.

(5) Il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti ta' EVEHA dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ lil Franza permezz ta' ittra datata s-16 ta' Mejju 2022. Franza ssottomettiet il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni permezz ta' ittra datata t-23 ta' Ġunju 2022.

(6) Wara konferenza telefonika fis-7 ta' Frar 2024 mal-Kummissjoni, EVEHA wieġbet talba għal kjarifika mill-Kummissjoni permezz ta' ittra datata t-28 ta' Ġunju 2024.

(7) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Jannar 2025, EVEHA bagħtet dokumenti addizzjonali insostenn tal-kummenti tagħha lill-Kummissjoni.

(8) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni talbet kjarifika supplimentari mingħand l-awtoritajiet Franċiżi; din ingħatat fid-29 ta' Settembru 2025.

([1]) Deċiżjoni C(2021) 9729 finali tal-20 ta' Diċembru 2021.
([2]) ĠU C 135, 25.3.2022, p. 40.

## 2. **DESKRIZZJONI TAL-INRAP**

(9) L-INRAP ġie stabbilit bil-Liġi Nru 2001-44 tas-17 ta' Jannar 2001 dwar l-arkeoloġija preventiva ("il-Liġi tal-2001") u kien is-suċċessur tal-Association pour les Fouilles Archéologiques Nationales ("AFAN"). L-INRAP huwa korp amministrattiv pubbliku awtonomu (*établissement public à caractère administratif*) taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Kultura u tal-Ministeru għall-Edukazzjoni Għolja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ([3]).

### 2.1. **Attivitajiet tal-INRAP**

(10) L-INRAP huwa attiv fil-qasam tal-arkeoloġija preventiva ([4]). Il-kompiti tiegħu huma stabbiliti fl-Artikoli L.523-1 u R.545-26 tal-Kodiċi tal-Patrimonju.

#### 2.1.1. *Kompiti tas-servizz pubbliku mhux kompetittivi*

(11) L-INRAP huwa responsabbli għat-twettiq ta' evalwazzjonijiet tal-arkeoloġija preventiva ([5]). Dawn huma operazzjonijiet preliminari li jseħħu qabel proġetti ta' żvilupp tal-art ([6]) li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-patrimonju arkeoloġiku. Permezz ta' studji, stħarriġ jew xogħol fuq il-post, dawn l-operazzjonijiet ifittxu li jidentifikaw u jiddeskrivu kwalunkwe element ta' patrimonju arkeoloġiku li jista' jkun preżenti fuq is-sit u li jippreżentaw is-sejbiet f'rapport ([7]). Ir-rapport fih informazzjoni xjentifika li tippermetti lill-Istat jordna l-miżuri xierqa ta' salvagwardja tal-patrimonju (skavi, emendi tal-proġett ta' żvilupp jew skedar bħala monument storiku).

(12) Fil-prattika, meta proġett ta' żvilupp joħloq riskju li jinqerdu fdalijiet arkeoloġiċi, l-Istat jordna evalwazzjoni, skavar arkeoloġiku preventiv jew miżura biex jiżgura l-preservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku *in situ* (emenda ta' proġetti ta' żvilupp jew skedar bħala monumenti storiċi).

(13) Ix-xogħol ta' evalwazzjoni huwa kompitu tas-servizz pubbliku ffinanzjat minn sussidju operattiv imħallas lill-INRAP mill-Istat fil-forma ta' approprjazzjonijiet tal-baġit previsti fil-Liġi tal-Baġit (il-Programm 175 – "Patrimonju"). Qabel l-2016, din l-attività essenzjalment kienet iffinanzjata minn parti mir-rikavat mill-imposta tal-arkeoloġija preventiva (*redevance d'archéologie préventive* – "RAP").

(14) Mill-2003 'l hawn, din l-attività tal-INRAP ġiet kondiviża mad-dipartimenti arkeoloġiċi pubbliċi tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali awtorizzati mill-Istat. Id-distribuzzjoni tal-evalwazzjonijiet bejn l-awtoritajiet lokali jew reġjonali awtorizzati u l-INRAP ma hijiex kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-Istat, mill-iżviluppatur jew mill-INRAP. Hija (ara l-Premessa 15 hawn taħt) id-deċiżjoni indipendenti tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali awtorizzati li jwettqu evalwazzjonijiet, meħuda permezz ta' proċedura li hija regolata strettament mill-Kodiċi tal-

([3]) F'konformità mal-Artikolu R.545-24 tal-Kodiċi tal-Patrimonju (*Code du patrimoine*).

([4]) L-Artikolu L.521-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju jiddefinixxi l-arkeoloġija preventiva kif ġej: "L-arkeoloġija preventiva, li hija kompitu tas-servizz pubbliku, hija parti integrali mill-arkeoloġija. Hija rregolata mill-prinċipji applikabbli għal kwalunkwe riċerka xjentifika. L-objettiv tagħha huwa li tiżgura, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-individwazzjoni, il-preservazzjoni jew is-salvataġġ permezz ta' studju xjentifiku, fuq l-art jew taħt l-ilma, ta' oġġetti ta' patrimonju arkeoloġiku affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati minn xogħol ta' żvilupp pubbliku jew privat. Għandha wkoll l-għan li tinterpreta u xxerred ir-riżultati ta' dan ix-xogħol."

([5]) F'konformità mal-Artikoli L.523-1 u R.545-26 tal-Kodiċi tal-Patrimonju.

([6]) Il-proġetti ta' żvilupp tal-art li jeħtieġu evalwazzjoni arkeoloġika minn qabel jiġu ddeżinjati mill-prefett reġjonali. Il-prefett reġjonali – jew, b'delega, id-dipartiment reġjonali tal-arkeoloġija (*Service Régional de l'Archéologie*) fid-direttorati reġjonali għall-affarijiet kulturali (*directions régionales des affaires culturelles*) – jista' jordna evalwazzjoni fejn ikollu evidenza li proġett ta' żvilupp li jkun ġie riferut lilu x'aktarx li jkun se jaffettwa oġġetti ta' patrimonju arkeoloġiku. Skont l-Artikolu R.523-4 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, dan li ġej irid jiġi riferut lill-prefett reġjonali: i) proġetti ta' żvilupp soġġetti għal dikjarazzjoni jew għal permess skont il-Kodiċi tal-Ippjanar Urban (*Code d'urbanisme*) (permess ta' ppjanar, permess ta' demolizzjoni, permess ta' żvilupp, deċiżjoni li jinħolqu żoni ta' żvilupp ddeżinjati pubblikament (*zones d'aménagement concerté,* – "ZACs"), fejn jitwettqu f'żoni deżinjati bħala li x'akatarx huma soġġetti għal protezzjoni arkeoloġika (*zones de présomption de prescription archéologique*); ii) il-ħolqien ta' ZACs u ta' proġetti ta' akkomodazzjoni b'erja akbar minn tliet ettari; iii) ċerti proġetti soġġetti għal dikjarazzjoni minn qabel, bħall-iskavar tal-ħamrija, it-tħawwil tas-siġar, it-tneħħija tal-ġdur, il-ħolqien ta' mogħdijiet jew kanali tal-ilma, eċċ.; iv) xogħlijiet ta' żvilupp u ta' inġinerija ppreċeduti minn studju tal-impatt f'konformità mal-Kodiċi Ambjentali (*Code de l'environnement*); u v) xogħlijiet fuq binjiet skedati bħala monumenti storiċi. F'żoni oħra għajr żoni deżinjati bħala li x'aktarx huma soġġetti għal protezzjoni arkeoloġika, l-awtoritajiet responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-iżviluppi jistgħu jiddeċiedu li jirreferu proġetti li x'aktarx jaffettwaw elementi tal-patrimonju arkeoloġiku lill-prefett reġjonali.

([7]) L-Artikolu R.523-15(1) tal-Kodiċi tal-Patrimonju.

Patrimonju. Id-Direttorat Reġjonali għall-Affarijiet Kulturali (*direction régionale des affaires culturelles*) ([8]) l-ewwel jitlob lid-dipartimenti arkeoloġiċi tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali jagħmlu dan. Dawn id-dipartimenti jkollhom 14-il jum biex jiddeċiedu jekk jaċċettawx il-kompitu jew le. Jekk jirrifjutaw (jew ma jaċċettawx), l-evalwazzjoni titwettaq mill-INRAP. L-INRAP iwettaq madwar 80 % tal-evalwazzjonijiet ordnati mill-Istat, filwaqt li l-20 % li jifdal jitwettqu mid-dipartimenti arkeoloġiċi awtorizzati tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali ([9]).

(15) Jekk tkun meħtieġa evalwazzjoni, din tista' tiġi fdata lil dipartiment arkeoloġiku ta' awtorità lokali jew reġjonali, debitament awtorizzat mill-Istat f'konformità mal-Artikolu L.522-8 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, jew, fin-nuqqas ta' dan, lill-INRAP. Sal-31 ta' Diċembru 2024, 63 dipartiment ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali għandhom l-awtorizzazzjoni rilevanti.

(16) L-awtorizzazzjoni tagħti s-setgħa lid-dipartiment tal-awtorità lokali jew reġjonali biex iwettaq kull evalwazzjoni ordnata jew uħud minnhom. F'konformità mal-Artikoli L.523-4 u R.523-25 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, awtorità lokali jew reġjonali tista' tiddeċiedi li:

— twettaq evalwazzjoni arkeoloġika preventiva fir-rigward ta' proġett ta' żvilupp imwettaq fit-territorju tagħha; sal-31 ta' Diċembru 2024, 51 dipartiment ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali kienu għażlu li jagħmlu dan; jew

— twettaq, għal perjodu minimu ta' 3 snin (l-Artikolu R.523-27 tal-Kodiċi tal-Patrimonju), l-evalwazzjonijiet kollha ordnati fir-rigward ta' proġetti ta' żvilupp imwettqa fit-territorju tagħha. Sal-31 ta' Diċembru 2024, 12-il dipartiment ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali kienu għażlu li jagħmlu dan.

(17) Meta l-Istat jordna evalwazzjoni, il-proċedura għall-ħatra tal-operatur responsabbli biex iwettaqha hija kif ġej:

— Jekk ikun hemm dipartiment awtorizzat ta' awtorità lokali jew reġjonali fit-territorju li fih ikun ippjanat l-iżvilupp li jkun għażel li jwettaq l-evalwazzjonijiet kollha, l-evalwazzjoni tiġi awtomatikament assenjata lilu.

— Jekk ikun hemm dipartiment wieħed jew aktar ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali awtorizzati fit-territorju li fih ikun ippjanat l-iżvilupp, l-operatur responsabbli huwa, f'ordni ta' prijorità: il-muniċipalità, imbagħad id-dipartiment, u fl-aħħar ir-reġjun. L-awtorità lokali jew reġjonali, innotifikata skont l-ordni ta' prijorità, tinforma lill-Istat bid-deċiżjoni tagħha dwar l-evalwazzjoni fi żmien 14-il jum mill-wasla tan-notifika ta' evalwazzjoni. Jekk l-ebda dipartiment ta' awtorità lokali jew reġjonali awtorizzata ma jkun jixtieq iwettaq l-evalwazzjoni, din tiġi assenjata lill-INRAP.

— Jekk ma jkun hemm l-ebda awtorità lokali jew reġjonali awtorizzata fit-territorju li fih ikun ippjanat l-iżvilupp, l-evalwazzjoni tiġi assenjata awtomatikament lill-INRAP.

(18) L-INRAP huwa responsabbli wkoll għall-istudju xjentifiku tal-operazzjonijiet tal-arkeoloġija preventiva u għat-tixrid tar-riżultati tagħhom. Dan jikkontribwixxi għat-tagħlim, għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u għall-promozzjoni tal-arkeoloġija ([10]).

2.1.2. *Attivitajiet kompetittivi relatati ma' skavi arkeoloġiċi*

(19) L-INRAP iwettaq ukoll skavi arkeoloġiċi preventivi ([11]). Dawn l-iskavi jitwettqu qabel proġetti ta' żvilupp tal-art li x'aktarx jagħmlu ħsara lill-fdalijiet arkeoloġiċi skoperti matul l-evalwazzjonijiet. Fil-1 ta' Awwissu 2003, Franza fetħet is-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi għall-kompetizzjoni bil-Liġi Nru 2003-707.

([8]) Fi Franza, direttorat reġjonali għall-affarijiet kulturali huwa dipartiment devolut tal-Ministeru għall-Kultura f'kull reġjun.
([9]) Rapport ta' Martine Faure, MP, ikkummissjonat mill-Ministru għall-Kultura u l-Komunikazzjoni, *Pour une politique publique équilibrée de l'archéologie préventive* (Lejn politika pubblika bbilanċjata dwar l-arkeoloġija preventiva), Mejju 2015, disponibbli fuq: https://www.banquedesterritoires.fr/sites/default/files/ra/Le%20rapport%20de%20Martine%20Faure%20sur%20l%27arch%C3%A9ologie%20pr%C3%A9ventive..pdf).
([10]) F'konformità mal-Artikolu L.523-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju.
([11]) F'konformità mal-Artikoli L.523-1 u R.545-26 tal-Kodiċi tal-Patrimonju.

(20) L-iżviluppaturi issa jistgħu jagħżlu wieħed mill-operaturi li ġejjin biex jimplimentaw ordni tal-Istat: (i) l-INRAP, (ii) id-dipartimenti arkeoloġiċi awtorizzati tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali jew (iii) kwalunkwe persuna oħra rregolata mid-dritt pubbliku jew privat, dment li l-għarfien espert xjentifiku tagħha jkun akkreditat mill-Istat ([12]).

2.1.3. *Attivitajiet bħala "operatur tal-aħħar istanza" relatati ma' skavi arkeoloġiċi*

(21) L-Artikolu L.523-10 tal-Kodiċi tal-Patrimonju jistipula li "fejn l-ebda operatur ieħor ma jkun applika jew jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-iskavi, [l-INRAP] irid iwettaqhom fuq talba tal-persuna li tkun qed tippjana li twettaq ix-xogħlijiet […]". L-Artikolu L.523-13 tal-Kodiċi tal-Patrimonju jiddikjara wkoll li "fil-każ li l-operatur tal-iskavar iwaqqaf l-attivitajiet tiegħu jew li l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tiegħu tiġi rtirata, [l-INRAP] għandu jkompli kwalunkwe operazzjoni arkeoloġika li tkun għadha ma tlestietx […]".

(22) Dan l-obbligu impost fuq l-INRAP jiżgura l-kontinwità tas-servizz pubbliku tal-arkeoloġija preventiva fit-territorju nazzjonali kollu. L-iżviluppatur jagħżel b'mod liberu l-operatur tal-infrastruttura preventiva (l-INRAP, korp privat akkreditat jew dipartiment awtorizzat ta' awtorità lokali jew reġjonali) u jaqbel miegħu fuq il-prezz tas-servizz.

(23) Dan l-obbligu li jaġixxi bħala operatur tal-aħħar istanza jirrikjedi li l-INRAP iżomm preżenza fit-territorju nazzjonali kollu u li jkollu, f'kull mument, l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tiegħu biex iwettaq il-kompiti tiegħu sal-iskadenzi stabbiliti mil-liġi. B'hekk dan iwassal għal kost strutturali li ma jistax jiġi kopert kompletament mir-remunerazzjoni riċevuta mill-INRAP meta jaġixxi bħala operatur tal-aħħar istanza.

(24) Fin-nuqqas ta' kandidat, l-iżviluppatur jissottometti t-talba tiegħu lill-INRAP flimkien mal-ordni ta' skavar maħruġa mill-Istat li magħha tkun annessa speċifikazzjoni tal-offerta, li tistabbilixxi l-arranġamenti tekniċi li għandhom jiġu rrispettati.

(25) L-INRAP imbagħad ikollu xahrejn biex jibgħat lill-iżviluppatur abbozz ta' kuntratt li jistabbilixxi t-termini għat-twettiq tal-iskavar. Dan irid jinkludi, fost l-oħrajn, id-deskrizzjoni xjentifika tal-proġett, id-data tal-bidu proviżorja tal-iskavar, id-durata tiegħu u l-prezz tal-operazzjoni. Il-kuntratt iffirmat bejn l-iżviluppatur u l-INRAP irid jintbagħat lill-prefett reġjonali li jawtorizza jew jirrifjuta l-iskavar skont jekk it-termini tal-kuntratt jikkonformawx mal-ordni jew le.

(26) Il-prezz propost mill-INRAP irid jiġi ddeterminat abbażi tal-kriterji li japplikaw għal kwalunkwe attività kompetittiva (skont il-prinċipju tal-profittabbiltà). Dawn il-kriterji jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-kap tal-INRAP f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti mill-bord tal-gvernaturi tiegħu.

(27) Kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn l-iżviluppatur u l-INRAP dwar it-termini jew il-prezz jiġi solvut mill-prefett reġjonali. Dan l-arbitraġġ mill-Istat huwa maħsub biex jipprovdi garanzija lill-iżviluppatur, li ma jistax jagħżel l-operatur.

(28) L-INRAP ikollu 6 xhur mid-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tal-iskavar mill-prefett reġjonali biex jibda l-operazzjoni. Jekk jonqos milli jikkonforma ma' din l-iskadenza jew jekk l-operazzjoni ma tkunx tlestiet fi żmien 18-il xahar minn dik id-data (tista' tiġġedded darba b'deċiżjoni tal-prefett reġjonali), l-ordni ta' skavar maħruġa mill-Istat titqies li tkun skadiet.

(29) Jekk operatur tal-iskavar iwaqqaf l-attivitajiet tiegħu jew ikollu l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tiegħu rtirata qabel ma jitlesta l-iskavar, l-INRAP irid ikompli l-iskavar mhux lest.

(30) Wara li jqis l-istat ta' progress tal-operazzjoni u t-termini tal-ispeċifikazzjoni annessi mal-ordni ta' skavar maħruġa mill-Istat, l-INRAP irid ifassal deskrizzjoni ta' proġett xjentifiku għat-tlestija tal-operazzjoni.

(31) Il-prezz propost mill-INRAP jiġi ddeterminat skont l-istess kriterji li japplikaw jekk kandidat jonqos milli jwettaq l-iskavar (ara l-premessa 26).

([12]) L-Artikolu L.523-8 tal-Kodiċi tal-Patrimonju.

(32) Fil-każ ta’ ftehim, kuntratt konkluż bejn l-iżviluppatur u l-INRAP jistabbilixxi l-prezz u l-iskadenzi għat-twettiq tal-iskavar. Il-kuntratt iffirmat bejn l-iżviluppatur u l-INRAP irid jintbagħat lill-prefett reġjonali, li jawtorizza jew jirrifjuta l-iskavar skont jekk it-termini tal-kuntratt jikkonformawx mal-ordni jew le.

(33) Fil-każ ta’ nuqqas ta’ qbil bejn l-iżviluppatur u l-INRAP dwar il-prezz u/jew l-iskadenzi, il-parti li tqajjem il-kwistjoni tirreferi l-kwistjoni lill-prefett, li jistabbilixxi l-prezz u/jew l-iskadenzi taħt l-istess kundizzjonijiet bħal fin-nuqqas ta’ kandidat inizjali li jwettaq l-iskavi (ara l-premessa 27).

2.1.4. *Sommarju tal-attivitajiet tal-INRAP*

(34) Għalhekk, l-INRAP huwa fdat b’kompiti li fir-rigward tagħhom ma jikkompetix ma’ operaturi privati akkreditati mill-Istat (attivitajiet “mhux kompetittivi” jew ta’ “servizz pubbliku”). Dawn il-kompiti huma evalwazzjonijiet arkeoloġiċi preventivi, l-istudju xjentifiku ta’ operazzjonijiet arkeoloġiċi preventivi, it-tixrid tar-riżultati, attivitajiet edukattivi, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-promozzjoni tal-arkeoloġija. B’kuntrast ma’ dan, l-INRAP jikkompeti ma’ operaturi akkreditati mill-Istat fil-qasam tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi (“attivitajiet kompetittivi”). Fil-kuntest ta’ dawk l-attivitajiet kompetittivi, l-INRAP huwa soġġett għal obbligu ta’ servizz pubbliku li jeħtieġ li jitwettqu skavi, fuq talba tal-iżviluppatur u taħt is-superviżjoni tal-Istat, meta ma jkun hemm l-ebda operatur ieħor li jkun kapaċi jimplimenta l-ordni.

2.2. **Kif huwa ffinanzjat l-INRAP**

(35) L-Artikolu L.524-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju jistipula li “[L-INRAP] għandu jiġi ffinanzjat minn: ... (b) sussidji mill-Istat jew minn kwalunkwe persuna pubblika jew privata oħra; (c) remunerazzjoni għall-attivitajiet ta’ skavar li jwettaq”.

(36) Għall-attivitajiet mhux kompetittivi tiegħu matul il-perjodu 2008–2021, jiġifieri l-perjodu kopert mill-ilment, l-INRAP irċieva l-finanzjament pubbliku li ġej:

(a) sal-31 ta’ Diċembru 2015, parti mir-rikavat mill-imposta tal-arkeoloġija preventiva (RAP) ([13]);

(b) sussidji mill-approprjazzjonijiet tal-baġit ([14]);

(c) mill-1 ta’ Jannar 2016, għotja operattiva mħallsa mill-Ministeru għall-Kultura fil-forma ta’ approprjazzjonijiet tal-baġit previsti fil-Liġi tal-Baġit (il-Programm 175) ([15]);

(d) għotja operattiva mħallsa mill-Ministeru għall-Kultura fil-forma ta’ approprjazzjonijiet tal-baġit previsti fil-Liġi tal-Baġit (il-Programm 186 – “Riċerka kulturali u kultura xjentifika”, li mill-2021 ’l hawn hija integrata fil-Programm 361 “Trażmissjoni tal-għarfien u demokratizzazzjoni tal-kultura”) ([16]);

(e) diversi sussidji minn entitajiet pubbliċi Franċiżi jew mhux Franċiżi minbarra l-ministeri kompetenti ([17]).

(37) L-ammonti ta’ dawn is-sorsi ta’ finanzjament huma stabbiliti kull sena fil-Liġi tal-Baġit.

([13]) Sal-31 ta’ Diċembru 2015, l-RAP kienet imposta bħala taxxa iżda allokata direttament lill-Fond Nazzjonali għall-Arkeoloġija Preventiva (*Fonds national pour l’archéologie préventive*) u lill-operaturi tal-evalwazzjoni (l-INRAP u l-awtoritajiet lokali jew reġjonali) biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta’ evalwazzjoni u riċerka tagħhom. F’konformità mal-Artikolu L.524-2 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, l-RAP hija pagabbli minn kull min, inklużi s-sidien konġunti, jippjana li jwettaq xogħol li jaffettwa s-sottoswol u li (a) huwa soġġett għal awtorizzazzjoni jew għal dikjarazzjoni minn qabel skont il-Kodiċi tal-Ippjanar Urban; (b) jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt skont il-Kodiċi Ambjentali; jew (c) fil-każ ta’ xogħol ta’ skavar tal-ħamrija, huwa soġġett għal dikjarazzjoni amministrattiva minn qabel f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f’digriet tal-Kunsill tal-Istat. Jekk ix-xogħol jinqasam, l-erja tal-art li għandha titqies hija dik tal-programm ta’ ħidma ġenerali.

([14]) Sabiex jikkumpensa għan-nuqqas ta’ rikavati mill-RAP, l-Istat ripetutament ħallas sussidji addizzjonali lill-INRAP minn approprjazzjonijiet tal-baġit biex ikopri t-twettiq tal-kompiti tiegħu ta’ evalwazzjoni u ta’ riċerka.

([15]) Fl-1 ta’ Jannar 2016, din l-għotja issostitwiet il-ġbir dirett tal-RAP mill-INRAP, li ilu minn dak iż-żmien jitħallas fil-baġit ġenerali tal-Istat.

([16]) Din l-għotja tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kompiti ta’ riċerka u ta’ tixrid kulturali tal-INRAP.

([17]) Dawn is-sussidji tħallsu għal operazzjonijiet speċifiċi mhux kompetittivi, b’mod partikolari abbażi ta’ sejħiet għal proġetti, u kienu jinvolvu ammonti marġinali.

(38) Wara dik id-data, wara l-adozzjoni tal-Liġi tal-Baġit Nru 2015-1785 għall-2016 tad-29 ta' Diċembru 2015, li ħassret il-punt (a) tal-Artikolu L.524-1 imsemmi hawn fuq, l-attivitajiet mhux kompetittivi tal-INRAP ġew iffinanzjati essenzjalment minn għotja operattiva mħallsa lilu mill-Istat fil-forma ta' approprjazzjonijiet tal-baġit previsti fil-Liġi tal-Baġit (il-Programm 175 – "Patrimonju"). Minn dak iż-żmien, l-RAP tħallas fil-baġit ġenerali tal-Istat. Issa jissodisfa d-definizzjoni ta' taxxa.

(39) L-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti lill-INRAP għall-attivitajiet mhux kompetittivi tiegħu matul il-perjodu 2008–2021 kien ta' EUR [900–1 300] (*) miljun ([18]).

(40) Barra minn hekk, matul il-perjodu 2008–2021, mill-2015 'il quddiem l-INRAP irċieva sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu bħala operatur tal-aħħar istanza għall-iskavi arkeoloġiċi. Dawn is-sussidji kienu ta' EUR 22,69 miljun għall-perjodu 2015–2018 ([19]). Għall-perjodu 2019–2021, l-ammont kien ta' EUR 21,72 miljun (EUR 7,24 miljun fis-sena). Madankollu, fl-2019 l-INRAP għażel li jalloka l-finanzjament pubbliku kollu riċevut mill-Istat, inkluż is-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, għall-attivitajiet strettament mhux kompetittivi tegħu, f'konformità mal-impenji magħmula lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni. Konsegwentement, mill-2019 'l hawn, l-ebda sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ma ffinanzja l-attivitajiet ta' skavar preventiv tal-INRAP.

(41) Is-sussidju annwali għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jiġi adottat kull sena mill-Parlament bħala parti mil-Liġi tal-Baġit. Dan jiddaħħal fl-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-Programm 175 — "Patrimonju". Għalhekk huwa forma ta' finanzjament bil-quddiem b'rata fissa u mhux rimborż jew kumpens imħallas wara l-avveniment għall-kostijiet imġarrba mill-INRAP.

(42) Dan is-sussidju ġie stabbilit minħabba t-tnaqqis sinifikanti fis-suq tal-iskavar mill-2012 'l hawn, li warajh id-dħul tal-INRAP naqas bi [38–52] % bejn l-2013 u l-2017. Filwaqt li sal-2014, l-INRAP kien kapaċi jkopri l-kostijiet li jirriżultaw mill-obbligu tiegħu li jintervjeni bħala operatur tal-aħħar istanza bis-saħħa tas-surpluses li rriżultaw mill-attivitajiet kompetittivi tiegħu, mill-2015, it-kontrazzjoni tas-suq ma ħallitux jibqa' jagħmel dan. Għalhekk ġie deċiż li jitħallsu sussidji mill-2015 'il quddiem speċifikament għal ċerti kostijiet addizzjonali ġġenerati minn dak l-obbligu.

(43) Bejn l-2015 u l-2018, is-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi mħallas lill-INRAP kien speċifikament għall-kostijiet addizzjonali li ġejjin iġġenerati mill-obbligi imposti mil-leġiżlatur fis-suq tal-iskavar:

— **Preżenza fit-territorju kollu**: L-INRAP jeħtieġlu jopera network ta' 54 uffiċċju biex ikopri t-territorju kollu, filwaqt li l-operatur privat ewlieni li jwettaq skavi fit-territorju Franċiż kollu, li ma huwiex soġġett għal obbligu bħal dan, għandu 16-il uffiċċju biss. It-38 uffiċċju addizzjonali jiġġeneraw kostijiet addizzjonali f'termini ta' kera, imposti u manutenzjoni.

— **Kapaċità ta' intervent f'kull mument u f'kull ambjent**: L-INRAP jeħtieġ li jimpjega madwar 60 speċjalista fuq bażi permanenti (arkeożoologi, palinologi, eċċ.). Dan l-obbligu jinvolvi kostijiet marġinali għar-remunerazzjoni u għall-imposti.

— **Pjan għall-indirizzar tal-impjiegi prekarji**: abbażi ta' ftehim politiku bejn il-Ministru għall-Kultura u t-trade unions, l-INRAP adotta pjan għall-indirizzar tal-impjiegi prekarji matul il-perjodu 2014–2016 billi rrekluta 210 membri tal-persunal b'kuntratti indefiniti li diġà kienu qed jaħdmu fl-INRAP fuq kuntratti b'terminu fiss, f'kuntest ta' kontrazzjoni qawwija ħafna fis-suq tal-iskavar.

— **Kostijiet tat-taxxa addizzjonali**: il-kostijiet tat-taxxa addizzjonali huma marbuta mat-taxxa reġjonali fuq in-negozju (*Contribution Économique Territoriale – CET*), li hija magħmula mit-taxxa fuq il-proprjetà tal-kumpanija (*Cotisation Foncière des Entreprises – CFE*) u l-kontribuzzjoni tal-valur miżjud tan-negozju (*Cotisation sur la Valeur Ajoutée des Entreprises – CVAE*).

  — Taxxa fuq il-proprjetà tal-kumpanija: il-kostijiet addizzjonali ġġenerati mit-38 uffiċċju addizzjonali operati mill-INRAP awtomatikament iwasslu għal żieda fit-taxxa fuq il-proprjetà tal-kumpanija. Ta' min jinnota li t-taxxa reġjonali fuq in-negozju hija attribwita fl-intier tagħha lis-settur kompetittiv.

(*) *Sigriet kummerċjali.*
([18]) Sors: l-awtoritajiet Franċiżi.
([19]) *Ibid.*

— Kontribuzzjoni tal-valur miżjud tan-negozju: L-INRAP kienet responsabbli għall-kontribuzzjoni tal-valur miżjud tan-negozju b'rata ta' 1,5 % tal-valur miżjud għall-finijiet tat-taxxa. Peress li s-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi żied dawn tal-aħħar, l-ammont taxxabbli għaldaqstant kien ogħla, u dan jiġġenera kost addizzjonali attribwibbli lis-settur kompetittiv. Mill-2019, is-sussidju ġie allokat lis-settur mhux kompetittiv, li kellu l-effett li jinnewtralizzza l-impatt tiegħu fuq il-valur miżjud u għalhekk fuq l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-valur miżjud tan-negozju.

(44) Matul il-perjodu 2008–2021, l-INRAP ibbenefika wkoll mill-kreditu tat-taxxa għar-riċerka (*crédit d'impôt recherche – "CIR"*) ([20]). Il-kreditu tat-taxxa għar-riċerka tħallas mill-2016 'il quddiem għas-snin mill-2013 'l hawn. L-ammont tal-kreditu tat-taxxa għar-riċerka mogħti għas-snin 2013–2021 huwa ta' EUR [55–75] miljun ([21]).

(45) Fl-aħħar nett, l-INRAP irċieva injezzjoni ta' kapital ta' EUR [20–25] miljun mill-Ministeru għall-Kultura fuq 3 snin finanzjarji suċċessivi (2015, 2016 u 2017) biex ikun jista' jħallas id-dejn li ġarrab meta ġie stabbilit mal-Agence France Trésor (AFT) ([22]).

(46) Skont ir-rapport tal-attività tal-2020 tal-INRAP ([23]), fil-31 ta' Diċembru 2020 kellu: 2 286 membru tal-persunal, EUR 175 miljun fi dħul fl-2020, u introjtu nett ta' EUR 6,4 miljun.

## 2.3. Preżenza tal-INRAP fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi

(47) L-INRAP huwa preżenti fir-reġjuni ta' Auvergne – Rhône-Alpes, Bourgogne – Franche-Comté, Ile-de-France, Grand Est, Grand Ouest, Hauts-de-France, Midi-Méditerranée u Novelle-Aquitaine u fit-territorji ekstra-Ewropej.

*Mappa1*

**Preżenza tal-INRAP fi Franza fl-1 ta' Jannar 2024**




*Sors:* Rapport tal-attività tal-INRAP għall-2023

([20]) Il-kreditu tat-taxxa għar-riċerka huwa miżura li tappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (riċerka u żvilupp) li għalihom l-ispejjeż imġarrba jistgħu jitnaqqsu mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu taħt ċerti kundizzjonijiet u sa grad li jiddependi fuq l-ammonti tal-investimenti.

([21]) Sors: l-awtoritajiet Franċiżi. L-awtoritajiet Franċiżi argumentaw b'mod konsistenti li l-kreditu tat-taxxa għar-riċerka huwa miżura mhux selettiva li tappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u, fil-fehma tagħhom, ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat.

([22]) Sors: l-awtoritajiet Franċiżi.

([23]) Ir-rapport tal-attività tal-INRAP għall-2020: inrap_ra2020_vexe-bd_1.pdf.

(48) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti mil-leġiżlatur dwar il-koerenza u l-funzjonament bla xkiel tas-servizz pubbliku tal-arkeoloġija preventiva (l-Artikolu L.522-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju), il-Ministeru tal-Kultura jrid iwettaq inventarju tas-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi. Għal dan l-għan, jiddependi minn fluss regolari ta' informazzjoni mid-dipartimenti arkeoloġiċi tal-Istat fuq il-kuntratti kollha konklużi bejn l-operaturi u l-iżviluppaturi li d-dipartimenti għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu R.523-45 tal-Kodiċi tal-Patrimonju.

(49) Dan l-inventarju tas-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi jrid jinkludi l-għadd ta' skavi awtorizzati u l-ammonti stmati tal-kuntratti konklużi bejn l-iżviluppaturi u l-operaturi.

*Tabella 1*

**Distribuzzjoni tal-għadd ta' skavi awtorizzati fi Franza matul il-perjodu 2009–2024**

| Sena | INRAP | | Operaturi oħrajn | | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għadd ta' skavi arkeoloġiċi preventivi awtorizzati | % | Għadd ta' skavi arkeoloġiċi preventivi awtorizzati | % | |
| 2009 | […] | […] | […] | […] | 368 |
| 2010 | […] | […] | […] | […] | 457 |
| 2011 | […] | […] | […] | […] | 448 |
| 2012 | […] | […] | […] | […] | 525 |
| 2013 | […] | […] | […] | […] | 490 |
| 2014 | […] | […] | […] | […] | 457 |
| 2015 | […] | […] | […] | […] | 447 |
| 2016 | […] | […] | […] | […] | 458 |
| 2017 | […] | […] | […] | […] | 431 |
| 2018 | […] | […] | […] | […] | 478 |
| 2019 | […] | […] | […] | […] | 460 |
| 2020 | […] | […] | […] | […] | 413 |
| 2021 | […] | […] | […] | […] | 442 |
| 2022 | […] | […] | […] | […] | 462 |
| 2023 | […] | […] | […] | […] | 496 |
| 2024 | […] | […] | […] | […] | 468 |
| Total | [3 600–4 000] | [38–53] % | [3 300–3 700] | [40–50] % | 7 300 |

(50) Mill-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-perjodu 2009–2024 jidher ċar li l-INRAP jokkupa pożizzjoni sinifikanti fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi u jwettaq bħala medja [38–53] % tal-iskavi preventivi awtorizzati ([24]), meta mqabbel ma' [40–50] % imwettqa minn operaturi oħra fi Franza ([25]).

([24]) In-numru ta' referenza huwa l-għadd ta' skavi awtorizzati, peress li tipikament jiġu ordnati għadd ogħla ta' skavi iżda qatt ma jiġu awtorizzati jew imwettqa.

([25]) Sorsi: Il-Ministeru għall-Kultura, Data numerika dwar l-arkeoloġija preventiva (aġġornata sal-1 ta' April 2025), u r-rapporti tal-attività tal-INRAP.

*Tabella 2*

**Distribuzzjoni tas-sehem mis-suq tal-iskavar skont il-valur matul il-perjodu 2009–2024**

| Sena | INRAP | | Operaturi oħrajn | | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | Kostijiet tal-iskavar ipproġettati (miljuni ta’ euro) | % | Kostijiet tal-iskavar ipproġettati (miljuni ta’ euro) | % | |
| 2009 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2010 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2011 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2012 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2013 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2014 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2015 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2016 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2017 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2018 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2019 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2020 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2021 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2022 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2023 | […] | […] | […] | […] | […] |
| 2024 | […] | […] | […] | […] | […] |
| Total | […] | [52–61] % | […] | [41–49] % | […] |

(51) Matul il-perjodu 2009–2024, is-sehem tal-INRAP skont il-valur tas-suq tal-iskavar preventiv kien, bħala medja, [52–61] %, meta mqabbel ma’ [41–49] % għal operaturi oħra (dipartimenti awtorizzati ta’ awtoritajiet lokali jew reġjonali u operaturi privati) ([26]).

([26]) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li din id-differenza hija dovuta għal effett tal-volum u effett tal-prezz: effett tal-volum minħabba li, bħala medja, l-INRAP iwettaq għadd akbar ta’ operazzjonijiet fis-sena mill-kompetituri tiegħu; u effett tal-prezz minħabba li l-prezzijiet tal-bejgħ għal kull ettaru offruti kull sena mill-INRAP matul il-perjodu 2009-2024 kważi dejjem kienu ogħla minn dawk ta’ operaturi oħra u bħala medja kienu […] % ogħla mill-medja nazzjonali (EUR […] għall-INRAP, meta mqabbel ma’ EUR […] għall-operaturi l-oħra kollha).

## 3. PROĊEDURA TA’ INVESTIGAZZJONI FORMALI

### 3.1. Deskrizzjoni tal-miżuri koperti mill-proċedura ta’ investigazzjoni formali

(52) L-ilment imressaq minn EVEHA jikkonċerna (i) is-sussidjar reċiproku potenzjali bejn l-attivitajiet kompetittivi u dawk mhux kompetittivi tal-INRAP, u (ii) is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi tal-INRAP.

#### 3.1.1. *Sussidjar reċiproku potenzjali bejn l-attivitajiet kompetittivi u dawk mhux kompetittivi tal-INRAP.*

(53) Kif huwa indikat fil-premessa 29 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, EVEHA targumenta li l-INRAP ma jisseparax l-attivitajiet mhux kompetittivi u dawk kompetittivi tiegħu b’mod xieraq fil-kontijiet tiegħu.

(54) L-ewwel nett, fir-rigward tal-perjodu 2008–2018, li jikkorrispondi għal parti mill-perjodu kopert mill-eżami preliminari tal-Kummissjoni ta’ dawn il-miżuri, qabel l-implimentazzjoni tas-separazzjoni kontabilistika l-ġdida tal-INRAP ([27]):

— Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni nnotat li l-ħtieġa li tittejjeb il-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP tqajmet diversi drabi mill-2013 ’l hawn. Għalhekk, l-Ewwel President tal-Qorti Franċiża tal-Awdituri indika fil-memorandum Nru 67181 tas-6 ta’ Ġunju 2013 indirizzat lill-Ministru għall-Kultura u l-Komunikazzjoni u lill-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka li “diversi azzjonijiet [dehru] meħtieġa b’mod urġenti sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni leali u tiġi ppreservata l-kwalità xjentifika tal-operazzjonijiet ta’ skavar”. B’mod partikolari, saret referenza għall-ħtieġa li “[jittejjeb] il-metodu tal-kontabbiltà tal-kostijiet użat bħalissa mill-INRAP”. Barra minn hekk, fir-rapport pubbliku annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-2016, il-Ministru għall-Finanzi u l-Kontijiet Pubbliċi u s-Segretarju tal-Istat għall-Baġit irrikonoxxew li “l-kontabbiltà tal-kostijiet għadha trid tiġi introdotta bis-sħiħ fl-INRAP”.

— Barra minn hekk, kif imsemmi minn EVEHA ([28]) u nnotat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta’ Ġunju 2017 ([29]), l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Franċiża indikat li l-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP ma kinitx tiggarantixxi separazzjoni kontabilistika u finanzjarja mill-iżjed soda u affidabbli bejn l-attivitajiet mhux kompetittivi u mhux kompetittivi tal-INRAP ([30]). Hija żiedet li “għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li jeżisti riskju ta’ sussidjar reċiproku bejn l-attivitajiet tiegħu [mingħajr skop ta’ qligħ u bi skop ta’ qligħ], li x’aktarx jirriżulta fl-applikazzjoni ta’ prattiki tal-ipprezzar li jistgħu jammontaw għal ipprezzar predatorju jew jipproduċu effett ta’ evizzjoni. ([31]) L-Awtorità tal-Kompetizzjoni nnotat “li, mill-2013, id-dħul assenjat mill-INRAP għall-attivitajiet tiegħu bi skop ta’ qligħ kien inqas mill-kostijiet assenjati lil dawn l-istess attivitajiet bi skop ta’ qligħ, minkejja l-fatt li s-sehem tagħhom tal-attività totali tal-INRAP segwa x-xejra opposta, li jissuġġerixxi li l-attività totali tal-INRAP hija mmexxija primarjament mill-attivitajiet tagħha mingħajr skop ta’ qligħ (minħabba li l-attività totali tal-INRAP hija l-attività tagħha bi skop ta’ qligħ u mingħajr skop ta’ qligħ)” ([32]). Għalhekk, l-Awtorità tal-Kompetizzjoni aċċettat l-impenji magħmula mill-INRAP dwar l-introduzzjoni ta’ “sistema tal-kontabbiltà tal-kostijiet li tagħmilha possibbli mhux biss li tiġi żgurata separazzjoni kontabilistika u finanzjarja stretta (mill-iżjed soda u affidabbli) bejn l-attivitajiet mingħajr skop ta’ qligħ u dawk bi skop ta’ qligħ tagħha, iżda wkoll li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tar-riżorsi allokati lil kull wieħed mill-kompiti tagħha sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta’ sussidjar reċiproku” ([33]) u għamlithom obbligatorji.

(55) It-tieni, fir -rigward tal-perjodu wara l-1 ta’ Jannar 2018, il-Kummissjoni tinnota fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha li, f’konformità mal-impenji mogħtija fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-1 ta’ Ġunju 2017, l-INRAP kienet stabbiliet sistema ta’ kontabbiltà tal-kostijiet li tippermetti identifikazzjoni aktar preċiża tad-dħul u tal-kostijiet relatati ma’ attivitajiet kompetittivi u mhux kompetittivi, rispettivament.

([27]) Ara l-premessa 35 tad-deċiżjoni tal-ftuħ. Mill-1 ta’ Jannar 2018, l-INRAP bdiet tuża sistema ġdida ta’ kontabbiltà tal-kostijiet biex tippermetti li d-dħul u l-kostijiet relatati ma’ attivitajiet kompetittivi u mhux kompetittivi, rispettivament, jiġu identifikati b’mod aktar ċar.

([28]) Ara l-premessa 42 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

([29]) Id-Deċiżjoni 17-D-09 tal-1 ta’ Ġunju 2017 dwar il-prattiki stabbiliti mill-Istitut Nazzjonali għar-Riċerka Arkeoloġika Preventiva fil-qasam tal-arkeoloġija preventiva.

([30]) Il-paragrafi 132 sa 137 tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-1 ta’ Ġunju 2017.

([31]) Il-paragrafu 149 tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-1 ta’ Ġunju 2017.

([32]) Il-paragrafu 147 tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tat-1 ta’ Ġunju 2017.

([33]) Ara s-sommarju tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-1 ta’ Ġunju 2017. EVEHA tasserixxi li dawn l-impenji ma kinux ġew onorati fiż-żmien tal-ilment. EVEHA tisħaq li, fis-6 ta’ Frar 2018, hija rreferiet lill-INRAP għand l-Awtorità tal-Kompetizzjoni minħabba n-nuqqas tagħha li tonora dawk l-impenji, abbażi tal-Artikolu L.464-2(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (*Code de commerce*).

(56) Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-awditur indipendenti inkarigat biex jivverifika, jawditja u jiċċertifika s-sistema l-ġdida tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP deher li kkunsidra, fid-dikjarazzjoni tal-konformità tiegħu għall-2018, li l-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP xorta għadha tista' tittejjeb. Filwaqt li ċċertifika li l-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP "[ikkonformat] mal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà", "[irrispettat] il-prinċipju tas-separazzjoni kontabilistika" u "ma [żvelat] l-ebda sussidjar reċiproku", l-awditur innota li "l-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet indiretti se jkollha bżonn tiġi żviluppata u mtejba aktar fil-futur".

(57) Fl-aħħar nett, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni nnotat li d-dikjarazzjoni tal-konformità għall-2020 ma kinitx għadha tirreferi għall-ħtieġa li tiġi żviluppata u mtejba aktar il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet indiretti. Din kienet iddikjarat li "l-kontijiet tal-kostijiet fil-forma attwali tagħhom ma … jiżvelaw l-ebda sussidjar reċiproku". Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li, minkejja dan it-titjib, l-awditur ma eskludiex b'mod espliċitu r-riskju ta' sussidjar reċiproku ([34]).

3.1.2. *Sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi*

(58) Is-sussidji mogħtija għall-attivitajiet kompetittivi tal-INRAP jammontaw għal EUR 22,69 miljun matul il-perjodu kopert mill-ilment. Dawn is-sussidji ngħataw matul il-perjodu 2015–2018.

3.2. **Id-deċiżjoni tal-ftuħ**

(59) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet dubji fir-rigward tal-eżistenza possibbli ta' sussidju reċiproku bejn l-attivitajiet kompetittivi u dawk mhux kompetittivi tal-INRAP li jistgħu jammontaw għal għajnuna illegali mill-Istat (ara l-premessa 74 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

(60) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE (ara l-premessi 48 sa 65 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

(61) Il-Kummissjoni lanqas ma kienet konvinta mill-affermazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jaqgħu taħt l-iskema qafas SA.42681, implimentata f'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija ([35]) ("GBER") ([36]), u bħala tali huma kompatibbli mas-suq intern (ara l-premessa 78 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

(62) Il-Kummissjoni indikat li, fin-nuqqas ta' separazzjoni kontabilistika affidabbli bejn l-attivitajiet kompetittivi u dawk mhux kompetittivi, l-ammont tal-għajnuna għal attivitajiet kompetittivi (koperti mis-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi) ma setax jiġi ddeterminat b'mod preċiż, u li għalhekk ma setax jiġi garantit li l-għajnuna kienet proporzjonata skont it-tifsira tal-Artikolu 53(7) tal-GBER.

(63) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni indikat li l-awtoritajiet Franċiżi kienu ċaħdu l-eżistenza ta' sussidju reċiproku li kien ta' benefiċċju għall-attivitajiet kompetittivi tal-INRAP. Hija nnotat ukoll li Franza ma pprovdiet l-ebda evidenza biex tistabbilixxi l-kompatibbiltà tal-għajnuna li tirriżulta minn sussidju reċiproku potenzjali. Konsegwentement, il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura (i) f'każ li jinstab li din tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(64) Barra minn hekk, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni ipprevediet l-eżaminazzjoni tal-kompatibbiltà taż-żewġ miżuri b'mod konġunt skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE (ara l-premessi 82 sa 100 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

(65) Il-Kummissjoni ddikjarat li, skont kif hija tifhem il-leġiżlazzjoni Franċiża rilevanti, l-arkeoloġija preventiva u l-attivitajiet kollha tal-INRAP jidhru li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju, u li, fi kwalunkwe każ, hija r-responsabbiltà ta' Franza li tiddetermina liema proġetti jew attivitajiet jaqgħu taħt il-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju, peress li l-Kummissjoni għandha biss is-setgħa li teżamina jekk kienx hemm żball manifest ta' valutazzjoni (ara l-premessi 86 u 87 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

([34]) Ara l-premessi 42 sa 44 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.
([35]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).
([36]) Ara l-premessa 18 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(66) Minħabba li l-finanzjament pubbliku kollu mogħti lill-INRAP jidher li huwa maħsub biex jippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni qajmet il-possibbiltà li dan jista' jitqies meħtieġ, xieraq u proporzjonat, u li ma jaffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

(67) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ressqet, b'mod preliminari, għadd ta' fatti li minnhom seta' jiġi konkluż li l-finanzjament mogħti lill-INRAP kien meħtieġ, xieraq u proporzjonat għall-objettivi tal-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-kultura u tal-patrimonju u ma kienx affettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

(68) Madankollu, il-Kummissjoni staqsiet jekk analiżi tal-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE tistax titwettaq mingħajr ma tkun meħtieġa deċiżjoni minn qabel dwar il-klassifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat ([37]).

(69) Konsegwentement, fid-dawl tal-eżistenza ta' dubji li għamluha impossibbli li tiġi eskluża b'mod definittiv il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat favur l-INRAP jew li tiġi stabbilita b'ċertezza l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex tagħti lill-partijiet interessati l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom f'dak ir-rigward u sabiex tasal għal konklużjoni dwar il-miżuri kkontestati minn EVEHA.

## 4. **KUMMENTI MINN EVEHA**

(70) EVEHA biss ippreżentat kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ lill-Kummissjoni.

(71) Fir-rigward tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat favur l-INRAP, EVEHA tisħaq, l-ewwel nett, li taqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar is-sejba li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi – li huma għal attivitajiet miftuħa għall-kompetizzjoni – jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(72) It-tieni, EVEHA ttenni l-pożizzjoni stabbilita fl-ilment tagħha li s-sempliċi fatt li (i) l-INRAP huwa involut kemm f'attivitajiet kompetittivi kif ukoll f'attivitajiet mhux kompetittivi u li (ii) l-INRAP naqas milli jistabbilixxi sistema ta' kontabbiltà tal-kostijiet affidabbli biżżejjed biex jiżgura li dawk iż-żewġ attivitajiet jinżammu strettament separati huwa biżżejjed biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat favur l-attivitajiet kompetittivi tal-INRAP.

(73) Fir-rigward tal-possibbiltà mqajma mill-Kummissjoni li l-għajnuna tista' tkun kompatibbli – kieku l-finanzjament tal-INRAP kellu jiġi kklassifikat bħala għajnuna – abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, EVEHA ssostni, l-ewwel nett, li l-approċċ li tagħmel referenza għalih il-Kummissjoni, li jikkonsisti fl-analiżi tal-finanzjament mogħti lill-INRAP mingħajr ma ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet iffinanzjati (kompetittivi/mhux kompetittivi), huwa żbaljat fil-liġi, u, it-tieni, ma huwiex applikabbli fil-każ preżenti.

### 4.1. **L-approċċ propost mill-Kummissjoni huwa vvizzjat minn żball ta' liġi**

(74) EVEHA tqis, l-ewwel nett, li ma huwiex possibbli li jiġi vvalutat il-finanzjament kollu mogħti lill-INRAP fit-totalità tiegħu mingħajr ma jiġi distint is-sehem ta' dak il-finanzjament allokat għal kull tip ta' attività tal-INRAP. EVEHA tressaq l-argumenti li ġejjin:

(a) il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura tippresupponi l-klassifikazzjoni minn qabel tagħha bħala għajnuna mill-Istat;

(b) il-miżuri jistgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat biss fuq bażi ta' attività każ b'każ u fid-dawl ta' kull suq rilevanti;

(c) ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jipprekludu lill-Kummissjoni milli tanalizza l-finanzjament kollu mogħti lill-INRAP b'mod konġunt; u

(d) analiżi tal-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha tikkonferma li l-Kummissjoni ma tistax, ħlief f'ċirkostanzi speċjali, tieħu approċċ "globali" bħal dak previst fil-premessi 82 *et seq*. tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

([37]) Ara l-premessa 100 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(75) L-ewwel nett, EVEHA tispjega li l-analiżi tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna tinvolvi l-valutazzjoni, f'din l-ordni, ta' jekk il-miżura għandhiex tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u, jekk iva, jekk hijiex kompatibbli mas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 107(2) tat-TFUE jew abbażi tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE.

(76) It-tieni, EVEHA tqis li l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat teħtieġ eżami ta' diversi kriterji, inkluż jekk l-attivitajiet ikkonċernati humiex ta' natura ekonomika jew le u jekk hemmx riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni marbut mal-miżura jew le.

(77) EVEHA tirreferi għas-sentenza tal-Qorti f'Congregacíon de Escuelas Pías Povincia Betania, li tiddikjara li "[s]abiex jiġi ddeterminat jekk l-attivitajiet inkwistjoni humiex ta' 'impriża', fis-sens tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni, għandha tiġi eżaminata n-natura ta' dawn l-attivitajiet: u l-klassifikazzjoni ta' 'attività ekonomika' trid tiġi eżaminata għal kull waħda mid-diversi attivitajiet eżerċitati mill-istess entità partikolari" ([38]).

(78) Minn dan, EVEHA tinferixxi li, fil-każ ta' stabbiliment li, bħall-INRAP, iwettaq bosta tipi ta' attivitajiet, il-ġurisprudenza tirrikjedi l-identifikazzjoni minn qabel (i) tal-attivitajiet ta' dak l-istabbiliment li huma ta' natura ekonomika u dawk li, għall-kuntrarju, ma humiex ta' natura ekonomika, u (ii) tas-suq jew is-swieq rilevanti li x'aktarx jiġu affettwati mill-finanzjament mogħti lill-istabbiliment.

(79) It-tielet, fir-rigward tal-analiżi konġunta tal-finanzjament tal-attivitajiet kollha tal-INRAP, skont EVEHA, l-approċċ previst mill-Kummissjoni jista' jiġi segwit biss bil-kundizzjoni li l-finanzjament kollu mogħti lill-INRAP ikun jista' jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat.

(80) Madankollu, EVEHA ssostni li, f'dan il-każ, dik il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata peress li, minn naħa, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li wħud mill-attivitajiet tal-INRAP ma humiex ta' natura ekonomika (li tipprekludi l-klassifikazzjoni tal-finanzjament tagħhom bħala għajnuna mill-Istat) u, min-naħa l-oħra, l-attivitajiet tal-INRAP, anki jekk kienu kollha ta' natura ekonomika (kif issostni EVEHA), jitwettqu parzjalment fi swieq li ma humiex miftuħa għall-kompetizzjoni u li għalhekk fir-rigward tagħhom ma tista' tinstab l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni (li, għal darba oħra, tipprekludi l-klassifikazzjoni tal-finanzjament tagħhom bħala għajnuna mill-Istat).

(81) EVEHA tindika wkoll li l-klassifikazzjoni tal-finanzjament bħala għajnuna mill-Istat, li hija prerekwiżit għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tiegħu, tippresupponi wkoll il-verifika tal-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni (minbarra l-verifika tan-natura ekonomika tal-attivitajiet iffinanzjati). Skont EVEHA, dik il-valutazzjoni tista' titwettaq biss fil-livell ta' kull suq rilevanti. F'dan il-każ, u indipendentement min-natura monopolistika ta' wħud mill-attivitajiet tal-INRAP, il-Kummissjoni ma tistax, skont EVEHA, tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna riċevuta mill-INRAP fl-intier tagħha mingħajr ma l-ewwel tiddetermina f'liema suq (skavi arkeoloġiċi, evalwazzjonijiet, eċċ.) din l-għajnuna aktarx li jkollha effett.

(82) Ir-raba', EVEHA ssostni li, skont l-analiżi tagħha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ([39]), meta l-Kummissjoni tivvaluta l-kompatibbiltà ta' sett ta' miżuri, fil-prinċipju, hija meħtieġa li tidentifika kull miżura mbagħad tikkunsidra, miżura b'miżura, jekk tikkostitwix għajnuna mill-Istat u jekk hijiex kompatibbli mas-suq intern.

(83) EVEHA tinferixxi mill-eżempji li tirreferi għalihom fil-kummenti tagħha li, ħlief meta diversi miżuri jkunu "konnessi b'mod inseparabbli", il-Kummissjoni Ewropea qatt ma tivvaluta "b'mod konġunt" il-finanzjament kollu għal impriża, b'mod partikolari meta dik l-impriża twettaq diversi tipi ta' attivitajiet u l-finanzjament jieħu diversi forom differenti.

([38]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregacíon de Escuelas Pías Povincia Betania, C-74/16, ECLI:EU:C:2017:496, il-punt 51.

([39]) Pereżempju, EVEHA tirreferi għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (11/C) (ex 11/NN) implimentati mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u għall-akkwirent tagħha Compagnia Italiana di Navigazione (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 45); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1428 tal-24 ta' Frar 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.31662 — C/2011 (ex NN/2011) implimentata mir-Rumanija għall-Ajruport Internazzjonali ta' Timișoara — Wizz Air (ĠU L 308, 1.9.2021, p. 1); u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/613/KE tal-10 ta' Mejju 2007 dwar il-miżuri C 1/06 (ex NN 103/05) mogħtija minn Spanja favur Chupa Chups (ĠU L 244, 19.9.2007, p. 20).

### 4.2. L-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma japplikax għall-miżuri inkwistjoni

(84) EVEHA tqis li l-miżuri inkwistjoni ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE.

(85) F'dak ir-rigward, EVEHA targumenta li:

(a) l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma jistax jintuża biex jiġġustifika sussidjar reċiproku, li huwa intrinsikament inkompatibbli mas-suq intern;

(b) l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma jistax jintuża biex jivvalida sussidji ġenerali fil-qasam kulturali; u

(c) l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE qatt ma ġie invokat mill-awtoritajiet Franċiżi f'dan il-każ.

(86) L-ewwel nett, EVEHA tindika li l-ilment tagħha jikkonċerna l-aktar il-kwistjoni ta' sussidjar reċiproku. Fin-nuqqas ta' separazzjoni kontabilistika bejn id-diversi attivitajiet tal-INRAP, ma jistax jiġi eskluż li s-sussidji mogħtija lill-INRAP fir-rigward tal-attivitajiet mhux kompetittivi tagħha jaqbżu l-ħtiġijiet marbuta ma' dawk l-attivitajiet u jiffinanzjaw ukoll indirettament l-attivitajiet kompetittivi tal-INRAP.

(87) EVEHA targumenta li l-Artikolu 107 tat-TFUE jissoġġetta l-possibbiltà li Stat Membru jagħti sussidji lil impriża involuta kemm f'attivitajiet kompetittivi kif ukoll f'attivitajiet mhux kompetittivi għall-kundizzjoni li l-impriża kkonċernata timplimenta separazzjoni stretta tal-kontijiet li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda sussidjar reċiproku ta' dawk iż-żewġ tipi ta' attivitajiet ([40]).

(88) Fl-osservazzjonijiet tagħha, EVEHA ssostni li l-ġurisprudenza toħloq projbizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe forma ta' sussidjar reċiproku li minnha l-ebda skema ta' kompatibbiltà ma tista' tidderoga.

(89) L-ilmentatriċi tisħaq li din il-ġurisprudenza tapplika wkoll għas-settur kulturali u tirreferi għall-"grilja analitika" ([41]) tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE għall-finanzjament tal-infrastruttura, li waħda minnhom tkopri l-kultura u tispeċifika: "Jekk l-infrastruttura kulturali tintuża kemm għall-attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk mhux ekonomiċi (pereżempju, l-organizzazzjoni ta' konferenzi u ta' avvenimenti kummerċjali f'mużewijiet jew f'ċentri kulturali), il-finanzjament pubbliku tagħha jaqa' taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biss sal-punt li jkopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi inkwistjoni. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-finanzjament pubbliku previst għall-attivitajiet mhux ekonomiċi ma jkunx jista' jintuża biex jissussidja b'mod reċiproku l-attivitajiet ekonomiċi tal-entità. B'mod partikolari dan jista' jiġi żgurat billi l-finanzjament pubbliku jiġi limitat għall-kost nett (inkluż il-kost tal-kapital) tal-attivitajiet li ma humiex ekonomiċi, li għandhom jiġu identifikati abbażi ta' separazzjoni ċara tal-kontijiet ([42])".

(90) EVEHA tikkonkludi li l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma jistax jintuża biex jiġġustifika s-sussidjar reċiproku, peress li huwa pprojbit b'mod inerenti fid-dritt tal-UE.

(91) It-tieni, EVEHA targumenta li d-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE tiġġustifika l-għajnuna biss biex jiġu ffinanzjati proġetti kulturali speċifiċi, bħas-self ta' xogħlijiet bejn il-mużewijiet, il-pjanijiet għad-diġitalizzazzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi patrimonjali jew l-appoġġ għall-produzzjoni taċ-ċinema u dik awdjoviżiva. Din ma tistax tintuża, pereżempju, biex tiġġustifika s-sussidji ġenerali fil-qasam kulturali (eż. il-finanzjament tax-xandir televiżiv pubbliku).

([40]) Ara n-nota 39 f'qiegħ il-paġna.

([41]) Il-Kummissjoni Ewropea, "Infrastructure analytical grid for culture, heritage and nature conservation", il-punt 10 (disponibbli fuq: https://competition-policy.ec.europa.eu/document/download/150466fe-fe27-4fef-8b4b-2ccc5ae36ce5_mt?filename=notion_of_aid_grid_culture_mt.pdf.).

([42]) Traduzzjoni bil-Franċiż: "*Si les infrastructures culturelles sont utilisées à la fois pour des activités économiques et non économiques (par exemple, l'organisation de conférences et de manifestations commerciales dans des musées ou des centres culturels), leur financement public ne relèvera des règles en matière d'aides d'État que dans la mesure où il couvre les coûts liés aux activités économiques en question. Dans de tels cas, les États membres doivent veiller à ce que le financement public prévu pour les activités non économiques ne puisse pas être utilisé pour subventionner de manière croisée les activités économiques de l'entité. Cela peut notamment être assuré en limitant le financement public au coût net (y compris le coût du capital) des activités non économiques, à déterminer sur la base d'une séparation comptable claire.*"

(92) Skont EVEHA, din ir-regola hija spjegata (i) mill-fatt li l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-Artikolu 107(1) tat-TFUE li, bħal kwalunkwe eċċezzjoni, għandha tiġi interpretata b'mod strett, u (ii) mill-kundizzjonijiet sostantivi li jridu jiġu ssodisfati biex japplika l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE (b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet tan-neċessità u l-proporzjonalità).

(93) Barra minn hekk, EVEHA tibbaża l-argumenti tagħha fuq l-analiżi tagħha tal-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, li turi li meta l-miżuri ddikjarati kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE jkunu maħsuba biex jappoġġaw settur jew attività b'mod ġenerali (li hija rari), dawn ma jkunux riżervati għal operatur wieħed iżda japplikaw għall-operaturi kollha li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur.

(94) Għalhekk, l-ilmentatriċi tikkonkludi li, għall-kuntrarju ta' dak li huwa propost mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma jistax jintuża biex jiddikjara l-finanzjament kollu għal stabbiliment pubbliku kompatibbli mas-suq intern biss fuq il-bażi li jopera fis-settur kulturali.

(95) Finalment, b'mod alternattiv, EVEHA tindika li, sa fejn taf hi, l-awtoritajiet Franċiżi, minkejja li kienu responsabbli li jinnotifikaw il-miżuri ta' għajnuna mogħtija lill-INRAP u, għalhekk, fil-prinċipju, li juru l-kompatibbiltà ta' dawk il-miżuri, fl-ebda punt ma bbażaw fuq l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE (b'mod partikolari fl-osservazzjonijiet tagħhom sottomessi f'Jannar u f'Ottubru 2019) biex juru l-kompatibbiltà ma' dawk il-miżuri ta' għajnuna.

(96) Skont EVEHA, il-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi qatt ma nnotifikaw xi miżura ta' finanzjament għall-INRAP u qatt ma invokaw l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE (inkluż fl-iskambji tagħhom mal-Kummissjoni wara li EVEHA ressqet l-ilment tagħha) huwa indikazzjoni qawwija ħafna li din il-ġustifikazzjoni ma hijiex effettiva fil-każ preżenti.

### 4.3. **Il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma humiex issodisfati f'dan il-każ**

(97) Fl-aħħar nett, fil-kummenti tagħha EVEHA tispjega li, anke jekk l-approċċ biex tiġi stabbilita l-kompatibbiltà tal-miżuri msemmija mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ kien possibbli, il-kundizzjonijiet meħtieġa biex japplika l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE xorta waħda ma jkunux issodisfati.

#### 4.3.1. *L-għajnuna mogħtija lill-INRAP ma hijiex meħtieġa*

(98) L-ewwel nett, EVEHA tifhem mill-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha (il-premessi 91 u 92) li n-neċessità tal-finanzjament mogħti lill-INRAP hija marbuta biss mal-obbligi speċifiċi tas-servizz pubbliku imposti fuq l-INRAP mill-Istat Franċiż.

(99) EVEHA ssostni li dan l-argument ma huwiex ammissibbli.

(100) L-ewwel nett, EVEHA tindika li l-għajnuna mill-Istat mogħtija fil-forma ta' kumpens għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi trid tiġi vvalutata esklużivament fid-dawl tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u tar-regoli adottati mill-Kummissjoni fuq dik il-bażi, u mhux fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE.

(101) Billi tirreferi għall-"pożizzjoni partikolari" tal-INRAP (jiġifieri, l-obbligi tas-servizz pubbliku imposti fuqu) sabiex tiġġustifika n-neċessità tal-għajnuna, il-Kummissjoni tista' turi biss, l-aktar l-aktar, in-neċessità tal-finanzjament mogħti lill-INRAP bħala kumpens għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi u mhux għall-promozzjoni tal-kultura u l-patrimonju.

(102) It-tieni, EVEHA tasserixxi li, fi kwalunkwe każ, l-ebda wieħed mill-obbligi imposti fuq l-INRAP u msemmija fil-premessi 91 u 92 tad-deċiżjoni tal-ftuħ ma jiġġustifika xi kumpens.

(103) Skont EVEHA, dan huwa partikolarment il-każ għall-obbligu tal-INRAP li jassumi r-responsabbiltà għall-operazzjonijiet ta' skavar li għalihom ma jkun ippreżenta ruħu l-ebda kandidat jew li fir-rigward tagħhom l-operatur magħżul ikun sar inadempjenti. EVEHA tasserixxi li dawk is-servizzi – li fir-rigward tagħhom EVEHA ma tikkontestax l-obbligu tal-INRAP li jipprovdihom – għandhom jitħallsu bi prezzijiet li għandhom jiġu stabbiliti b'mod liberu (soġġetti għal arbitraġġ mill-Istat f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet). Peress li dawn is-servizzi għandhom jitħallsu "bil-mod normali", l-ebda wieħed mill-obbligi imposti fuq l-INRAP ma jista' jiġġustifika xi kumpens.

4.3.2. *Il-metodu stabbilit fid-deċiżjoni tal-ftuħ għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-għajnuna ma huwiex xieraq*

(104) Skont EVEHA, l-għajnuna mill-Istat tista' titqies proporzjonata biss "jekk l-istess riżultat ma jkunx jista' jinkiseb b'inqas għajnuna u b'inqas distorsjoni". Minn dan isegwi li, meta l-għajnuna taqbeż il-minimu meħtieġ, il-benefiċjarju tagħha jibbenefika minn profitt eċċezzjonali li jista' joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni bla bżonn, u għalhekk l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli mas-suq komuni.

(105) Minn dan, EVEHA tinferixxi li l-għajnuna mħallsa lil operatur tista' titqies bħala proporzjonata biss bil-kundizzjoni li l-ammont tagħha jkun limitat għall-minimu strett meħtieġ u li l-arranġamenti għall-ħlas jew għall-użu tagħha jkunu ġew imfassla b'tali mod li jillimitaw kemm jista' jkun kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(106) Fil-fehma ta' EVEHA, dawk il-kundizzjonijiet ma humiex issodisfati fil-każ preżenti.

(107) L-ewwel nett, EVEHA tosserva li d-dimostrazzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha hija bbażata biss fuq paragrafu qasir u tabella li tispjega r-"rati tal-marġini operazzjonali" tal-INRAP għall-attivitajiet kollha meħuda flimkien, li (i) ma tagħmel l-ebda sens ekonomiku u ta' kontabbiltà u (ii) fi kwalunkwe każ ma hijiex biżżejjed biex turi l-proporzjonalità tal-għajnuna.

(108) EVEHA tqis ukoll li, fin-nuqqas ta' kontabbiltà tal-kostijiet li tippermetti li d-dħul u l-kostijiet jiġu allokati b'mod korrett għall-attivitajiet differenti tal-INRAP, il-kriterju tal-proporzjonalità ma jistax – min-natura tiegħu – jiġi ssodisfat, peress li l-għajnuna ma tiġix implimentata skont kundizzjonijiet li jimminimizzaw kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni.

4.3.3. *L-adegwatezza tal-miżuri ma hijiex murija*

(109) Fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, EVEHA tasserixxi li l-Kummissjoni ma wrietx skont l-istandard legali meħtieġ kif miżuri oħra li potenzjalment huma anqas ta' ħsara għall-kompetizzjoni ma kinux se jagħmluha possibbli li jiġi rrimedjat in-nuqqas (preżunt) ta' profittabbiltà tal-INRAP li jirriżulta mir-restrizzjonijiet partikolari imposti fuqu.

(110) EVEHA tqis li l-limitazzjoni tal-miżuri ta' finanzjament pubbliku għal dak li huwa strettament meħtieġ, iddeterminata abbażi tal-kontabbiltà tal-kostijiet li tagħmilha possibbli li d-dħul u l-kostijiet tal-INRAP jiġu allokati b'mod korrett għall-attivitajiet differenti tiegħu, hija biżżejjed biex tillimita l-effetti potenzjalment dannużi fuq il-kompetizzjoni li għandu l-finanzjament pubbliku riċevut mill-INRAP. Fil-fehma tal-EVEHA, dan il-fatt waħdu huwa biżżejjed biex juri li l-għajnuna li minnha bbenefika l-INRAP sa mill-ħolqien tiegħu ma hijiex xierqa bil-mod kif ġiet implimentata.

4.3.4. *Il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni huma affettwati b'mod ċar mill-finanzjament inkwistjoni*

(111) Fl-aħħar nett, EVEHA jikkontesta l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, skont liema l-għajnuna inkwistjoni ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

(112) L-ewwel nett, EVEHA tikkontesta s-suppożizzjoni tal-Kummissjoni li r-rati imposti mill-INRAP ma jirrappreżentawx ipprezzar predatorju jew ma jipproduċux effett ta' evizzjoni, li hija bbażata fuq tqabbil tal-prezz medju għal kull ettaru impost mill-INRAP mal-prezz mitlub mill-kompetituri tiegħu.

(113) Skont EVEHA, dan il-metodu fih tliet preġudizzji statistiċi:

(a) L-ewwel nett, dan il-metodu ma jikkunsidrax il-pożizzjoni partikolari tal-INRAP fis-suq. Bħala l-operatur preeżistenti (u l-attur ewlieni fis-suq), l-INRAP tipikament jintervjeni fl-aktar proġetti sofistikati u ta' skala kbira, li l-operaturi iżgħar mingħajr ir-riżorsi meħtieġa mhux dejjem ikollhom aċċess għalihom.

(b) It-tieni, dan il-metodu ma jikkunsidrax il-fatt li parti mill-attività tal-INRAP tikkonċerna siti li kellu jieħu f'idejh bħala operatur tal-aħħar istanza u li seta' jistabbilixxi l-prezzijiet tiegħu għalihom mingħajr ebda pressjoni kompetittiva.

(c) It-tielet u l-aħħar nett, EVEHA tqis li l-kunċett ta' "prezz għal kull ettaru" li għalih tirreferi d-deċiżjoni ta' ftuħ ma huwiex rilevanti għall-analiżi tal-politika tal-ipprezzar tad-diversi operaturi preżenti fis-suq tal-iskavar. Il-kost tal-iskavar arkeoloġiku ma jistax jiġi vvalutat abbażi tal-erja tas-superfiċje biss, iżda jrid iqis ukoll il-kumplessità tal-iskavar, il-konservazzjoni tal-fdalijiet u r-restrizzjonijiet tekniċi u xjentifiċi stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni (b'mod partikolari f'termini ta' riżorsi umani – jiem ta' xogħol ta' persuna)

(114) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, EVEHA ppreżentat erba' sentenzi mogħtija mill-Qrati Amministrattivi (*Tribunaux administratifs*) ta' Caen u Amiens ([43]) bejn l-2022 u l-2024, li invalidat il-proċeduri tal-akkwist pubbliku għal skavi arkeoloġiċi preventivi li wasslu għall-għażla tal-INRAP għad-detriment ta' EVEHA. F'dawk l-erba' sentenzi, il-Qorti Amministrattiva – għalkemm mingħajr ma kkonstatat l-eżistenza ta' pprezzar predatorju – annullat il-proċeduri ta' akkwist pubbliku minħabba li l-awtorità kontraenti ma kinitx ħadet il-passi meħtieġa biex tiżgura li l-offerti tal-INRAP, li kienu aktar vantaġġużi minn dawk ta' EVEHA, ma kinux derivati minn vantaġġ li jirriżulta mir-riżorsi allokati lill-INRAP għall-kompiti tas-servizzi pubbliċi tiegħu.

(115) EVEHA ssostni wkoll li d-dimostrazzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha hija vvizzjata minn żewġ żbalji metodoloġiċi.

(a) L-ewwel nett, EVEHA tinnota li d-deċiżjoni tal-ftuħ, filwaqt li tgħid li "tiżen" l-effetti pożittivi tal-għajnuna riċevuta mill-INRAP kontra l-effetti negattivi tagħha, fl-ebda ħin ma tikkwantifika l-effetti tagħha b'xi mod.

(b) It-tieni, EVEHA tinnota li d-deċiżjoni tal-ftuħ tillimita l-analiżi tagħha biss għall-prattiki tal-ipprezzar tal-INRAP, mingħajr ma tqis il-bosta vantaġġi kompetittivi oħra disponibbli għaliha (bħall-aċċess privileġġat għall-informazzjoni miksuba permezz tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni tagħha) minħabba l-istatus tagħha u/jew il-finanzjament pubbliku li tgawdi.

(116) Skont EVEHA, vantaġġi bħal dawn jenħtieġ li jitqiesu wkoll mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha, skont l-Artikolu 107 tat-TFUE, tal-kompatibbiltà tal-finanzjament mogħti lill-INRAP.

## 5. **KUMMENTI TA' FRANZA**

(117) L-awtoritajiet Franċiżi bagħtu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ permezz ta' ittra datata t-3 ta' Frar 2022 u fuq il-kummenti ta' EVEHA dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ permezz ta' ittra datata t-23 ta' Ġunju 2022.

(118) Preliminarjament, l-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw l-importanza tas-settur tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju fi Franza u r-rwol ċentrali tal-INRAP f'dan is-settur.

(119) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Franċiżi taw l-ispjegazzjonijiet li ġejjin.

### 5.1. Il-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju fi Franza

(120) Biex timplimenta fid-dritt nazzjonali l-Konvenzjoni Ewropea tal-Belt Valletta tas-16 ta' Jannar 1992 ([44]) (il-"Konvenzjoni tal-Belt Valletta"), fl-2001 Franza adottat liġi li stabbiliet qafas strutturat għall-arkeoloġija preventiva, li fiha l-INRAP għandu rwol ewlieni. L-għan ewlieni ta' dan il-qafas huwa li jiżgura l-protezzjoni u l-istudju tal-patrimonju arkeoloġiku affettwat jew li x'aktarx jiġi affettwat minn xogħlijiet ta' żvilupp billi jintegra r-rekwiżiti rispettivi tar-riċerka xjentifika, tal-konservazzjoni tal-patrimonju u tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

(121) Billi ssegwi l-objettiv tal-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku, il-Liġi tal-2001 għamlitha possibbli li tiġi evitata l-qerda tal-patrimonju eċċezzjonali ta' Franza, bl-istorja twila tiegħu kkaratterizzata minn preżenza kontinwa, mifruxa ġeografikament u densa tal-bnedmin sa minn żmien il-Preistorja. Din kienet strutturata madwar l-istabbiliment ta' korp amministrattiv pubbliku.

(122) Dan huwa l-mod kif inħoloq l-INRAP u kif tqiegħed taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Kultura u tal-Ministeru għall-Edukazzjoni Għolja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni; ha f'idejh id-drittijiet u l-obbligi tal-AFAN.

([43]) Il-Qorti Amministrattiva ta' Amiens, it-2 ta' Ġunju 2022, EVEHA vs Communauté d'agglomération du Beauvaisis, Nru 2000766; il-Qorti Amministrattiva ta' Caen, it-23 ta' Diċembru 2022, EVEHA vs Syndicat mixte pour l'aménagement et la promotion du parc d'activités de Cerisé, Nru 2202744; il-Qorti Amministrattiva ta' Caen, it-23 ta' Mejju 2024, EVEHA vs Communauté urbaine de Caen, Nru 2201752; il-Qorti Amministrattiva ta' Caen, is-27 ta' Mejju 2024, EVEHA vs Communauté communes Argentan, Nru 2201719.

([44]) Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Wirt Arkeoloġiku tal-Ewropa (riveduta), il-Belt Valletta, is-16 ta' Jannar 1992, is-Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 143.

(123) Il-Konvenzjoni tal-Belt Valletta, li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma firmatarji tagħha, tgħid li "[hemm] ħtieġa li jiġi protett il-patrimonju arkeoloġiku li jenħtieġ li tkun riflessa fl-ippjanar tal-bliet u tal-kampanja u fil-politiki tal-iżvilupp kulturali" u tirrikjedi li l-Istati Partijiet "[jimpenjaw ruħhom] li jistabbilixxu, permezz ta' mezzi xierqa għall-Istat inkwistjoni, sistema legali għall-protezzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku". Din tirrikjedi wkoll li l-Istati "jiggarantixxu s-sinifikat xjentifiku tax-xogħol ta' riċerka arkeoloġika" u "jżidu r-riżorsi materjali għall-arkeoloġija ta' salvataġġ".

(124) L-INRAP għandu rwol ewlieni fil-katina operazzjonali tal-arkeoloġija preventiva, fejn iwettaq, permezz tal-missjonijiet fdati lilu, attivitajiet mhux kompetittivi u kompetittivi relatati mal-istudju, mal-konservazzjoni u mal-promozzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku.

(125) L-attività mhux kompetittiva tiegħu tinvolvi l-aktar it-twettiq ta' evalwazzjonijiet biex jiġu identifikati u ppreservati l-fdalijiet li jistgħu jinqerdu mill-proġetti ta' żvilupp. L-INRAP jikkontribwixxi wkoll għat-tixrid u l-promozzjoni kulturali tal-arkeoloġija u l-kondiviżjoni tal-għarfien mal-komunità xjentifika.

(126) L-INRAP huwa involut ukoll f'attivitajiet ekonomiċi fis-suq tal-iskavar preventiv. L-iskavi jridu jitwettqu sabiex jiġu ssalvagwardjati l-fdalijiet arkeoloġiċi li jinstabu waqt l-evalwazzjonijiet imwettqa qabel proġetti ta' żvilupp. Sa mill-2003, il-liġi tipprevedi li l-iżviluppaturi jistgħu jitolbu lill-operaturi pubbliċi (l-INRAP u d-dipartimenti arkeoloġiċi tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali) jew lill-operaturi privati jwettqu operazzjonijiet ta' skavar.

(127) Il-leġiżlatur għażel li jirrikjedi lill-INRAP iwettaq skavi li għalihom l-ebda operatur ieħor ma jippreżenta ruħu jew li fir-rigward tiegħu operatur ikun inadempjenti, għat-territorju Franċiż kollu, għall-perjodi arkeoloġiċi kollha u fil-postijiet kollha. Fin-nuqqas ta' kandidat biex iwettaq skavar (jew kandidat li jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-iskavar) jew meta operatur tal-arkeoloġija preventiva jieqaf mill-attività tiegħu jew l-akkreditazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tiegħu tiġi rtirata matul l-iskavar, l-INRAP huwa obbligat iwettaq jew ikompli l-iskavar. Għalhekk, l-INRAP huwa meħtieġ jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet jew għall-inadempjenzi ta' operaturi oħra.

(128) Fl-ewwel każ, meta l-ebda operatur tal-arkeoloġija preventiva ma jagħmel offerta biex iwettaq skavar jew l-ebda operatur ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-twettiq tiegħu, l-INRAP huwa meħtieġ li jwettaq l-iskavar fuq talba tal-iżviluppatur. L-iżviluppatur irid jissottometti t-talba tiegħu lill-INRAP, flimkien mal-ordni li tippreskrivi l-iskavar maħruġa mill-Istat, li magħha tkun annessa l-ispeċifikazzjoni xjentifika. L-INRAP imbagħad ikollu xahrejn biex jibgħat lill-iżviluppatur abbozz ta' kuntratt li jistabbilixxi t-termini għat-twettiq tal-iskavar. Dan irid jinkludi id-deskrizzjoni xjentifika tal-proġett, id-data tal-bidu proviżorja tal-iskavar, id-durata tiegħu u l-prezz propost għat-twettiq tal-operazzjoni. Il-kuntratt iffirmat bejn l-iżviluppatur u l-INRAP irid jintbagħat lill-prefett reġjonali mill-iżviluppatur. Imbagħad, il-prefett reġjonali jawtorizza l-iskavar, jew jirrifjuta li jawtorizzah jekk il-kuntratt ma jippermettix it-twettiq tal-ordni ta' skavar. Il-prezz tal-operazzjoni propost mill-INRAP irid jiġi ddeterminat mill-INRAP skont l-istess kriterji bħal kwalunkwe attività kompetittiva. Dawn il-kriterji jridu jiġu definiti b'deċiżjoni tal-kap tal-INRAP f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti mill-bord tat-tmexxija tiegħu. Kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn l-iżviluppatur u l-INRAP dwar it-termini jew il-finanzjament tal-iskavar irid jiġi solvut b'deċiżjoni tal-prefett reġjonali. Din il-proċedura ta' arbitraġġ mill-Istat hija maħsuba biex tipprovdi garanzija lill-iżviluppaturi, li ma jistgħux jagħżlu l-operatur. Mid-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tal-iskavar mill-prefett reġjonali, l-INRAP ikollu 6 xhur biex jibda l-operazzjoni. Jekk jonqos milli jikkonforma ma' din l-iskadenza jew jekk l-operazzjoni ma tkunx tlestiet fi żmien 18-il xahar minn dik l-istess data (tista' tiġi estiża darba b'deċiżjoni tal-prefett reġjonali), l-ordni ta' skavar maħruġa mill-Istat titqies li tkun skadiet.

(129) Fit-tieni każ, meta operatur tal-arkeoloġija preventiva jieqaf mill-attività tiegħu jew l-akkreditazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tiegħu tiġi rtirata qabel ma jitlesta l-iskavar, l-INRAP huwa obbligat li jkompli l-iskavar. Wara li jqis l-istat ta' progress tal-operazzjoni u t-termini tal-ispeċifikazzjoni annessi mal-ordni ta' skavar maħruġa mill-Istat, l-INRAP irid ifassal deskrizzjoni ta' proġett xjentifiku għat-tlestija tal-operazzjoni.

(130) Il-prezz tal-operazzjoni propost mill-INRAP irid jiġi ddeterminat skont l-istess kriterji bħal fl-ewwel każ (ara l-premessa 128 hawn fuq).

(131) Fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw l-importanza tal-konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku, li huwa parti importanti mill-patrimonju tal-Ewropa, sabiex dan ikun jista' jingħadda lill-ġenerazzjonijiet futuri.

(132) Huma jargumentaw li din l-importanza hija stabbilita fl-Artikolu 167(1) tat-TFUE, li jipprevedi li "[l]-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni." Huma jirreferu wkoll għall-Artikolu 167(4), li jipprevedi li "[l]-Unjoni għandha tagħti kas tal-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, partikolarment sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha."

(133) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-arkeoloġija taqdi rekwiżiti prevalenti fl-interess pubbliku relatati mal-konservazzjoni tal-patrimonju storiku u artistiku nazzjonali, l-insegwiment tal-objettivi tal-politika kulturali u l-ħarsien tal-ambjent u tal-ambjent urban. Il-patrimonju storiku u artistiku, ladarba jiġi skopert, ukoll jista' jibbenefika mill-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur skont it-tifsira tal-Artikolu 36 tat-TFUE.

(134) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-mudell Franċiż tal-arkeoloġija preventiva, li jissodisfa l-obbligi tal-Konvenzjoni tal-Belt Valletta, wera l-effettività tiegħu billi żgura li jintlaħaq bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa li jiġi protett il-patrimonju fir-rikkezza kollha tiegħu u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp. Għalhekk, f'dawn l-aħħar snin saru skoperti kbar, kif muri mill-iskavi ta' importanza eċċezzjonali li twettqu dan l-aħħar mill-INRAP f'Lavau (fid-dipartiment ta' Aube) fuq il-qabar ta' prinċep Ċeltiku (mis-seklu 5 QK), jew mid-ditta tal-iskavar akkreditata Archeodunum SAS f'Sainte-Colombe (fid-dipartiment ta' Rhône) fuq insedjament Gallo-Ruman (mis-sekli 1–4 WK).

(135) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw ukoll li r-riżultati tal-iskavar jiġu promossi regolarment mill-INRAP f'pubblikazzjonijiet xjentifiċi jew mainstream, kif ukoll permezz ta' wirjiet, bħall-wirja li saret fil-Mużew tax-Xjenza u l-industrija f'Pariġi (*Cité des sciences et de l'industrie*) iddedikata għall-abitanti tal-Gallja ċentrali u tat-Tramuntana bejn it-tielet seklu u l-ewwel seklu QK.

## 5.2. **Il-finanzjament tal-INRAP skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

(136) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-Kummissjoni, fl-Avviż tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna ([45]), tirrikonoxxi li "[l]-kultura hija veikolu ta' identitajiet, valuri u tifsiriet li jirriflettu u jiffurmaw is-soċjetajiet tal-Unjoni. Il-qasam tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju jkopri firxa wiesgħa ta' għanijiet u attivitajiet, fost l-oħrajn, ... siti arkeoloġiċi ... Filwaqt li titqies in-natura partikulari tagħhom, ċerti attivitajiet relatati mal-kultura, il-konservazzjoni tal-patrimonju u n-natura jistgħu jiġu organizzati b'mod mhux kummerċjali, u b'hekk ikunu ta' natura mhux ekonomika. Il-finanzjament pubbliku tagħhom jista' għalhekk ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, ħafna attivitajiet kulturali u ta' konservazzjoni tal-patrimonju huma oġġettivament mhux sostitwibbli … u b'hekk jeskludu l-eżistenza ta' suq ġenwin. Fil-fehma tal-Kummissjoni, tali attivitajiet jkunu jikkwalifikaw ukoll bħala ta' natura mhux ekonomika."

(137) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jibbażaw fuq l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Avviż dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat biex jargumentaw li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw biss meta l-benefiċjarju ta' miżura jkun "impriża", li "[l]-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża għalhekk tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha", u li "[e]ntità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet ta' natura mhux ekonomika għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward ta' dawk tal-ewwel".

(138) Fuq dik il-bażi, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li, sabiex jiġu vvalutati l-miżuri kkontestati minn EVEHA, l-ewwel trid issir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet fejn l-INRAP huwa involut f'attivitajiet ekonomiċi u sitwazzjonijiet fejn huwa involut f'attivitajiet mhux ekonomiċi.

### 5.2.1. *Attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP*

(139) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-biċċa l-kbira tal-finanzjament pubbliku mogħti lill-INRAP huwa maħsub biex ikopri missjonijiet mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali (evalwazzjonijiet, riċerka u promozzjoni).

(140) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-missjoni mhux ekonomika ewlenija tal-INRAP hija li twettaq evalwazzjonijiet, li huma l-pedament tal-arkeoloġija preventiva.

([45]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

(141) L-għan tal-evalwazzjonijiet huwa li jindividwaw u jikklassifikaw il-fdalijiet preżenti fl-art permezz ta' għodod tekniċi xierqa, irrispettivament mill-post, iż-żmien u t-tip ta' xogħlijiet ta' żvilupp ippjanati, sabiex jiġi vverifikat jekk ix-xogħlijiet humiex probabbli li jagħmlu ħsara lil elementi tal-patrimonju arkeoloġiku. Ir-rapporti mfassla b'rabta ma' dawn l-operazzjonijiet fihom informazzjoni xjentifika li tippermetti lill-Istat joħroġ ordnijiet motivati għal tali miżuri ta' protezzjoni tal-patrimonju kif jidhirlu xieraq (skavi, emendi tal-proġett ta' żvilupp jew skedar bħala monumenti storiċi).

(142) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li missjoni oħra tal-INRAP hija li jikkontribwixxi għat-tixrid kulturali u għall-promozzjoni tal-arkeoloġija u għall-kondiviżjoni tal-għarfien mal-komunità xjentifika, li taqa' fl-ambitu tal-attivitajiet esklużi mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif indikat taħt il-paragrafu 31 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat.

(143) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, li huma attivitajiet ta' interess ġenerali mwettqa b'finanzjament pubbliku (li ammonta għal EUR [900–1 300] miljun matul il-perjodu 2008–2021), iridu jitqiesu bħala attivitajiet mhux ekonomiċi.

(144) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dawn l-attivitajiet għalhekk għandhom jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

5.2.2. *Attivitajiet ekonomiċi tal-INRAP bħala operatur tal-aħħar istanza*

(145) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li, minbarra l-attivitajiet mhux ekonomiċi tiegħu li huma ffinanzjati pubblikament, l-INRAP iwettaq ukoll skavi arkeoloġiċi preventivi bħala operatur tal-aħħar istanza li, matul il-perjodu 2008–2021, kienu ffinanzjati kważi esklużivament mid-dħul iġġenerat mill-INRAP fis-suq tal-iskavar, bis-sussidji pubbliċi (jiġifieri sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi) jirrappreżentaw […] % biss tad-dħul miġbur mill-INRAP minn dawn l-attivitajiet.

(146) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-objettiv ta' dawn is-sussidji għall-iskavi arkeoloġiċi preventivi huwa li jgħinu lill-INRAP iħallas il-kostijiet ta' interess ġenerali imposti fuqu bil-liġi, sabiex jiġi żgurat li l-iskavi preventivi jitwettqu kif suppost f'kull ċirkostanza, sabiex ma jiġix ippenalizzat is-suq tal-iżvilupp u tal-kostruzzjoni.

(147) Skont l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi, l-INRAP huwa obbligat li:

(a) ikollu għarfien espert li jkopri l-perjodi arkeoloġiċi u l-kuntesti ġeomorfoloġiċi kollha;

(b) iwettaq skavi meta ma tiġi ppreżentata l-ebda offerta għal sejħiet għall-offerti maħruġa mill-iżviluppaturi; u

(c) jieħu f'idejh it-tmexxija ta' sit jekk operatur isir inadempjenti matul operazzjoni.

(148) Sabiex juru l-importanza ta' dawn l-operazzjonijiet u l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati permezz ta' sussidji, l-awtoritajiet Franċiżi jippreżentaw id-data li ġejja:

*Tabella 3*

**Kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-INRAP bħala operatur tal-aħħar istanza matul il-perjodu 2008–2021**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kostijiet addizzjonali relatati mal-bini** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Kostijiet addizzjonali relatati mal-ispeċjalisti** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Kostijiet addizzjonali relatati mal-indirizzar tal-impjiegi prekarji** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kostijiet addizzjonali relatati mat-taxxa fuq il-proprjetà tal-kumpanija** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Kostijiet addizzjonali relatati mal-kontribuzzjoni tal-valur miżjud tan-negozju** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Kostijiet marġinali addizzjonali totali li għandhom jiġu ffinanzjati** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi** | 3 850 000 | 5 800 000 | 5 800 000 | 7 242 000 | - | - | - | 22 692 000 |
| **Differenza bejn il-kostijiet tal-INRAP u s-sussidju** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | - […] |

(149) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li, għall-perjodu 2015–2017, l-ammont annwali tas-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi effettivament allokat lis-settur ekonomiku baqa' taħt il-kostijiet marġinali mġarrba mill-INRAP. Għall-2018, is-sena li fiha bdiet topera s-sistema l-ġdida tal-kontabbiltà tal-kostijiet (implimentata mill-1 ta' Jannar 2018), il-kostijiet marġinali mġarrba mill-INRAP spiċċaw aktar baxxi mill-ammont tas-sussidju annwali. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, din id-differenza tista' tiġi spjegata parzjalment mit-tnaqqis fil-kostijiet marġinali assoċjati ma' diversi binjiet, li rriżulta minn effett fuq terminu qasir ikkawżat mill-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida tal-kontabbiltà tal-kostijiet u mill-effett fit-tul tal-kontroll tal-kostijiet iġġenerati mill-bini. F'dan l-isfond, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li s-sussidju għall-2018 ma jkoprix id-differenza kollha bejn l-ammont kumulattiv tas-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi u l-kostijiet addizzjonali totali ġġenerati matul il-perjodu 2015–2018, li jammontaw għal EUR […] miljun. Matul il-perjodu 2019–2021, il-EUR […] miljun f'kostijiet marġinali ġġenerati mir-restrizzjonijiet imposti fuq l-INRAP fis-suq tal-iskavar kienu koperti kważi esklużivament mir-riżorsi proprji tal-INRAP.

(150) Għalkemm jaċċettaw li dan il-finanzjament jista' jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha dwar l-inkompatibbiltà potenzjali ta' din l-għajnuna mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 53 tal-GBER.

(151) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-finanzjament imsemmi hawn fuq jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 53 tal-GBER, li teżenta, fost l-oħrajn, l-għajnuna operatorja għall-kultura u għall-konservazzjoni tal-patrimonju taħt EUR 50 miljun qabel l-2017, EUR 75 miljun mill-2017 sal-2023 u EUR 82,5 miljun wara l-2023, għal kull impriża fis-sena, mill-obbligu ta' notifika fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE (l-Artikolu 4(1)(z) tal-GBER).

(152) L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li, matul il-perjodu taħt eżami b'rabta mal-ilment, is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ammontaw għal EUR 22,69 miljun imħallsa bejn l-2015 u l-2018 ([46]), jiġifieri ammont ferm inqas mil-limiti msemmija hawn fuq.

([46]) Matul il-perjodu 2019-2021, l-ammont kien ta' EUR 21,72 miljun (EUR 7,24 miljun fis-sena). Madankollu, fl-2019 l-INRAP għażel li jalloka l-finanzjament pubbliku kollu pprovdut mill-Istat, inkluż is-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, għall-attivitajiet tiegħu li huma strettament mhux ekonomiċi, f'konformità mal-impenji meħudija lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni. Għalhekk, mill-2019 'l hawn, l-ebda sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ma ffinanzja l-attivitajiet ta' skavar preventiv tal-INRAP.

(153) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-attivitajiet tal-INRAP huma koperti mill-Artikolu 53(2) tal-GBER, u b'mod partikolari s-subparagrafu (b) tiegħu, li jelenka "patrimonju tanġibbli inklużi b'mod partikolari l-forom kollha tal-patrimonju kulturali mobbli jew immobbli u siti arkeoloġiċi, monumenti, siti u bini storiku; il-patrimonju naturali marbut mal-patrimonju kulturali jew, jekk rikonoxxut formalment bħala patrimonju kulturali jew naturali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ta' Stat Membru".

(154) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, is-sussidji kkontestati fl-ilment jiffinanzjaw kostijiet li huma eliġibbli skont l-Artikolu 53(5)(d), (e) u (f) tal-GBER (il-kostijiet tal-kiri u tat-tgħammir tal-bini fit-territorju nazzjonali kollu, il-kostijiet tal-persunal li jirriżultaw mill-ħtieġa li l-INRAP ikopri l-oqsma xjentifiċi kollha u jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu timijiet xjentifiċi permanenti biex jiżgura li jkollu l-kapaċità li jintervjeni fit-territorju kollu u fi kwalunkwe ambjent (pjan għall-indirizzar tal-impjiegi prekarji)).

(155) L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li fil-premessa 78 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni tiddikjara li "ma jistax jiġi eskluż li l-għajnuna mogħtija skont l-Artikolu 53 tal-GBER tiffinanzja lil INRAP lil hinn mill-profitt raġonevoli".

(156) Madankollu, fid-dawl tal-ammonti involuti, huma jemmnu li s-sussidji mogħtija jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' intensità u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 53(7), li jippermettu profitt raġonevoli.

(157) L-ewwel nett (ara Tabella 3), l-għajnuna operatorja mogħtija fil-forma ta' sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ma kinitx biżżejjed biex tkopri l-kostijiet addizzjonali kollha ġġenerati matul il-perjodu 2015–2018, li jammontaw għal EUR […] miljun. Dan huwa aktar u aktar il-każ għall-perjodu 2015–2021, meta wieħed iqis li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ma baqgħux jiġu rreġistrati għall-attivitajiet tal-INRAP bħala operatur tal-aħħar istanza mill-2019, filwaqt li l-kostijiet addizzjonali ammontaw għal EUR [7,03–28,8] miljun. It-tieni, għall-attivitajiet kollha ta' skavar arkeoloġiku preventiv (inklużi attivitajiet bħala operatur tal-aħħar istanza), il-bilanċ bejn ir-riżorsi u n-nefqa jammonta għal EUR […] miljun (livell ta' surplus operatorju gross, wara li jitqies il-kreditu tat-taxxa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (*crédit d'impôt-recherche – CIR*)) matul is-snin finanzjarji 2008–2021 (ara Tabella 5 hawn taħt), li jirrappreżenta marġini operatorju ta' madwar [2,8–4,6] % u għalhekk profitt raġonevoli. L-ammonti ta' dik l-għajnuna ġew iddeterminati abbażi ta' tbassir raġonevoli tal-kostijiet li jinvolvu l-obbligi imposti fuq l-INRAP mill-Kodiċi tal-Patrimonju fir-rigward tal-iskavi, jiġifieri qasam ta' attività li jkopri t-territorju kollu, riżorsi umani kkwalifikati biex ikopru l-perjodi arkeoloġiċi kollha, il-postijiet kollha u l-ambjenti kollha, u interventi fil-każ ta' nuqqas ta' kandidati jew ta' inadempjenza min-naħa tal-operatur inizjali.

(158) Peress li l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament ġew issodisfati, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet, tal-kostijiet eliġibbli u tal-intensità tal-għajnuna, fl-interess taċ-ċertezza legali, is-sussidji tqiegħdu taħt l-iskema qafas SA.42681 [47].

### 5.3. **Separazzjoni kontabilistika tal-INRAP**

(159) Bħala punt preliminari, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw l-eżistenza u s-sitwazzjoni tas-separazzjoni kontabilistika tal-INRAP, li ġiet imsaħħa u rfinata gradwalment.

#### 5.3.1. *Il-perjodu 2008–2017*

(160) B'mod speċifiku għall-perjodu 2008–2017, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-INRAP żamm kontijiet separati għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tiegħu, li kienu ffinanzjati mill-Ministeru għall-Kultura, u għall-attivitajiet ekonomiċi tiegħu.

(161) Qabel l-1 ta' Jannar 2018, il-kontijiet tal-INRAP kienu bbażati fuq il-prinċipji tal-allokazzjoni li ġejjin:

L-ewwel stadju: Ġew allokati kostijiet diretti lill-oqsma ta' attività u lill-unitajiet organizzattivi. L-INRAP inizjalment alloka l-kostijiet diretti kollha lill-qasam tal-attività tiegħu (skavi, evalwazzjonijiet, riċerka, promozzjoni, eċċ.) u lill-unità organizzattiva tiegħu (direttorati tal-HQ, direttorati interreġjonali jew ċentri ta' riċerka arkeoloġika). Il-konsum tas-servizzi ta' appoġġ (loġistika, IT, taħriġ, eċċ.) u l-kostijiet ġenerali ġew assenjati lill-kostijiet indiretti u lill-kostijiet strutturali.

[47] SA.42681 – Régime cadre exempté de notification relatif aux aides en faveur de la culture et de la conservation du patrimoine.

It-tieni stadju: Il-kostijiet diretti ġew allokati lill-attivitajiet u lis-setturi. L-attivitajiet kienu assenjati lil settur – fil-każ ta' skavi u attivitajiet ta' pariri minn esperti, lis-settur kompetittiv.

| Settur kompetittiv | Settur mhux kompetittiv | Settur imħallat |
|---|---|---|
| **Kostijiet tal-iskavar, Liġi tal-2003** | Kostijiet tal-evalwazzjoni, Liġi tal-2003 | Kostijiet indiretti |
| **Parir espert u kostijiet tat-taħriġ** | Kostijiet tal-evalwazzjoni, Liġi tal-2001* | Kostijiet strutturali |
| | Kostijiet tal-iskavar, Liġi tal-2001* | Taxxi |
| | Kostijiet tal-promozzjoni | |
| | Kostijiet tar-riċerka | |
| | Kostijiet relatati mal-iskavar ippjanat mill-INRAP** | |

It-tielet stadju: Il-kostijiet (indiretti) relatati mas-settur imħallat (kompetittiv u mhux kompetittiv) ġew allokati. Dan l-istadju kien jinvolvi l-allokazzjoni tal-kostijiet relatati mas-settur imħallat. L-INRAP alloka l-kostijiet operazzjonali indiretti lill-attivitajiet arkeoloġiċi kollha li kien appoġġa abbażi tan-numru ta' jiem ta' xogħol ta' persuna impenjati għal kull attività. Il-kostijiet ġenerali komuni, li kienu jikkostitwixxu kostijiet komuni għas-setturi kompetittivi u mhux kompetittivi, ġew diżaggregati skont in-numru ta' jiem ta'xogħol ta' persuna skont l-attività u s-settur. Il-kostijiet tat-taxxa wkoll ġew allokati skont regoli speċifiċi:

— 100 % tat-taxxa reġjonali fuq in-negozju (CET) kienet allokata lis-settur bi skop ta' qligħ.

— Il-kreditu ta' taxxa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (CIR) ġie allokat għall-attività ta' "skavar".

— It-taxxa fuq il-pagi ġiet allokata bis-sħiħ lis-settur mhux kompetittiv.

Ir-raba' stadju: Allokazzjoni tad-dħul. Id-dħul dirett ġie assenjat inizjalment għall-qasam ta' attività u l-unità organizzattiva tiegħu. Is-sussidji ġew allokati kif ġej:

— 100 % tal-għotja operatorja ("RAP ibbaġitjata") ġiet allokata lil attivitajiet mhux kompetittivi.

— 100 % tas-sussidju għar-riċerka ġie allokat għall-attività tar-"riċerka".

— L-għotja operatorja ġiet allokata lis-settur mhux kompetittiv.

— Is-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ġie allokat lis-settur kompetittiv.

(162) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li din is-sistema kontabilistika ġiet irfinata fid-dawl tal-pariri u r-rakkomandazzjonijiet li rċevew.

(163) Bi tweġiba għall-allegazzjonijiet ta' EVEHA fl-ilment tagħha u għall-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-objettivi u l-kuntratt tat-twettiq tal-INRAP għall-2011–2013, imfassal bejn l-INRAP u l-ministeri kompetenti tiegħu u estiż biex ikopri l-2014, iddikjaraw li l-INRAP diġà kellu fis-seħħ "kontabbiltà tal-kostijiet li tippermetti li ssir distinzjoni bejn is-setturi mingħajr skop ta' qligħ u dawk bi skop ta' qligħ, u li jiġu allokati l-kostijiet bejniethom, u biex l-attivitajiet jitmexxew skont l-assi ewlenin: evalwazzjonijiet, skavi, riċerka, promozzjoni u azzjoni internazzjonali."

(164) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-memorandum Nru 67181 tas-6 ta' Ġunju 2013 maħruġ mill-ewwel President tal-Qorti tal-Awdituri lill-Ministru għall-Kultura u l-Komunikazzjoni u lill-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka u li jkopri l-perjodu 2002–2011, li diġà kien ġie ċċitat mill-ilmentatriċi, jirrikonoxxi l-eżistenza ta' kontabbiltà tal-kostijiet, għalkemm jishaq dwar il-ħtieġa li tittejjeb ([48]).

(165) L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw ukoll li, b'segwitu għar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri tal-2013, l-objettivi tal-INRAP u l-kuntratt tat-twettiq għall-2015–2017, estiż biex ikopri l-2018, kienu jirreferu għall-fatt li "ilu diversi snin involut fl-istabbiliment tal-kontabbiltà tal-kostijiet, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-ispejjeż tiegħu u l-istruttura u l-komponenti varjabbli tagħhom."

([48]) Il-memorandum kien indika "nuqqasijiet fil-kontabbiltà tal-kostijiet attwali".

(166) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-INRAP ħa passi biex itejjeb il-kwalità tal-baġit, tal-kontabbiltà u tal-ġestjoni analitika tiegħu permezz ta' proċess ta' kontroll intern bir-reqqa. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-INRAP huwa ffukat fuq li jsaħħaħ is-sistemi tiegħu permezz ta' għodod aġġornati, ivvalidati u konsistenti b'mod reċiproku għat-tmexxija tad-diversi proċessi. Il-qafas ta' kontroll intern, l-immappjar tar-riskju u l-pjanijiet ta' azzjoni jiġu sottomessi kull sena lill-bord tal-gvernaturi biex jiddiskutuhom.

(167) L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-Qorti tal-Awdituri bilfors li kienet konvinta mill-isforzi tal-INRAP biex itejjeb is-sistema ta' ġestjoni tiegħu, billi fir-rapport annwali tagħha tal-2016 tiddikjara, fir-rigward tal-politika tal-arkeoloġija tal-INRAP, li "[f]il-qasam finanzjarju, il-kontabbiltà tal-kostijiet tal-Istitut tjiebet, u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni ta' diversi aspetti tal-operazzjonijiet ta' evalwazzjoni u ta' skavar (l-ippjanar tar-riżorsi, il-ġestjoni tal-baġit u l-monitoraġġ tal-ħin imqatta') kważi tlesta. Dawn l-għodod se jagħmluha possibbli li ssir distinzjoni, fuq bażijiet oġġettivi, bejn in-nefqa relatata mal-attivitajiet tas-servizzi pubbliċi tal-Istitut, iffinanzjata mill-fondi pubbliċi, u l-kost tal-attivitajiet tiegħu bi skop ta' qligħ (primarjament skavi), sabiex ma tiġix distorta l-kompetizzjoni ma' operaturi oħra. L-għarfien aħjar tal-kostijiet u tal-introjtu nett li jirriżulta għal kull attività huwa wkoll lieva importanti għat-titjib tal-ġestjoni tal-Istitut. Gradwalment ġew implimentati wkoll proċessi interni tal-kontabbiltà u tal-kontroll tal-baġit" ([49]).

(168) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw ukoll li, għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet ta' EVEHA, fid-deċiżjoni tagħha tal-2017 ([50]) l-Awtorità tal-Kompetizzjoni ma sabitx li l-INRAP kien kiser id-dritt tal-kompetizzjoni, u għalhekk ma imponietx penali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-Awtorità tal-Kompetizzjoni ma sabitx li ma kien hemm l-ebda separazzjoni xierqa tal-kontijiet bejn l-attivitajiet kompetittivi u mhux kompetittivi tal-INRAP, iżda sempliċiment innotat li s-sistema setgħet tittejjeb ([51]).

(169) Bħala konklużjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li, matul il-perjodu 2008–2017, l-INRAP kellha sistema ta' kontabbiltà tal-kostijiet, li kienet ġiet imtejba bid-diversi miżuri li ttieħdu mill-2013 f'konformità mal-qafas regolatorju stabbilit bid-Digriet Nru 2012-1246 tas-7 ta' Novembru 2012 dwar il-ġestjoni baġitarja u l-kontabbiltà pubblika.

5.3.2. *Il-perjodu wara l-2018*

(170) Mill-1 ta' Jannar 2018, l-INRAP introduċa mudell ġdid tal-kontabbiltà tal-kostijiet biex jiżgura separazzjoni aktar stretta u affidabbli tal-kontabbiltà bejn l-attivitajiet tagħha mingħajr skop ta' qligħ (servizz pubbliku mhux ekonomiku) u l-attivitajiet tagħha bi skop ta' qligħ (settur ekonomiku miftuħ għall-kompetizzjoni), abbażi ta' approċċ tal-kostijiet inkrementali.

L-ewwel stadju: Il-kostijiet diretti jiġu allokati lill-oqsma ta' attività u lill-unitajiet organizzattivi. Fil-bidu, l-INRAP jalloka l-kostijiet diretti kollha lill-qasam tal-attività tiegħu (skavi, evalwazzjonijiet, riċerka, promozzjoni, eċċ.) u lill-unità organizzattiva tiegħu (direttorati tal-HQ, direttorati interreġjonali jew ċentri ta' riċerka arkeoloġika). Il-konsum tas-servizzi ta' appoġġ (loġistika, IT, taħriġ, eċċ.) u l-kostijiet ġenerali jiġu assenjati lill-kostijiet indiretti u lill-kostijiet strutturali.

It-tieni stadju: L-attivitajiet jiġu assenjati lis-setturi (kompetittivi u mhux kompetittivi). L-attivitajiet jiġu assenjati lil settur:

| Settur ekonomiku miftuħ għall-kompetizzjoni | Settur mhux ekonomiku | Ma għandhom jiġu allokati fl-ebda settur |
|---|---|---|
| **Kostijiet tal-iskavar, Liġi tal-2003** | Kostijiet tal-evalwazzjoni, Liġi tal-2003 | Kostijiet indiretti |
| **Parir espert u kostijiet tat-taħriġ** | Kostijiet tal-evalwazzjoni, Liġi tal-2001* | Kostijiet strutturali |
| | Kostijiet tal-iskavar, Liġi tal-2001* | Taxxi |
| | Kostijiet tal-promozzjoni | |
| | Kostijiet tar-riċerka | |
| | Kostijiet relatati mal-iskavar ippjanat mill-INRAP** | |

([49]) Ir-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-2016, p. 566.
([50]) Ara n-nota 29 f'qiegħ il-paġna.
([51]) L-Awtorità tal-Kompetizzjoni ssemmi n-nuqqas ta' "għodod kontabilistiċi totalment sodisfaċenti" u li kien għad hemm "nuqqasijiet" fil-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP.

It-tielet stadju: Jiġu pproċessati l-kostijiet tal-funzjonijiet ta' appoġġ u l-kostijiet ġenerali. Dan l-istadju, li fih jiġu pproċessati l-kostijiet indiretti u l-kostijiet ġenerali, jinvolvi żewġ passi:

— L-ewwel nett, l-INRAP jalloka l-kostijiet operazzjonali indiretti għall-attivitajiet arkeoloġiċi kollha li jappoġġa abbażi tan-numru ta' jiem ta'xogħol ta' persuna impenjati għal kull attività.

— Fit-tieni pass, imbagħad jalloka l-kostijiet ġenerali komuni, inklużi dawk tal-kwartieri ġenerali u l-funzjonijiet ta' appoġġ ċentrali, li huma kostijiet komuni għas-setturi kompetittivi u mhux kompetittivi. Dawn jiġu allokati abbażi tal-approċċ tal-kostijiet inkrementali, bl-użu ta' koeffiċjent speċifiku tal-allokazzjoni. Il-kostijiet ġenerali li ma jistgħux jiġu allokati direttament jiġu diżaggregati skont proporzjon ta' […] % għas-settur ekonomiku miftuħ għall-kompetizzjoni u ta' […] % għas-settur mhux ekonomiku. Dan il-proporzjon jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati żewġ kriterji: kriterju estern ibbażat fuq parametru referenzjarju ta' 12-il kompetitur privat, u kriterju intern tal-attivitajiet ta' sostenn. Il-proporzjon ta' […] % huwa l-medja ta' dawn iż-żewġ xenarji, li jirriżulta f'allokazzjoni soda taħt skrutinju fid-dawl tal-prinċipju tal-kostijiet inkrementali.

— Il-kostijiet tat-taxxa wkoll jiġu allokati skont regoli speċifiċi:

  — 100 % tat-taxxa reġjonali fuq in-negozju (CET) tiġi allokata lis-settur kompetittiv.

  — Il-kreditu ta' taxxa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (CIR) jiġi allokat għall-attività ta' "skavar".

  — It-taxxa fuq il-pagi tiġi allokata bis-sħiħ lis-settur mhux kompetittiv.

Ir-raba' stadju: Allokazzjoni tad-dħul. Id-dħul dirett inizjalment jiġi assenjat għall-qasam ta' attività u l-unità organizzattiva tiegħu. Is-sussidji jiġu allokati kif ġej:

— Mill-2019, l-għotjiet operatorji kollha jiġu allokati lis-settur mhux kompetittiv.

— 100 % tas-sussidju għar-riċerka jiġi allokat għall-attività tar-"riċerka".

(171) Fir-rigward ta' dan il-perjodu, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li d-ditta tal-kontabbiltà kkummissjonata bħala awditur indipendenti skont il-kuntratt tal-INRAP tal-"Awditu tal-kontabbiltà tal-kostijiet, tal-kalkolu tal-kostijiet u taċ-ċertifikazzjoni" tiddikjara, fid-dikjarazzjoni tal-konformità tagħha għall-2018, li l-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP "tikkonforma mal-prinċipju tas-separazzjoni kontabilistika" u "ma tikxifx l-eżistenza ta' sussidjar reċiproku".

(172) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-awditur iddikjara wkoll li "fil-futur, il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet indiretti se jkollha tiġi żviluppata b'mod ulterjuri u tittejjeb". Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li, fid-dikjarazzjoni tal-konformità tiegħu għall-2019, l-awditur ma tenniex din it-talba għal metodoloġija aktar dettaljata għall-allokazzjoni tal-kostijiet indiretti, li hija evidenza li l-metodoloġija kienet ittejbet sadanittant u li r-rakkomandazzjoni tal-awditur kienet ġiet implimentata.

(173) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, għall-2020 l-awditur reġa' kkonkluda li l-"kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP hija konsistenti mal-kontijiet ġenerali u tinkludi l-kostijiet kollha rreġistrati fihom u tirrispetta l-prinċipju tas-separazzjoni kontabilistika", li l-"kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP tikkonforma mal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà" u li "l-preżentazzjoni attwali tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP ma turix l-eżistenza ta' sussidjar reċiproku".

(174) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-kontabbiltà tal-kostijiet stabbilita fl-2018 bħala parti mill-impenji mogħtija lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni tiżvela d-dħul u l-kostijiet tal-attivitajiet mhux ekonomiċi u ekonomiċi tal-INRAP skont metodu u koeffiċjenti ta' allokazzjoni rakkomandati minn ditta ta' konsulenza indipendenti, li l-prinċipju tagħha bilfors li ġie aċċettat mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni, peress li sa issa għadha ma poġġietx f'dubju l-konformità tal-INRAP mal-impenji mogħtija.

(175) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li, f'konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-kontabbiltà, l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet tal-INRAP huma ddeterminati mill-allokazzjoni diretta tal-kostijiet tal-operazzjonijiet u mill-allokazzjoni indiretta tal-kostijiet strutturali, abbażi ta' koeffiċjenti speċifiċi ta' allokazzjoni li l-konsistenza u r-rilevanza tagħhom jiżguraw relazzjoni kawżali kwantitattiva mal-unitajiet ta' xogħol.

(176) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP għalhekk tippermetti li jiġu ddeterminati b'mod preċiż il-kostijiet kollha assoċjati ma' kull waħda mill-attivitajiet tal-INRAP, inklużi dawk tas-settur mhux ekonomiku.

(177) L-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw l-allegazzjoni tal-ilmentatriċi, imsemmija mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, li l-metodu kontabilistiku tal-kostijiet tal-INRAP huwa preġudikat.

(178) Huma jispjegaw li, minbarra r-rabta stabbilita bejn il-kontabbiltà tal-kostijiet u l-ammont tas-sussidji pubbliċi, huma kienu sorpriżi bid-dikjarazzjoni mhux issostanzjata ta' livell allegatament għoli wisq ta' sussidji pubbliċi. L-ammont ta' dawn is-sussidji jiġi stmat mill-Ministeru għall-Kultura fid-dawl tal-ħtiġijiet operazzjonali u baġitarji li jirriżultaw mill-missjoni ta' servizz pubbliku tal-INRAP. Din l-istima mbagħad tiġi ppreżentata lill-Parlament, li jadottaha fil-forma ta' approprjazzjonijiet tal-baġit imdaħħla f'liġi tal-baġit. L-għotjiet operatorji mħallsa lis-settur mhux ekonomiku tal-INRAP inżammu f'livell stabbli (minbarra l-appoġġ relatat mal-COVID-19) matul is-snin finanzjarji 2018, 2019 u 2020.

(179) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-allegazzjoni tal-ilmentatriċi hija aktar u aktar żbaljata peress li, għal dawk it-3 snin finanzjarji, dawk is-sussidji wrew li ma humiex biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż kollha ġġenerati mill-attivitajiet ta' dak is-settur, billi l-obbligazzjonijiet ġew koperti mid-dħul tas-settur kompetittiv ([52]).

(180) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-Qorti tal-Awdituri, li hija qorti indipendenti, qiegħda hemm biex tiġġudika, tawditja u tevalwa l-kontijiet pubbliċi f'konformità mal-istandards nazzjonali u Ewropej fis-seħħ, inklużi dawk relatati mal-kontabbiltà tal-kostijiet (ara d-Digriet tal-2012 imsemmi fil-premessa 169 hawn fuq).

(181) Madankollu, il-Qorti tal-Awdituri ma fetħitx proċedimenti kontra l-INRAP. Għall-kuntrarju, kif imsemmi hawn fuq, fir-rapport annwali tagħha tal-2016, il-Qorti tal-Awdituri enfasizzat it-titjib tas-sistema ta' ġestjoni baġitarja tal-INRAP.

(182) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li, fl-2020, il-funzjoni ta' kontroll tar-riskju intern tal-Ministeru għall-Kultura (MCIMR) laqgħet l-isforzi li saru mill-INRAP biex iżomm u jtejjeb l-approċċ tal-kontroll intern tiegħu. Bl-istess mod, fl-2021 is-Servizz Ġenerali tal-Awditjar Ekonomiku u Finanzjarju (*Contrôle Général Économique et Financier – CGefi*), li jwettaq funzjonijiet ta' kontroll, ta' awditjar u ta' konsulenza taħt l-awtorità tal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi f'konformità, b'mod partikolari, mad-Digriet Nru 2017-510 tas-7 ta' April 2017 u mad-Digriet Nru 2012-1246 tas-7 ta' Novembru 2012, sab li l-implimentazzjoni mill-INRAP tal-kontroll baġitarju u tal-kontabbiltà intern imfassal biex jiggarantixxi l-kwalità tal-kontijiet kienet effettiva u nnotaw l-istandard għoli tal-arranġamenti ta' kontroll intern tal-INRAP.

(183) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-INRAP, li diġà kien konformi mal-istandards legali u regolatorji dwar il-kontabbiltà qabel l-2018, kompla jsaħħaħ u jirfina s-sistema eżistenti tal-kontabbiltà tal-kostijiet sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tat-tkabbir, inklużi dawk imposti mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni fl-2018, u sabiex jiddistingwi bl-aktar mod preċiż possibbli l-infiq u d-dħul relatati mal-attivitajiet tas-servizz pubbliku tiegħu, iffinanzjati minn fondi pubbliċi, minn dawk relatati ma' attivitajiet kompetittivi, kif muri mid-dikjarazzjonijiet tal-awdituri.

## 5.4. Nuqqas ta' sussidjar reċiproku u kompatibbiltà tal-miżuri kkontestati

### 5.4.1. *Il-każ ta' Franza favur in-nuqqas ta' sussidjar reċiproku*

(184) Fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li, skont il-prinċipji relatati mal-oneru tal-prova fi kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, hija l-Kummissjoni Ewropea li għandha tagħti prova tal-eżistenza tal-għajnuna.

(185) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li l-evidenza inkriminanti u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal deċiżjoni tal-Kummissjoni jridu "[jippermettu] lill-partijiet interessati jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha" ([53]). Huma jispjegaw ukoll li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Kummissjoni trid "tiżgura li l-informazzjoni li jkollha, anki jekk inkompleta u frammentata, tkun tikkostitwixxi … bażi suffiċjenti sabiex jiġi konkluż" ([54]) li ngħatat l-għajnuna.

([52]) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi, l-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP iġġeneraw telf ta' EUR 1,88 miljun matul il-perjodu 2018–2020.

([53]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropa, T-143/12, ECLI:EU:T:2016:406, il-punt 59.

([54]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs MTU Friedrichshafen GmbH, C-520/07 P, ECLI:EU:C:2009:557, il-punt 56.

(186) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, fir-rigward tal-prova tal-eżistenza ta' sussidjar reċiproku, il-Qorti speċifikat li ma jistax jiġi eskluż li "fin-nuqqas ta' kontabbiltà separata għall-attivitajiet differenti tagħha, kien hemm riskju ta' sussidji trażversali [...] u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju" ([55]).

(187) Madankollu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, fid-dawl tal-fatt li l-INRAP tabilħaqq kellu sistema ta' kontabbiltà tal-kostijiet għall-attivitajiet kompetittivi u mhux kompetittivi tiegħu – anke jekk, skont l-ammissjoni tal-awtoritajiet Franċiżi stess, dik is-sistema kienet imperfetta – ma tistax tiġi stabbilita rabta kawżali bejn il-kontabbiltà tal-kostijiet eżistenti iżda imperfetta u l-eżistenza ta' sussidjar reċiproku.

(188) Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri jew l-Awtorità tal-Kompetizzjoni indikaw li l-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP setgħet tittejjeb bl-ebda mod ma jikkostitwixxi prova ta' sussidjar reċiproku.

(189) F'dan ir-rigward, huma jindikaw li l-Qorti Ġenerali sostniet li "għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li l-Kummissjoni ħeġġet lill-Gvern Franċiż biex jiżgura li s-sistema kontabilistika ta' La Poste tittejjeb fil-futur ma jipprovdi l-ebda raġuni biex jiġi dedott li billi adottat id-deċiżjoni [kkontestata], il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kien jeżisti sussidju reċiproku" ([56]).

5.4.1.1. Kompatibbiltà tal-finanzjament fuq il-bażi tal-Artikolu 53 tal-GBER

(190) Fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-objettiv tal-konservazzjoni tal-patrimonju seta' wassal biex tingħata għajnuna mill-Istat lill-INRAP – għalkemm għal parti żgħira ħafna mill-ispejjeż tal-attivitajiet kompetittivi tagħha.

(191) Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li, għall-kuntrarju tal-kummenti magħmula minn EVEHA bi tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ, ma għandhomx għalfejn jagħtu prova ta' kumpens strett u meħtieġ għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi skont it-tifsira tad-Deċiżjoni dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([57]).

(192) L-awtoritajiet Franċiżi, minħabba li huma tal-fehma li l-finanzjament mogħti għall-attivitajiet kompetittivi tal-INRAP jista' jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, iddikjarawh skont l-Artikolu 53 tal-GBER u, b'mod aktar speċifiku, fuq il-bażi tal-iskema qafas SA.42681 adottata għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 53 tal-GBER.

(193) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-Artikolu 53 tal-GBER jipprovdi li l-għajnuna għall-konservazzjoni tal-patrimonju hija kompatibbli mas-suq intern. L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-Artikolu 53(2)(b) tal-GBER ikopri "patrimonju tanġibbli inklużi b'mod partikolari l-forom kollha tal-patrimonju kulturali mobbli jew immobbli u siti arkeoloġiċi, monumenti, siti u bini storiku; il-patrimonju naturali marbut mal-patrimonju kulturali jew, jekk rikonoxxut formalment bħala patrimonju kulturali jew naturali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ta' Stat Membru".

(194) Barra minn hekk, huma jispjegaw li l-Artikolu 53(3) tal-GBER jipprovdi li "[l]-għajnuna tista' tieħu l-forma", speċifikament, ta' "(b) l-għajnuna operatorja", prinċipju li EVEHA jidher li tpoġġi f'dubju fis-sottomissjoni tagħha.

(195) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, fir-rigward tal-kostijiet eliġibbli, l-għajnuna mħallsa lill-INRAP bħala għajnuna operatorja taqa' prinċipalment taħt l-Artikolu 53(5)(d), (e) u (f) tal-GBER. B'mod aktar speċifiku, din għamlitha possibbli li jiġi appoġġat il-finanzjament tal-kostijiet tal-kiri u tat-tgħammir tal-postijiet meħtieġa biex jitwettqu skavi arkeoloġiċi fit-territorju nazzjonali kollu, il-kostijiet tal-persunal biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-ispeċjalizzazzjonijiet xjentifiċi kollha u tat-timijiet permanenti biex tiġi żgurata l-kapaċità operazzjonali fit-territorju kollu u fl-ambjenti kollha.

([55]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-140/09, ECLI:EU:C:2010:335, il-punt 50.

([56]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 1998, FFSA *et* vs Il-Kummissjoni, C-174/97 P, ECLI:EU:T:1998:130, il-punt 193.

([57]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

(196) Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li, għall-kuntrarju ta' dak li tasserixxi EVEHA fil-kummenti tagħha, l-Artikolu 53 tal-GBER u l-iskema qafas SA.42681 jikkostitwixxu bażi legali suffiċjenti għall-finanzjament tal-kostijiet operatorji tal-INRAP, peress li jidher li l-kundizzjonijiet l-oħra huma ssodisfati.

(197) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-għajnuna mogħtija tikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' intensità stabbiliti fl-Artikolu 53(6) u (7) tal-GBER, li jipprevedi l-possibbiltà li l-benefiċjarju jqis profitt raġonevoli. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-profitt raġonevoli ma jistax jiġi kkontestat, meta jitqies il-marġini operatorju baxx tal-INRAP ([58]) (fid-dawl tad-dħul tiegħu) ta' [0,5–2,0] %, li n-natura "limitata ħafna" tiegħu hija nnotata mill-Kummissjoni fil-premessa 93 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

5.4.1.2. Kompatibbiltà tal-finanzjament fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE

(198) Sussidjarjament, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li, minkejja l-applikabbiltà possibbli tal-iskema qafas SA.42681, li hija eżentata abbażi tal-Artikolu 53 tal-GBER, l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, rigward il-kompatibbiltà potenzjali tal-għajnuna mogħtija lill-INRAP abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) huma fondati sew.

(199) L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE jipprevedi li għajnuna għall-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern meta din l-għajnuna ma taffettwax il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

(200) L-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw liema proġetti u attivitajiet huma relatati mal-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(201) Huma jispjegaw li, irrispettivament mill-iskala jew mill-kuntest, kull operazzjoni mwettqa mill-INRAP, kemm jekk fil-qasam mhux ekonomiku kif ukoll f'dak ekonomiku, tikkontribwixxi, fil-prattika u matul il-fażijiet suċċessivi ta' studju, għall-konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku u għall-objettivi tal-politika kulturali, inkluż permezz tat-titjib ġenerali tal-għarfien xjentifiku, u għall-ħarsien, u għalhekk il-promozzjoni, tal-patrimonju arkeoloġiku.

(202) Huma jargumentaw li l-għan sħiħ tal-finanzjament, li mingħajru l-INRAP ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu, huwa li jippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(203) Huma jsostnu li l-finanzjament huwa meħtieġ biex l-INRAP iwettaq il-missjonijiet tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jissalvagwardja l-patrimonju arkeoloġiku. Huwa wkoll xieraq u proporzjonat. Mingħajr dan il-finanzjament, l-INRAP – li għandu l-obbligu li jwettaq skavi bħala operatur tal-aħħar istanza – ma jkunx jista' jiflaħ, waħdu, għall-kostijiet inerenti f'dawn l-obbligi abbażi biss tad-dħul iġġenerat mill-attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku tiegħu. Minn dan isegwi li, fin-nuqqas ta' dan il-finanzjament, parti mill-missjonijiet tal-ħarsien, tal-promozzjoni u tas-salvagwardja tal-patrimonju arkeoloġiku segwiti mill-INRAP ma jkunux sostenibbli fit-tul.

(204) Il-finanzjament mogħti lill-INRAP jikkorrispondi kemm jista' jkun mill-qrib mal-ħtiġijiet baġitarji, finanzjarji u operazzjonali tiegħu. Qabel il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Franċiżi kienu argumentaw li l-marġini operatorju (ibbażat fuq id-dħul tal-INRAP) għall-2008–2020 kien limitat ħafna u kien jammonta biss għal [0,5–2,0] %, jiġifieri bilanċ ta' EUR […] miljun. Għalhekk, skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-INRAP ma huwiex "iffinanzjat iżżejjed" mill-fondi pubbliċi biex iwettaq l-attivitajiet kollha tiegħu.

(205) Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew ukoll, għall-perjodu 2008–2021, data dettaljata dwar id-dħul u n-nefqa relatati mal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tal-INRAP:

([58]) Il-marġini operatorju jiġi kkalkolat kif ġej: Marġini operatorju = (Dħul – Kostijiet)/Dħul.

*Tabella 4*

**Id-dħul u n-nefqa fis-settur mhux ekonomiku tal-INRAP matul il-perjodu 2008–2021**

| | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **FINANZJAMENT PUBBLIKU GĦAS-SETTUR MHUX EKONOMIKU** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Taxxa assenjata(RAP)<br>Attività mhux ekonomika tal-INRAP | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Għotja operatorja mill-Ministeru għall-Kultura<br>Attività mhux ekononika tal-INRAP | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Sussidju, korpi pubbliċi oħra<br>Proġetti speċifiċi ta’ riċerka u ta’ tixrid tal-INRAP | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Finanzjament totali** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **NEFQA GĦAS-SETTUR MHUX EKONOMIKU** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Evalwazzjonijiet | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Operazzjonijiet fl-2001 | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Riċerka | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Promozzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Ċentri ta’ riċerka u konservazzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Nefqa totali** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| | | | | | | | | | | | | | | **Bilanċ fis-settur mhux kompetittiv:** | **[…]** |

*Tabella 5*

**Id-dħul u n-nefqa fis-settur ekonomiku tal-INRAP matul il-perjodu 2008–2021**

| | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL TAS-SETTUR EKONOMIKU** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Skavar, Liġi tal-2003 | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | |
| Skavar imwettaq mill-AFAN | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | |
| Servizzi xjentifiċi | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | |
| Parir espert u taħriġ | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | |
| **Subtotali** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Sussidju għall-kostijiet tas-servizz pubbliku | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 3,85 | 5,80 | 5,80 | 7,24 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 22,69 |
| **Dħul totali tas-settur kompetittiv** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **NEFQA GĦAS-SETTUR EKONOMIKU** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Skavar, Liġi tal-2003 | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Skavar imwettaq mill-AFAN | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Servizzi xjentifiċi | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Parir espert u taħriġ | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Subtotali** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Kreditu tat-taxxa għar-riċerka (CIR) | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| **Nefqa totali wara li jitqies is-CIR** | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| | | | | | | | | | | | | | | **Bilanċ fis-settur kompetittiv:** | **[…]** |

(206) L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi turi wkoll li l-bilanċ (jiġifieri bħala d-differenza bejn id-dħul u n-nefqa) tas-settur ekonomiku tal-INRAP matul il-perjodu 2008–2021 huwa ta’ madwar EUR […] miljun, li jagħtu marġini operatorju ta’ [2,8–4,6] % matul il-perjodu kollu.

(207) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li l-finanzjament tal-attivitajiet tal-INRAP ma jaffettwax il-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

(208) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan għandu effett limitat ħafna fuq il-kummerċ, speċjalment minħabba li, min-natura tiegħu stess, jikkonċerna missjonijiet u servizzi li huma nazzjonali b’mod inċert u missjonijiet li jiġġeneraw kostijiet tas-servizz pubbliku. Kwalunkwe effett negattiv fuq is-suq huwa limitat ħafna, kif muri mill-prezzijiet imposti mill-INRAP fis-suq tal-iskavar li, skont l-awtoritajiet Franċiżi, u għall-kuntrarju tal-allegazzjoni tal-ilmentatriċi, ma jaffettwawx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u ma jammontawx għal ipprezzar predatorju jew ma jipproduċux effett ta’ evizzjoni, speċjalment peress li bħala medja huma ogħla matul il-perjodu taħt eżami minn dawk imposti minn operaturi oħra fil-qasam tal-arkeoloġija preventiva. F’dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-INRAP, fil-kuntest tal-attivitajiet kompetittivi tiegħu, jinsab attent għall-fatt li kwalunkwe profitt li x’aktarx jirriżulta minn kull operazzjoni jibqa’ raġonevoli. Huma jispjegaw li, wara d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-1 ta’ Ġunju 2017, l-INRAP introduċa għodda għall-kalkolu tal-marġnijiet tiegħu skont l-operazzjoni qabel is-sottomissjoni tal-offerti tiegħu għal kuntratti ta’ skavar. Din l-għodda tagħmilha possibbli li tiġi standardizzata l-metodoloġija, filwaqt li tiżgura li l-INRAP awtomatikament tiġġenera profitt. Għalhekk, għal kull operazzjoni, l-INRAP jiżgura li l-marġni nett imbassar iqis il-kostijiet kollha fl-intier tagħhom. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, minn dan isegwi li l-INRAP qatt ma jista’ jkun f’pożizzjoni fejn ikun jista’ jipprattika pprezzar predatorju.

(209) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kontribuzzjoni għall-objettiv ta' interess komuni, skont l-awtoritajiet Franċiżi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-effetti pożittivi jisbqu bil-kbir kwalunkwe effett negattiv potenzjali, peress li dak li hemm inkwistjoni huwa l-ilħuq ta' objettiv leġittimu ta' interess ġenerali fil-forma ta' konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku, li l-mezzi għaliha għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri, u li l-importanza tagħhom hija rikonoxxuta wkoll mit-TFUE, pereżempju fl-Artikolu 36 tiegħu fir-rigward tal-patrimonju nazzjonali ta' valur arkeoloġiku.

(210) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li l-kriterji kollha ta' kompatibbiltà fl-Artikolu 107(3)(d) huma ssodisfati f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament mogħti lill-INRAP.

## 6. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI INKWISTJONI

### 6.1. Identifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni

(211) Iż-żewġ miżuri inkwistjoni, jiġifieri (i) is-sussidjar reċiproku potenzjali bejn l-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP u l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu u (ii) is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, huma deskritti fit-Taqsimiet 3.1.1 u 3.1.2 ta' din id-Deċiżjoni.

(212) Wara l-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand EVEHA jew Franza li qajjem dubji dwar l-identifikazzjoni ta' dawn il-miżuri.

(213) Konsegwentement, il-Kummissjoni wettqet l-analiżi li ġejja.

### 6.2. Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

(214) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(215) Minn dan isegwi li, sabiex miżura titqies bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, iridu jiġu ssodisfati l-kriterji kumulattivi li ġejjin:

(a) il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u l-għotja tkun permezz tar-riżorsi tal-Istat;

(b) il-miżura trid tkun selettiva u ta' benefiċċju għal impriża involuta f'attivitajiet ekonomiċi;

(c) il-miżura trid tagħti vantaġġ ekonomiku; u

(d) il-miżura trid toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni, u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(216) Peress li dawn il-kriterji huma kumulattivi, jekk wieħed minnhom ma jiġix issodisfat, il-miżura ma tistax tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

#### 6.2.1. *Sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi b'rabta ma' skavi arkeoloġiċi preventivi*

##### 6.2.1.1. Il-kunċetti ta' impriża u attività ekonomika

(217) Skont ġurisprudenza stabbilita, "il-kunċett ta' impriża jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-kundizzjoni ġuridika ta' din l-entità u mill-mod ta' finanzjament tagħha" ([59]). Għalhekk, il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament min-natura tal-attivitajiet tagħha. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' beni jew servizzi f'suq partikolari tikkostitwixxi attività ekonomika" ([60]).

([59]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, Pavlov *et*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:EU:C:2000:428, il-punt 74.

([60]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 118/85, ECLI:EU:C:1987:283, il-punt 7; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 1998, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-35/96, ECLI:EU:C:1998:303, il-punt 36; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, Pavlov *et*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:EU:C:2000:428, il-punt 75.

(218) Kif ġie indikat fil-premessi 19 sa 21, is-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi nfetaħ għall-kompetizzjoni mil-Liġi Nru 2003-707 tal-1 ta' Awwissu 2003. F'konformità mal-Artikolu L.523-8 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, l-iżviluppaturi jistgħu jagħżlu wieħed mill-operaturi li ġejjin biex jimplimentaw ordni mill-Istat: (i) l-INRAP, (ii) dipartiment arkeoloġiku lokali jew reġjonali, jew (iii) kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra, dment li l-għarfien espert xjentifiku tagħha jkun akkreditat mill-Istat.

(219) Il-Kummissjoni tinnota li l-INRAP joffri servizzi bbażati fuq it-tariffi fis-suq deregolat għall-iskavi arkeoloġiċi preventivi biex l-iżviluppaturi jkunu jistgħu jikkonformaw mal-ordnijiet tal-gvern qabel ma jwettqu proġetti ta' żvilupp tal-art ([61]).

(220) Għalhekk, l-attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku preventiv tal-INRAP huma attivitajiet ekonomiċi. Din il-klassifikazzjoni bħala attività ekonomika fil-fatt ġiet rikonoxxuta kemm mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni, fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Ġunju 2017, ([62]) kif ukoll mill-predeċessur tagħha (il-Bord tal-Kompetizzjoni, *Conseil de la Concurrence*), fl-opinjoni tagħha tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-AFAN, il-predeċessur tal-INRAP ([63]).

(221) Għalhekk, ma hemm l-ebda dubju li fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi, l-INRAP tabilħaqq jikkostitwixxi impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(222) Din il-konklużjoni, li diġà kienet intlaħqet mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, ma hijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi.

6.2.1.2. Użu tar-riżorsi tal-Istat u imputabbiltà tal-miżura lill-Istat

(223) F'konformità mal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, huma biss il-miżuri mogħtija minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat li jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. L-għoti ta' vantaġġ direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà ta' tali miżura lill-Istat huma żewġ kundizzjonijiet separati u kumulattivi għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat ([64]).

(224) L-ewwel nett, fir-rigward tal-kriterju relatat mal-imputabbiltà lill-Istat, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-finanzjament tal-INRAP huwa previst mill-Artikolu L.524-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju ([65]). Barra minn hekk, is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jingħataw mill-Ministeru għall-Kultura.

(225) Għalhekk, ma hemm l-ebda dubju li l-miżura hija imputabbli lill-Istat.

(226) It-tieni, fir-rigward tal-kriterju tar-riżorsi tal-Istat, jenħtieġ li jitqies li r-riżorsi tal-Istat jinkludu r-riżorsi kollha tas-settur pubbliku ([66]). It-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jista' jieħu diversi forom, bħal għotjiet diretti, self, garanziji, investiment dirett fil-kapital ta' kumpaniji u benefiċċji *in natura* ([67]). Is-sussidji diretti mogħtija minn entità pubblika huma, min-natura tagħhom, riżorsi tal-Istat.

(227) Għalhekk, il-miżura inkwistjoni relatata ma' għajnuna potenzjali għas-settur kompetittiv hija imputabbli lill-Istat Franċiż u tingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(228) Din il-konklużjoni, li diġà kienet intlaħqet mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, bl-istess mod ma hijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi.

([61]) Ara, f'dan is-sens, il-premessi 19 sa 20 ta' din id-Deċiżjoni.
([62]) Ara l-paragrafu 57 tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-1 ta' Ġunju 2017: "... l-iskavi arkeoloġiċi preventivi, li l-objettivi u l-proċeduri tagħhom huma differenti milli fl-istadji l-oħra fil-proċess arkeoloġiku, jikkostitwixxu … attività ekonomika definita u ċirkoskritta b'mod speċifiku mil-Liġi tal-2003".
([63]) L-Opinjoni Nru 98-A-07 tal-Bord tal-Kompetizzjoni tad-19 ta' Mejju 1998 relatata ma' talba għal opinjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi tal-kompetizzjoni kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE għal attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku preventiv: "it-twettiq ta' skavi arkeoloġiċi preventivi huwa attività ekonomika".
([64]) Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust), C-482/99, ECLI:EU:C:2002:294, il-punt 24; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' April 2006, Deutsche Bahn AG vs Il-Kummissjoni, T-351/02, ECLI:EU:T:2006:104, il-punt 103.
([65]) Ara l-premessa 35 ta' din id-Deċiżjoni.
([66]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, Air France vs Il-Kummissjoni, T-358/94, ECLI:EU:T:1996:194, il-punt 56.
([67]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1), il-paragrafu 51.

6.2.1.3. Selettività tal-miżura

(229) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun selettiva, jiġifieri fi kliem ieħor trid tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(230) L-INRAP biss ingħata sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, għalkemm impriżi oħra skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma attivi fl-istess settur bħal dak li jopera fih l-INRAP. Peress li din hija għajnuna individwali, huwa preżunt li hija selettiva ([68]). L-INRAP huwa l-unika entità li tirċievi dawn is-sussidji. B'hekk, il-miżura hija selettiva skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Din il-konklużjoni, li diġà kienet intlaħqet mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, bl-istess mod ma hijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi.

6.2.1.4. Preżenza ta' vantaġġ ekonomiku

(231) Vantaġġ ekonomiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, huwa kwalunkwe benefiċċju li impriża ma kinitx tkun tista' tikseb skont kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat ([69]). Kemm l-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi pożittivi kif ukoll it-taffija tal-piżijiet ekonomiċi ([70]) jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ. Din tal-aħħar hija kategorija wiesgħa li tinkludi kull mitigazzjoni tal-imposti normalment inklużi fil-baġit ta' impriża ([71]).

(232) Sabiex jiġi vvalutat jekk hemmx vantaġġ jew le, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża li ssegwi l-miżura jenħtieġ li tiġi mqabbla mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha li kieku l-miżura ma ġietx introdotta ([72]). Minħabba li l-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa importanti, huwa irrilevanti jekk il-vantaġġ huwiex obbligatorju għall-impriża fis-sens li ma setgħetx tevitah jew tirrifjutah ([73]).

(233) Il-kostijiet li jirriżultaw minn obbligi regolatorji imposti mill-Istat jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu bħala li jirrigwardaw il-kostijiet inerenti tal-attività ekonomika, sabiex kull kumpens għal dawn il-kostijiet jagħti vantaġġ lill-impriża ([74]). Dan ifisser li l-eżistenza ta' vantaġġ fil-prinċipju ma hijiex eskluża mill-fatt li l-benefiċċju ma jmurx lil hinn mill-kumpens għal kost li joriġina mill-impożizzjoni ta' obbligu regolatorju. L-istess japplika għall-eżenzjoni ta' kostijiet li l-impriża ma kienx ikollha li kieku ma kien hemm l-ebda inċentiv li joriġina mill-miżura tal-Istat minħabba li mingħajr dan l-inċentiv kienet tistruttura l-attivitajiet tagħha b'mod differenti.

(234) F'dan il-każ, il-miżura tikkonsisti minn sussidju annwali biex jingħata kumpens lill-INRAP għat-telf imġarrab bħala riżultat tal-obbligi imposti fuqu fil-kapaċità tiegħu bħala operatur tal-aħħar istanza għal skavi arkeoloġiċi preventivi. Konsegwentement, il-kumpens għal dawn il-kostijiet, fil-prinċipju, jagħti vantaġġ ekonomiku lill-INRAP.

(235) Il-vantaġġ ekonomiku huwa dderivat mill-fatt li l-INRAP jinħeles minn ċerti piżijiet ekonomiċi li kieku kienu jiġu imposti fuq il-baġit tiegħu, u jibbenefika minn dħul finanzjarju li ma kienx se jirċievi f'kundizzjonijiet tas-suq normali. Din il-konklużjoni, li diġà kienet intlaħqet mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, bl-istess mod ma hijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi.

([68]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015, Il-Kummissjoni vs MOL, C-15/14 P, ECLI:EU:C:2015:362, il-punt 60.
([69]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et*, C-39/94, ECLI:EU:C:1996:285, il-punt 60; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-342/96, ECLI:EU:C:1999:210, il-punt 41.
([70]) Bħal, pereżempju, benefiċċji fuq it-taxxa jew tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.
([71]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, ECLI:EU:C:1994:100, il-punt 13; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, ECLI:EU:C:2000:467, il-punt 25; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1999, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-6/97, ECLI:EU:C:1999:251, il-punt 15; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, ECLI:EU:C:2005:130, il-punt 36.
([72]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 173/73, ECLI:EU:C:1974:71, il-punt 13.
([73]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/339/KE tal-15 ta' Ottubru 2003 dwar il-miżuri implimentati mill-Italja għar-RAI SpA, (ĠU L 119, 23.4.2004, p. 1), il-premessa 69; il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Fennelly tas-26 ta' Novembru 1998, Franza vs Il-Kummissjoni, C-251/97, ECLI:EU:C:1998:572, il-punt 26.
([74]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2015, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, T-538/11, ECLI:EU:T:2015:188, il-punti 74 sa 78.

(236) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-kumpens għall-kostijiet tas-servizz pubbliku ma jikkostitwix kumpens għal servizz pubbliku skont is-sentenza Altmark, iżda pjuttost għajnuna operatorja koperta mill-Artikolu 53 tal-GBER. B'dak ir-raġunament, l-awtoritajiet Franċiżi jaċċettaw b'mod impliċitu li s-sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jagħti vantaġġ ekonomiku lill-INRAP (l-għajnuna mill-Istat biss hija koperta mill-GBER).

(237) Madankollu, kif indikat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, fil-każ ta' sussidji mogħtija bħala kumpens għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, il-vantaġġ ekonomiku jista', sussidjarjament u għall-finijiet ta' kompletezza, jiġi vvalutat fid-dawl tad-deċiżjoni Altmark ([75]). Dik id-deċiżjoni sabet li l-għoti ta' vantaġġ jista' jiġi eskluż fil-kuntest ta' kumpens għal servizzi pubbliċi jekk jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet kumulattivi:

(1) l-intrapriża li tirċievi trid fil-fatt ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq u l-obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar;

(2) il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti;

(3) il-kumpens ma jistax jaqbeż dak li hu meħtieġ biex ikopri il-kostijiet kollha, jew parti minnhom, imġarrba waqt it-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku, filwaqt li jitqiesu l-irċevuti rilevanti u qligħ raġonevoli biex jitwettqu dawk l-obbligi;

(4) meta l-għażla tal-impriża responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku ma ssirx fil-kuntest ta' proċedura ta' kuntratt pubbliku, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat b'mezzi tat-trasport sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti neċessarji tas-servizz pubbliku, kienet iġġarrab sabiex twettaq dawk l-obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi.

(238) Minħabba n-natura kumulattiva tal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Altmark, huwa biżżejjed li waħda mill-kundizzjonijiet ma tiġix issodisfata sabiex il-kumpens jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(239) Mingħajr preġudizzju għall-analiżi tal-kundizzjonijiet l-oħra, huwa ċar li tal-anqas ir-raba' kriterju ma huwiex issodisfat inkwantu l-kompiti tal-INRAP ma ġewx fdati lilu permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku u ma hemm l-ebda evidenza li l-ammont ta' kumpens jikkorrispondi għall-kostijiet ta' impriża mmexxija tajjeb.

(240) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jagħtu lill-INRAP vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.2.1.5. Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ

(241) Miżura mogħtija mill-Istat titqies li toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni meta tkun tista' ssaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta mqabbel ma' intrapriżi oħrajn li jikkompeti magħhom ([76]).

(242) Għall-iskopijiet prattiċi kollha, distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ġeneralment tkun teżisti meta l-Istat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn ikun hemm, jew jista' jkun hemm, il-kompetizzjoni ([77]).

(243) Kif ġie indikat fil-premessi 19 sa 21, is-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi nfetaħ għall-kompetizzjoni mil-Liġi Nru 2003-707 tal-1 ta' Awwissu 2003. Għalhekk, kwalunkwe vantaġġ finanzjarju mogħti lill-INRAP fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu (bħall-għoti ta' sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi) jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu fir-rigward ta' operaturi oħra tal-arkeoloġija preventiva, mill-inqas mill-1 ta' Awwissu 2003.

([75]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans, C-280/00, ECLI:EU:C:2003:415, il-punti 87 sa 95.
([76]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris, 730/79, ECLI:EU:C:1980:209, il-punt 11; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, Alzetta, il-Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97, eċċ., ECLI:EU:T:2000:151, il-punt 80.
([77]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, Alzetta, il-Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97 eċċ., ECLI:EU:T:2000:151, il-punti 141 sa 147; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans, C-280/00, ECLI:EU:C:2003:415.

(244) Fir-rigward tal-kriterju li jaffettwa l-kummerċ, hija ġurisprudenza stabbilita li ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, iżda biss jekk l-għajnuna tistax taffettwa dan il-kummerċ ([78]).

(245) Il-Liġi Nru 2003/707 tal-1 ta' Awwissu 2003 ippermettiet lill-operaturi minn Stati Membri oħra jidħlu fis-suq Franċiż. Għaldaqstant, il-vantaġġ finanzjarju li jgawdi l-INRAP minħabba li dan jingħata għajnuna f'settur kompetittiv fil-forma ta' sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jista' jagħmel id-dħul fis-suq aktar diffiċli għal dawk l-operaturi u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Din il-konklużjoni, li diġà kienet intlaħqet mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, bl-istess mod ma hijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi.

6.2.1.6. Konklużjoni dwar il-klassifikazzjoni tas-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi bħala għajnuna

(246) Fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment li jibdel il-valutazzjoni tagħha dwar jekk is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jenħtieġx li jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat.

(247) Konsegwentement, għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur l-INRAP.

6.2.2. *Sussidjar reċiproku potenzjali bejn l-attivitajiet mhux kompetittivi tal-INRAP sussidjati mill-Istat u l-attivitajiet kompetittivi tiegħu*

6.2.2.1. Separazzjoni kontabilistika tal-INRAP

(248) Kif ġue spjegat minn EVEHA (ara l-premessa 86), is-sussidjar reċiproku potenzjali bejn l-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP u l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu jikkostitwixxi l-qofol tal-ilment.

(249) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dettaljati dwar in-nuqqas ta' separazzjoni kontabilistika tat-tip li teskludi s-sussidjar reċiproku bejn l-attivitajiet "mhux kompetittivi" tal-INRAP u l-attivitajiet "kompetittivi" tagħha. Madankollu, hija ma laħqitx konklużjoni definittiva dwar tali nuqqas ta' separazzjoni u, għalhekk, dwar jekk setgħetx ingħatat għajnuna mill-Istat lill-INRAP b'dan il-mod.

(250) Minħabba d-diffikultajiet biex tiġi aċċertata l-adegwatezza tas-sistema tal-kontabbiltà tal-kostijiet stabbilita mill-INRAP, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, ma ħaditx pożizzjoni definittiva dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat li tirriżulta minn sussidjar reċiproku potenzjali, iżda nnotat li jkun possibbli, fi kwalunkwe każ, li hija tivvaluta l-kompatibbiltà mas-suq intern.

(251) Madankollu, fil-kummenti tagħha bi tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ, EVEHA targumenta (ara l-premessi 75 *et seq.*) li l-Kummissjoni ma tistax tieħu pożizzjoni dwar il-kompatibbiltà ta' miżura qabel ma l-ewwel tkun iddeterminat jekk dik il-miżura tikkostitwix għajnuna mill-Istat. Din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti f'sentenza reċenti mogħtija fil-kawża Vattenfall ([79]).

(252) Għalhekk, il-Kummissjoni l-ewwel jeħtiġilha tiddetermina jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex preżenti jew le qabel ma tieħu deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà possibbli ta' kwalunkwe għajnuna bħal din li tirriżulta minn sussidjar reċiproku potenzjali.

(253) Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn EVEHA f'dan ir-rigward (ara l-premessa 72), filwaqt li tenniet il-fehma tagħha li kien hemm nuqqas ta' separazzjoni affidabbli tal-kontabbiltà bejn l-2008 u l-2021.

(254) Bl-istess mod, il-Kummissjoni rċeviet l-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi (ara t-taqsima 5.3) fis-sens li, bejn l-2008 u l-2018, l-INRAP diġà kellu sistema ta' kontabbiltà tal-kostijiet fis-seħħ, għalkemm waħda li setgħet "tittejjeb" (ara l-premessa 164), u li l-INRAP kien ilu impenjat minn qabel l-2015 "li jistabbilixxi l-kontabbiltà tal-kostijiet, bl-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-kost u l-istruttura u l-komponenti varjabbli tagħhom." (ara l-premessa 165). L-awtoritajiet Franċiżi jiċċitaw ukoll deċiżjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni datata l-2017 ([80]), li ma sabitx li kien hemm "nuqqas" ta' separazzjoni kontabilistika xierqa bejn l-attivitajiet kompetittivi u dawk mhux kompetittivi iżda madankollu nnotat li "s-sistema setgħet tittejjeb". Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li, tal-inqas wara l-2018, il-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP kienet

([78]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech vs The Parking Adjudicator, C-518/13, ECLI:EU:C:2015:9, il-punt 65; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et*, il-Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, ECLI:EU:C:2013:288, il-punt 76.
([79]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, C-40/23 P, ECLI:EU:C:2024:492, il-punt 35.
([80]) Ara n-nota 29 f'qiegħ il-paġna.

tali li tipprekludi s-sussidjar reċiproku bis-saħħa tal-fatt li kienet issaħħet fis-snin preċedenti (ara l-premessa 170). Dan ġie stabbilit minn ditta tal-kontabbiltà kkummissjonata bħala awditur indipendenti bejn l-2018 u l-2020 b'mod partikolari (ara l-premessi 170 sa 173).

(255) Minbarra dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tiddikjara li matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali hija ħadet nota tar-rapport tal-esperti tat-18 ta' Diċembru 2023, ikkummissjonat mit-*Tribunal de Commerce de Paris* (il-Qorti Kummerċjali ta' Pariġi) bħala parti minn azzjoni mressqa minn EVEHA kontra l-INRAP (fil-31 ta' Diċembru 2018) għal kumpens għal danni mġarrba bħala riżultat ta' prattiki antikompetittivi allegati min-naħa tal-INRAP.

(256) Ir-rapport tal-esperti nnifsu huwa bbażat fuq l-awditu li twettaq qabel mill-awditur indipendenti msemmi fil-premessa 254. Il-konklużjoni tax-xhud espert hija kif ġej:

"Bħala konklużjoni, wara li wettaqna l-verifiki kollha li kkunsidrajna xierqa, nistgħu nikkonfermaw li d-data fil-komunikazzjoni tal-INRAP tal-1 ta' Lulju 2021 tittieħdet mis-sistema tal-kontabbiltà tal-kostijiet tagħha, li hija konsistenti mal-kontijiet ġenerali.

**Għar-raġunijiet stabbiliti f'dan ir-rapport u miġbura fil-qosor hawn fuq, nistgħu nivvalidaw iċ-ċifri tal-fatturat (diżaggregazzjoni bejn is-setturi bi skop ta' qligħ u dawk mingħajr skop ta' qligħ)** [tipa grassa miżjuda mix-xhud espert].

**Madankollu, ma nistgħux nivvalidaw id-data dwar il-kostijiet (id-diżaggregazzjoni perċentwali bejn il-kostijiet diretti u indiretti għal kull wieħed miż-żewġ setturi ta' attività), peress li ma hemm l-ebda metodoloġija għall-allokazzjoni ta' ċerti kostijiet indiretti appoġġati minn kriterji li huma oġġettivi u robusti b'mod suffiċjenti** [tipa grassa miżjuda mix-xhud espert].

Dan fih innifsu ma jfissirx li d-data pprovduta mill-INRAP dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet indiretti neċessarjament hija skorretta. Dan ifisser li, kif inhuma l-affarijiet, il-koeffiċjent ewlieni tal-allokazzjoni użat biex dawn il-kostijiet jiġu allokati bejn iż-żewġ setturi ta' attività (bi skop ta' qligħ u mingħajr skop ta' qligħ) ma huwiex issostanzjat biżżejjed biex jippermetti l-validazzjoni, b'mod partikolari peress li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni użat mill-INRAP jiddevja mill-prattika osservata ġeneralment f'setturi ekonomiċi komparabbli." [Sottolinjar mill-Kummissjoni]

(257) Il-Kummissjoni tinnota li sabiex il-finanzjament ta' attività mhux ekonomika jaqa' barra mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istat Membru kkonċernat jeħtieġlu jiżgura li l-finanzjament taħt l-ebda ċirkostanza ma jkun jista' jintuża għal sussidjar reċiproku jew sussidjar indirett ta' attivitajiet ekonomiċi oħra.

(258) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-sussidjar reċiproku jista' jiġi prekluż billi jinżammu kontijiet separati, sabiex il-kostijiet u d-dħul jiġu allokati b'mod xieraq u jiġi żgurat li kwalunkwe finanzjament pubbliku ma jkunx ta' benefiċċju għal attivitajiet oħra ([81]).

(259) Madankollu, l-informazzjoni ta' hawn fuq turi li minkejja snin ta' skrutinju, kemm quddiem il-Kummissjoni kif ukoll quddiem l-awtoritajiet jew il-qrati nazzjonali, l-ebda awditur indipendenti ma seta' jistabbilixxi li l-koeffiċjent(i) tal-allokazzjoni użat(i) biex jiġu allokati l-kostijiet imġarrba mill-INRAP bejn iż-żewġ setturi ta' attività (ekonomika u mhux ekonomika) huwa/huma ssostanzjat(i) biżżejjed biex jiġi eskluż kwalunkwe riskju ta' sussidjar reċiproku.

(260) Għalhekk, filwaqt li taċċetta l-argumenti ta' Franza dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kontabbiltà tal-kostijiet stabbilita mill-INRAP u l-isforzi mill-awtoritajiet Franċiżi biex itejbuha (inkluż għall-futur), jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni hija meħtieġa, fi tmiem il-proċedura ta' investigazzjoni formali, tivvaluta jekk hemmx għajnuna mill-Istat jew le fil-forma ta' sussidjar reċiproku favur l-INRAP.

(261) Għalhekk, abbażi ta' din is-sejba, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

#### 6.2.2.2. Il-kunċetti ta' impriża u attività ekonomika

(262) Kif ġie indikat fil-premessa 217, il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' beni jew servizzi f'suq partikolari tikkostitwixxi attività ekonomika".

([81]) Ara wkoll il-punt 212 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' gfsħajnuna mill-Istat.

(263) F'dan il-każ, is-sussidjar reċiproku potenzjali allegat minn EVEHA jirriżulta b'mod żbaljat mill-finanzjament pubbliku mogħti mill-Istat Franċiż lis-settur "mhux kompetittiv" tal-INRAP.

(264) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi ddefinita n-natura tal-attivitajiet koperti minn dan il-finanzjament, jiġifieri l-attivitajiet li jinvolvu evalwazzjonijiet tal-arkeoloġija preventiva, it-tħejjija tar-rapporti u t-tixrid tal-għarfien li jirriżulta (ara t-taqsima 2.1.1).

(265) Kif ġie spjegat mill-awtoritajiet Franċiżi, l-attività ta' evalwazzjoni hija servizz pubbliku ta' interess ġenerali li għalih l-iżviluppatur ma jħallasx lill-operatur.

(266) Tabilħaqq, kif huwa spjegat hawn taħt, ma hemm l-ebda suq reali għal din l-attività. L-attività ta' evalwazzjoni hija marbuta mill-qrib mal-funzjonijiet pubbliċi tal-Istat relatati mal-iżvilupp tal-art li għandhom l-għan li jipproteġu l-patrimonju arkeoloġiku.

(267) L-INRAP jiffinanzja l-attività ta' evalwazzjoni tiegħu permezz ta' sussidju operattiv imħallas mill-Istat. Din l-attività hija servizz pubbliku ta' interess ġenerali mmirat biex jiġi ppreservat il-patrimonju arkeoloġiku. L-INRAP ifittex "li jidentifika u jiddeskrivi, permezz ta' studji, stħarriġ jew xogħol fuq il-post, kwalunkwe element ta' patrimonju arkeoloġiku li jista' jkun preżenti fuq is-sit, u li jippreżenta s-sejbiet f'rapport" (l-Artikolu R.523-15(1) tal-Kodiċi tal-Patrimonju).

(268) Il-ħidma ta' evalwazzjoni tirriżulta fit-tħejjija ta' rapport ippreżentat lill-Istat. Ir-rapport jifforma parti integrali mill-evalwazzjoni u jistabbilixxi s-sejbiet tiegħu. Ir-rapporti jitfasslu mill-INRAP u mid-dipartimenti awtorizzati rilevanti tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali. Dawn ikun fihom informazzjoni xjentifika li tippermetti lill-Istat jordna lill-iżviluppaturi jieħdu miżuri xierqa ta' protezzjoni tal-patrimonju (skavi arkeoloġiċi preventivi, emendi tal-proġett ta' żvilupp jew skedar bħala monument storiku).

(269) Dan ix-xogħol huwa strettament irregolat mill-Istat; dan jordna u jawtorizza l-evalwazzjonijiet u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom, li hija fdata lil dipartiment awtorizzat ta' awtorità lokali jew reġjonali jew lill-INRAP. L-iżviluppaturi ma jagħżlux min iwettaq l-evalwazzjoni. Il-proċess tal-ħatra huwa stabbilit strettament mil-liġi: id-dipartimenti awtorizzati tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali huma l-ewwel għażla għat-twettiq tal-evalwazzjoni; jekk ma jkunux jistgħu jagħmlu dan, din titwettaq mill-INRAP.

(270) Ir-rapport ta' evalwazzjoni jikkostitwixxi data arkeoloġika xjentifika, dokument amministrattiv u rekord pubbliku. Għalhekk jista' jintuża mir-riċerkaturi arkeoloġiċi għal studji xjentifiċi mhux relatati mal-iżvilupp tal-art, mingħajr ebda restrizzjoni.

(271) L-attivitajiet ta' riċerka (it-twettiq ta' proġetti ta' riċerka, il-kitba ta' artikli, il-parteċipazzjoni f'simpożji xjentifiċi, eċċ.) u l-inizjattivi għar-reklamar ta' sejbiet arkeoloġiċi (l-għajnuna fl-organizzazzjoni ta' wirjiet eċċ.) jitwettqu mill-INRAP indipendentement mill-attività arkeoloġika preventiva tiegħu. Huma ffinanzjati kompletament mis-sussidju operattiv tal-INRAP u ma jitħallsux minn partijiet terzi.

(272) Għalhekk, l-attività ta' evalwazzjoni tal-arkeoloġija preventiva ma hijiex attività ekonomika jew kompetittiva, meta jitqies il-mod kif hija rregolata u organizzata mill-Istat:

(1) L-ewwel nett, ma hemm l-ebda suq għas-servizzi ta' evalwazzjoni tal-arkeoloġija preventiva peress li l-Istat iddeċieda li jafda dan is-servizz esklużivament lill-INRAP jew lil awtoritajiet lokali jew reġjonali.

(2) It-tieni, din l-attività taqa' taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-awtorità uffiċjali, skont it-tifsira tal-paragrafu 17 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat: "L-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma japplikax fejn l-Istat jaġixxi 'billi jeżerċita setgħa pubblika' jew fejn l-entitajiet pubbliċi jaġixxu 'fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi' ([82]). L-attività ta' evalwazzjoni tal-arkeoloġija preventiva hija intrinsikament marbuta mal-eżerċizzju tal-prerogattivi tas-setgħa pubblika dwar il-mod li bih l-Istat jixtieq jiġġestixxi l-ippjanar tal-bliet u tal-kampanja u jippreserva l-patrimonju arkeoloġiku u storiku tiegħu. F'dan

([82]) L-istess paragrafu tal-Avviż tal-Kummissjoni jispeċifika li "Entità tista' titqies li taġixxi billi teżerċita setgħa pubblika fejn l-attività inkwistjoni tifforma parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat jew hija marbuta ma' dawk il-funzjonijiet min-natura tagħha, l-għan tagħha u r-regoli li għalihom hija soġġetta. Ġeneralment, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx iddeċieda li jdaħħal mekkaniżmi tas-suq, attivitajiet li intrinsikament jiffurmaw parti mill-prerogattivi ta' awtorità uffiċjali u jitwettqu mill-Istat ma jammontawx għal attivitajiet ekonomiċi."

ir-rigward, l-għan tal-attività ta' evalwazzjoni tal-arkeoloġija preventiva b'mod ċar huwa li jiġi stabbilit jekk sit fihx traċċi ta' okkupazzjoni umana fil-passat bl-użu ta' tagħmir xieraq u abbażi ta' għarfien xjentifiku speċjalizzat ħafna. Dan il-kompitu ta' analiżi huwa meħtieġ għall-konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku u jsegwi objettiv ta' interess pubbliku li ma għandu l-ebda dimensjoni ekonomika. Huwa attività ta' protezzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku li hija inseparabbli minn "riċerka għal aktar għarfien u fehim aħjar" u "d-distribuzzjoni tar-riżultati ta' riċerka" skont it-tifsira tal-paragrafu 31 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat.

(3) Fl-aħħar nett, fid-dawl tan-natura speċifika u tar-rwol tal-evalwazzjonijiet tal-arkeoloġija preventiva li jitwettqu b'mod standardizzat fil-pajjiż kollu, u minħabba n-nuqqas ta' suq ġenwin għal dan it-tip ta' servizzi, l-attività ta' evalwazzjoni tidher li ma hijiex sostitwibbli skont it-tifsira tal-paragrafu 36 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ([83]).

(273) Għalhekk, hawnhekk ma hijiex kwistjoni ta' attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u servizzi f'suq partikolari. Dawn il-kompiti kulturali u xjentifiċi li jsegwu objettiv ta' interess pubbliku mingħajr skop ta' qligħ għaldaqstant huma ta' natura mhux ekonomika fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(274) Barra minn hekk, f'konformità mal-paragrafu 34 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, "Filwaqt li titqies in-natura partikulari tagħhom, ċerti attivitajiet relatati mal-kultura, il-konservazzjoni tal-patrimonju u n-natura jistgħu jiġu organizzati b'mod mhux kummerċjali, u b'hekk ikunu ta' natura mhux ekonomika", li jidher li huwa l-każ għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni tal-INRAP.

(275) Barra minn hekk, il-paragrafu 37 tal-Avviż tal-Kummissjoni jipprevedi li "F'każijiet fejn entità twettaq attivitajiet kulturali jew ta' konservazzjoni tal-patrimonju, li wħud minnhom huma attivitajiet ta' natura mhux ekonomika kif stabbilit fil-paragrafi 34 u 36 u xi wħud minnhom huma attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku li tirċievi jaqa' taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat biss sa fejn dan ikopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi."

(276) Peress li, f'dan il-każ, il-finanzjament pubbliku marbut mal-attivitajiet ta' evalwazzjoni ma jkoprix attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni tqis li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, jenħtieġ li jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(277) L-istess konklużjoni tapplika għall-attivitajiet relatati mar-riċerka u mal-promozzjoni tar-riżultati, peress li jikkostitwixxu "riċerka [...] għal aktar għarfien u fehim aħjar" u "distribuzzjoni tar-riżultati ta' riċerka" skont it-tifsira tal-paragrafu 31 tal-Avviż tal-Kummissjoni.

(278) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tqis li dawn l-attivitajiet ma jikkostitwux attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u għalhekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(279) Madankollu, kwalunkwe sussidjar reċiproku bejn l-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP – li, fil-prinċipju, ikun jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE – u l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu jkollu impatt fuq is-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi inkwantu dan jippermetti lill-INRAP jirċievi appoġġ mill-Istat Franċiż li jista' jużа fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi.

(280) Kif ġie indikat fil-premessi 217 sa 221, ma hemm l-ebda dubju li, fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi, l-INRAP jikkostitwixxi impriża involuta f'attività ekonomika għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(281) Għalhekk, fid-dawl tal-analiżi tal-Kummissjoni fil-premessi 248 sa 261 hawn fuq u l-konklużjoni tagħha li ma hemm l-ebda garanzija ta' separazzjoni affidabbli tal-kontabbiltà li tipprekludi s-sussidjar reċiproku, il-Kummissjoni tikkonkludi li parti mill-finanzjament pubbliku għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP tibbenefika lil impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE peress li dak il-finanzjament jista' jintuża għall-iskavi arkeoloġiċi.

([83]) Il-paragrafu 36 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat: "Barra minn hekk, ħafna attivitajiet kulturali u ta' konservazzjoni tal-patrimonju huma oġġettivament mhux sostitwibbli (pereżempju, iż-żamma tal-arkivji pubbliċi li jkollhom dokumenti uniċi) u b'hekk jeskludu l-eżistenza ta' suq ġenwin. Fil-fehma tal-Kummissjoni, tali attivitajiet jkunu jikkwalifikaw ukoll bħala ta' natura mhux ekonomika."

6.2.2.3. Użu tar-riżorsi tal-Istat u imputabbiltà tal-miżura lill-Istat

(282) Kwalunkwe sussidjar reċiproku potenzjali tal-INRAP matul il-perjodu mill-2008 sal-2021 ikun jikkonsisti f'parti mill-finanzjament pubbliku li ġej moghti għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP (ara l-premessa 36):

(a) sal-31 ta' Diċembru 2015, porzjon mir-rikavat mill-imposta tal-arkeoloġija preventiva (RAP);

(b) sussidji mill-approprjazzjonijiet tal-baġit;

(c) mill-1 ta' Jannar 2016, sussidju operattiv imħallas mill-Ministeru għall-Kultura fil-forma ta' approprjazzjonijiet tal-baġit previsti fil-Liġi tal-Baġit (il-Programm 175) ([84]);

(d) sussidju operattiv imħallas mill-Ministeru għall-Kultura fil-forma ta' approprjazzjonijiet tal-baġit previsti fil-Liġi tal-Baġit (il-Programm 186) ([85]);

(e) diversi sussidji minn entitajiet pubbliċi minbarra l-ministeri kompetenti, kemm jekk Franċiżi kif ukoll jekk le ([86]).

(283) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota, kif indikat fil-premessa 224, li l-finanzjament tal-INRAP huwa previst mill-Artikolu L.524-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju ([87]) u li l-finanzjament jingħata mill-Istat Franċiż jew minn entitajiet pubbliċi.

(284) It-tieni, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament imsemmi hawn fuq (il-premessa 282) jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat. L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-RAP kienet topera, tal-inqas sal-31 ta' Diċembru 2015, bħala taxxa allokata għall-benefiċċju dirett ta': (i) il-Fond Nazzjonali għall-Arkeoloġija Preventiva (minn hawn 'il quddiem il-"FNAP"); u (ii) l-operaturi tal-evalwazzjoni (l-INRAP u l-awtoritajiet lokali jew reġjonali). Hija ġurisprudenza stabbilita li taxxa li hija stabbilita u allokata lir-riċevituri (fil-każ inkwistjoni, il-FNAP u l-operaturi tal-evalwazzjoni) b'mod vinkolanti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ([88]) tikkostitwixxi riżorsa tal-Istat.

(285) Barra minn hekk, kif huwa indikat fil-premessa 226 ta' din id-Deċiżjoni, is-sussidji mogħtija minn entità pubblika (il-Ministeru għall-Kultura jew entità pubblika oħra) huma min-natura tagħhom riżorsi tal-Istat.

6.2.2.4. Selettività tal-miżura

(286) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun selettiva, jiġifieri fi kliem ieħor trid tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(287) Il-kwistjoni ta' sussidjar reċiproku bejn l-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-INRAP u l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu tikkonċerna biss lill-INRAP, anki jekk impriżi oħra skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jkunu attivi fl-istess settur ekonomiku u kompetittiv bħal dak li fih jopera l-INRAP.

(288) Peress li din hija għajnuna individwali, huwa preżunt li hija selettiva ([89]). L-INRAP huwa l-uniku benefiċjarju tal-finanzjament, u ma jistax jiġi eskluż li l-finanzjament jibbenefika l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu.

(289) B'hekk, il-miżura hija selettiva skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

([84]) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li, mill-1 ta' Jannar 2016, dan is-sussidju ssostitwixxa l-ġbir dirett tal-RAP mill-INRAP, li minn dak iż-żmien 'l hawn bdiet tħallas fil-baġit ġenerali tal-Istat.
([85]) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li dan is-sussidju kkontribwixxa għall-finanzjament tal-kompiti ta' riċerka u ta' tixrid kulturali tal-INRAP.
([86]) L-awtoritajiet Franċiżi ddikjaraw li dawn is-sussidji tħallsu għat-twettiq ta' operazzjonijiet immirati u mhux kompetittivi, b'mod partikolari permezz ta' sejħiet għal proposti, għal ammonti relattivament żgħar.
([87]) Ara l-premessa 35.
([88]) Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 1977, Steinke & Weinlig vs Il-Ġermanja, C-78/76, il-punti 21-22.
([89]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015, Il-Kummissjoni vs MOL, C-15/14 P, ECLI:EU:C:2015:362, il-punt 60.

#### 6.2.2.5. Preżenza ta' vantaġġ ekonomiku

(290) Vantaġġ ekonomiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, huwa kwalunkwe benefiċċju li impriża ma kinitx tkun tista' tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat. Kemm l-għoti ta' benefiċċji ekonomiċi pożittivi kif ukoll it-taffija tal-piżijiet ekonomiċi jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ. Din tal-aħħar hija kategorija wiesgħa li tinkludi kull mitigazzjoni tal-imposti normalment inklużi fil-baġit ta' impriża.

(291) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li n-nuqqas ta' kwalunkwe garanzija ta' nuqqas ta' sussidjar reċiproku tal-attivitajiet ekonomiċi tal-INRAP minn parti mill-finanzjament mill-Istat elenkat fil-premessa 282 ifisser li l-possibbiltà li l-INRAP jittaffewlu kostijiet inerenti fl-eżerċizzju tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu ma tistax tiġi eskluża.

(292) It-tieni, il-Kummissjoni tirreferi għall-valutazzjoni tagħha fil-premessi 237 sa 240 rigward in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni Altmark dwar is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, u hija tal-fehma li dik id-deċiżjoni lanqas ma hija applikabbli għal din il-miżura.

(293) Peress li l-INRAP igawdi vantaġġ ekonomiku li ma kienx jirċievi taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu titjieb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat jew ta' intervent minn entitajiet pubbliċi oħra, irid jiġi konkluż li l-INRAP igawdi vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

#### 6.2.2.6. Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ

(294) Miżura mogħtija mill-Istat titqies li toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni meta tkun tista' ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta dan jitqabbel ma' impriżi oħrajn li jikkompeti magħhom.

(295) Għal kull skop prattiku, distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ġeneralment tiġi kkonstatata li teżisti meta l-Istat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn ikun hemm, jew jista' jkun hemm, il-kompetizzjoni.

(296) Kif ġie indikat fil-premessi 19 sa 21 ta' din id-Deċiżjoni, is-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi nfetaħ għall-kompetizzjoni mil-Liġi Nru 2003-707 tal-1 ta' Awwissu 2003. Konsegwentement, kwalunkwe vantaġġ mogħti lill-INRAP fis-settur kompetittiv (b'mod partikolari permezz ta' sussidjar reċiproku mill-finanzjament riċevut għal attivitajiet mhux ekonomiċi) jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu fir-rigward ta' operaturi oħrajn tal-arkeoloġija preventiva.

(297) Fir-rigward tal-kriterju li jaffettwa l-kummerċ, hija ġurisprudenza stabbilita li ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, iżda biss jekk l-għajnuna tistax taffettwa dan il-kummerċ.

(298) Il-Liġi Nru 2003/707 tal-1 ta' Awwissu 2003 ippermettiet lill-operaturi minn Stati Membri oħra jidħlu fis-suq Franċiż. Għaldaqstant, il-vantaġġ finanzjarju li jgawdi l-INRAP, li jirriżulta f'għajnuna lis-settur kompetittiv tiegħu fil-forma ta' sussidji reċiproċi, jista' jagħmel id-dħul fis-suq aktar diffiċli għal dawk l-operaturi u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(299) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-miżura għandha titqies li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

#### 6.2.2.7. Konklużjoni dwar il-klassifikazzjoni bħala għajnuna minħabba li s-sistema tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP naqset milli tipprovdi xi garanzija tan-nuqqas ta' sussidjar reċiproku

(300) Abbażi tal-ispjegazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li, wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali, hija ma rċeviet l-ebda evidenza konkluživa li tippermettilha teskludi b'mod definittiv l-eżistenza ta' sussidjar reċiproku. Ir-rapporti kontabilistiċi mfassla minn awdituri indipendenti, b'mod partikolari l-aktar rapport riċenti tat-18 ta' Diċembru 2023 imsemmi hawn fuq (ara l-premessi 255 u 256), jenfasizzaw il-fatt li ma hemm l-ebda metodoloġija għall-allokazzjoni ta' ċerti kostijiet indiretti li hija appoġġata minn kriterji oġġettivi u robusti biżżejjed. Għalhekk, ir-rapporti ma jivvalidawx il-koeffiċjent ewlieni tal-allokazzjoni użat biex il-kostijiet imġarrba mill-INRAP jiġu allokati għall-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tiegħu.

(301) Billi (i) il-koeffiċjent ewlieni tal-allokazzjoni tal-kostijiet, li huwa l-uniku mezz ta' preklużjoni tas-sussidjar reċiproku, ma ġiex ivvalidat minn awdituri indipendenti minkejja li saru diversi awditi, u (ii) il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li parti mill-finanzjament pubbliku riċevut mill-INRAP b'rabta mal-attivitajiet mhux ekonomiċi tiegħu tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' dak l-Artikolu, peress li tista' tintuża b'rabta mal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi.

### 6.3. **Illegalità tal-miżuri inkwistjoni**

(302) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi diġà taw sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ([90]) kif ukoll finanzjament li potenzjalment jista' jintuża għas-sussidjar reċiproku tal-attivitajiet ekonomiċi tal-INRAP.

(303) Peress li l-awtoritajiet Franċiżi ma nnotifikawx dawn il-miżuri qabel ma implimentawhom, huma naqsu milli jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-INRAP hija illegali.

### 6.4. **Kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni**

(304) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-kostijiet tas-servizzi pubbliċi inkwistjoni huma koperti mill-iskema qafas SA.42681 (adottata abbażi tal-Artikolu 53 tal-GBER) (ara l-premessi 192 sa 197).

(305) Madankollu, fid-dawl tal-konklużjoni tagħha li s-separazzjoni kontabilistika ma kinitx affidabbli u infallibbli (ara t-Taqsima 6.2.2.1), il-Kummissjoni tqis li mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet tal-Artikolu 53 tal-GBER ma ġietx issodisfata. L-Artikolu 53(7) tal-GBER jipprevedi li "… l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex ikopri t-telf operatorju u profitt raġonevoli matul il-perjodu rilevanti. Dan jiġi żgurat *ex-ante*, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru". Minħabba n-nuqqas ta' separazzjoni kontabilistika infallibbli u affidabbli bejn l-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi, ikun impossibbli li dawk il-kostijiet u d-dħul jiġu ddeterminati preċiżament għal attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku, speċjalment f'każijiet fejn l-INRAP jaġixxi bħala l-operatur tal-aħħar għażla. B'mod speċifiku, l-Artikolu 53(5) tal-GBER jipprevedi li, għall-għajnuna operatorja, l-ispejjeż eliġibbli jinkludu "l-ispejjeż operatorji li għandhom x'jaqsmu direttament ma' … proġett", "l-ispejjeż għal persunal li jaħdem … għal … proġett" u "l-ispejjeż għal servizzi ta' konsulenza u appoġġ ipprovduti minn konsulenti esterni u fornituri tas-servizz". F'dan il-każ, ma huwiex possibbli li jiġu identifikati bil-quddiem il-proġetti li għalihom l-INRAP se jaġixxi bħala operatur tal-aħħar istanza, u xi wħud mill-kostijiet relatati ma' dik l-attività partikolari (ara Tabella 3 hawn taħt), bħall-kostijiet addizzjonali tal-operat tal-bini, ma humiex marbuta ma' proġetti speċifiċi, peress li huma kostijiet permanenti u strutturali.

(306) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li, għalkemm din il-bażi legali ġiet ippreżentata mill-awtoritajiet Franċiżi bħala raġuni biex l-għajnuna titqies kompatibbli, ma hijiex applikabbli għall-każ inkwistjoni.

(307) B'riżultat ta' dan, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-finanzjament riċevut mill-INRAP huwiex kopert minn waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE. L-għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq intern jekk il-Kummissjoni tqis li hija koperta minn waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE ([91]).

(308) Skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, "għajnuna sabiex tiġi promossa l-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni" tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.

(309) Peress li l-miżuri kkontestati minn EVEHA jaqgħu – kemm fir-rigward tas-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi kif ukoll ta' kwalunkwe sussidju reċiproku potenzjali – fl-ambitu tal-finanzjament pubbliku għal attivitajiet arkeoloġiċi ta' skavar, dawn jikkostitwixxu, fl-intier tagħhom, il-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju. Għalhekk, il-kompatibbiltà taż-żewġ miżuri trid tiġi eżaminata fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(d).

([90]) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 305 hawn taħt, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna inkwistjoni ma hijiex koperta minn arranġament ta' eżenzjoni bħall-GBER u għalhekk hija illegali skont it-tifsira tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

([91]) L-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE huma relatati ma': (a) għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-iżvilupp ta' ċerti reġjuni; (b) għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti fuq skala kbira ta' interess komuni Ewropew, jew sabiex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija ta' Stat Membru; (c) għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi oħra; (d) għajnuna maħsuba għall-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju; u (e) għajnuna oħra, kif iddeterminata minn deċiżjoni tal-Kunsill.

(310) L-awtoritajiet Franċiżi invokaw din il-bażi legali biex isostnu li ż-żewġ miżuri kienu kompatibbli mas-suq intern (ara l-premessi 199 sa 210).

(311) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li kull operazzjoni mwettqa mill-INRAP fis-settur ekonomiku kkontribwiet għall-konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku u għall-objettivi tal-politika kulturali, b'mod partikolari billi tipproteġi u tippromwovi l-patrimonju arkeoloġiku (ara l-premessa 201) fi Franza.

(312) Huma spjegaw ukoll b'mod partikolari li, fir-rigward tal-iskavar arkeoloġiku li għalih l-INRAP aġixxa bħala operatur tal-aħħar istanza, ma kienx ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu kieku ma kienx għall-finanzjament ikkontestat minn EVEHA. L-awtoritajiet Franċiżi argumentaw li l-għan sħiħ tal-finanzjament riċevut mill-INRAP kien li jippromwovi l-kultura u jikkonserva l-patrimonju (ara l-premessa 202).

(313) Fl-aħħar nett, huma ddikjaraw li l-finanzjament mogħti lill-INRAP kien limitat biex ikopri r-rekwiżiti baġitarji, finanzjarji u operazzjonali tiegħu, sa fejn il-marġini operatorju tal-INRAP għall-2008–2020 kien limitat ħafna u kien ta' [0,5–2] % biss, jiġifieri jagħti bilanċ ta' EUR […] miljun (ara l-premessa 204), u li l-finanzjament x'aktarx li ma kienx se jaffettwa l-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni sa grad li jmur kontra l-interess komuni (ara l-premessi 207 u 208).

(314) Min-naħa l-oħra, fil-kummenti tagħha b'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-ftuħ, EVEHA sostniet li dan l-approċċ għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ma kienx legalment sod (ara t-Taqsimiet 4.1 u 4.2).

6.4.1. *Dwar il-possibbiltà li tiġi eżaminata b'mod konġunt il-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE*

(315) Qabel ma tanalizza l-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni, il-Kummissjoni jeħtiġilha teżamina l-argumenti ta' EVEHA biex tistabbilixxi jekk humiex fondati sew u, jekk iva, jekk il-valutazzjoni konġunta tal-kompatibbiltà prevista fid-deċiżjoni tal-ftuħ abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE hijiex fl-aħħar mill-aħħar applikabbli.

6.4.1.1. L-argumenti ta' EVEHA dwar l-inapplikabbiltà ta' approċċ konġunt

(316) EVEHA targumenta li, qabel ma titwettaq valutazzjoni tal-kompatibbiltà, miżura l-ewwel trid tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat (ara l-premessi 74 sa 75), li din il-klassifikazzjoni trid tiġi indirizzata fuq bażi ta' attività b'attività li tħares lejn kull suq rilevanti (ara l-premessi 76 sa 78) u li, peress li l-awtoritajiet isostnu li xi wħud mill-attivitajiet imwettqa mill-INRAP huma ta' natura mhux ekonomika, ma huwiex possibbli li l-finanzjament kollu jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat (ara l-premessi 79 sa 81). Barra minn hekk, EVEHA tissottometti li, skont l-analiżi tagħha stess tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-prinċipju, il-Kummissjoni hija meħtieġa, meta teżamina l-kompatibbiltà ta' sett ta' miżuri, li tidentifika u teżamina kull miżura biex tiddetermina jekk tikkostitwix għajnuna mill-Istat u hijiex kompatibbli mas-suq intern (ara l-premessa 82).

6.4.1.2. L-analiżi tal-Kummissjoni bi tweġiba għall-argumenti mressqa minn EVEHA

(317) L-ewwel nett, fid-dawl tal-fatt li, għar-raġunijiet stabbiliti fit-Taqsima 6.2, il-miżuri inkwistjoni jridu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat, l-ewwel argument imressaq minn EVEHA (ara l-premessa 316) huwa, għal skopijiet prattiċi, mingħajr effett.

(318) It-tieni, peress li kemm is-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi kif ukoll kwalunkwe sussidju reċiproku jkopru attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku preventiv, li jikkostitwixxu attività waħda u l-istess attività (irrispettivament minn kif jiġu ffinanzjati) u suq rilevanti uniku, l-argument imressaq f'dak il-punt ukoll huwa mingħajr effett.

(319) It-tielet, irrispettivament mill-fatt li proporzjon sinifikanti tal-finanzjament riċevut mill-INRAP huwa għal attivitajiet mhux ekonomiċi (ara l-premessi 262 sa 278), l-għajnuna mill-Istat identifikata mill-Kummissjoni (ara t-Taqsima 6.2) hija maħsuba biex tappoġġa biss attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku preventiv, li n-natura ekonomika tagħhom ma hijiex ikkontestata. Għalhekk, għall-istess raġuni, l-argument imressaq minn EVEHA huwa mingħajr effett.

(320) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument relatat mal-obbligu preżunt tal-Kummissjoni (jew il-prattika tagħha tat-teħid tad-deċiżjonijiet) fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' kull miżura ta' għajnuna mbagħad l-eżaminazzjoni ta' kull waħda minnhom biex jiġi ddeterminat jekk għandhiex tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat u hijiex kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni tinnota li identifikat il-miżuri ta' għajnuna separatament (sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi u sussidji reċiproċi potenzjali), u kkonkludiet li huma mmirati lejn l-istess attivitajiet ekonomiċi – jiġifieri l-attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku preventiv tal-INRAP – u li dawk l-attivitajiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala kulturali fis-sens li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-patrimonju. Għalhekk, għal darba oħra, il-Kummissjoni tqis li l-argument imressaq minn EVEHA huwa mingħajr effett.

#### 6.4.1.3. L-argumenti ta' EVEHA dwar l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 107(3)(d)

(321) L-ewwel nett, fl-osservazzjonijiet tagħha, EVEHA targumenta li l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma japplikax għall-miżuri inkwistjoni, peress li kemm il-ġurisprudenza stabbilita kif ukoll il-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jwasslu għal "projbizzjoni ġenerali stretta" ta' kwalunkwe forma ta' sussidjar reċiproku (ara l-premessi 86 sa 89).

(322) It-tieni, EVEHA targumenta li l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE għandu jiġi applikat b'mod strett u ma japplikax għal sussidji "ġenerali" fil-qasam kulturali (ara l-premessi 91 u 92). Barra minn hekk, EVEHA targumenta li l-Artikolu 107(3)(d) ma jistax ikopri għajnuna maħsuba għal operatur wieħed, iżda biss għajnuna mogħtija lil grupp ta' operaturi li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur (ara l-premessa 93).

(323) It-tielet, EVEHA ssostni li l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE manifestament ma huwiex applikabbli għall-miżuri inkwistjoni, peress li l-awtoritajiet Franċiżi qatt ma rreferew għalih bħala bażi biex jgħidu li l-għajnuna jenħtieġ li titqies kompatibbli.

#### 6.4.1.4. L-analiżi tal-Kummissjoni bi tweġiba għall-argumenti mressqa minn EVEHA

(324) L-ewwel nett, għall-kuntrarju ta' dak li tasserixxi EVEHA, is-sussidjar reċiproku bejn attivitajiet mhux ekonomiċi u ekonomiċi sempliċiment iwassal għal sitwazzjoni fejn il-finanzjament li kieku jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE (billi primarjament jappoġġa attivitajiet mhux ekonomiċi – ara l-premessi 262 sa 278) jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' dak l-Artikolu jekk dak il-finanzjament ikun jista' jintuża għal attivitajiet ekonomiċi (f'dan il-każ, skavi arkeoloġiċi).

(325) Filwaqt li l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li l-għajnuna mill-Istat hija pprojbita, il-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-istess Artikolu jippermettu li tali għajnuna tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-fatt li l-finanzjament jista' potenzjalment jintuża għal sussidjar reċiproku ma għandu l-ebda rilevanza partikolari għall-applikabbiltà tal-Artikolu 107 tat-TFUE u l-finanzjament irid jiġi analizzat bħala għajnuna għal attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku sabiex tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tiegħu mas-suq intern.

(326) It-tieni, f'konformità mal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, "għajnuna sabiex tiġi promossa l-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni" tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.

(327) Fin-nuqqas ta' linji gwida speċifiċi dwar l-għajnuna għall-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju, il-Kummissjoni hija meħtieġa tivvaluta l-kompatibbiltà ta' miżuri mfassla biex jippromwovu dawk l-objettivi direttament abbażi tat-Trattat.

(328) Għalhekk, sabiex l-għajnuna mill-Istat tkun tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, trid tissodisfa żewġ kundizzjonijiet, l-ewwel waħda hija li trid tkun maħsuba sabiex tippromwovi l-kultura jew il-konservazzjoni tal-patrimonju u t-tieni waħda, espressa f'termini negattivi, li ma tistax taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

(329) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li, għall-kuntrarju tal-asserzjonijiet ta' EVEHA, sabiex l-għajnuna titqies kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, ma hemm l-ebda rekwiżit li l-għajnuna tkun maħsuba għal proġett kulturali speċifiku.

(330) Barra minn hekk, sakemm l-għajnuna tissodisfa ż-żewġ rekwiżiti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li ma hemm l-ebda raġuni konvinċenti biex tiġi eskluża l-kompatibbiltà fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE sempliċiment minħabba li l-għajnuna tibbenefika lil operatur wieħed u mhux lil grupp ta' operaturi attivi fl-istess settur. L-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE ma jeskludix l-għajnuna individwali u l-Kummissjoni tinnota li EVEHA ma tinvoka l-ebda ġurisprudenza jew prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

(331) It-tielet, il-Kummissjoni tinnota li, l-ewwel nett, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern, irrispettivament minn kif Stat Membru jkun ikklassifika miżura partikolari. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, bħala parti mill-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li, fil-fehma tagħhom, il-miżuri inkwistjoni huma kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE u pprovdew raġunijiet għall-opinjoni tagħhom (ara l-premessi 199 sa 210). Għaldaqstant, l-argument ta' EVEHA ma jistax jiġi aċċettat.

6.4.1.5. Konklużjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE għall-miżuri kollha ta' għajnuna inkwistjoni

(332) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li, minkejja l-oppożizzjoni ta' EVEHA fil-prinċipju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà proposta mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, l-ebda wieħed mill-argumenti ta' EVEHA ma jagħti raġunijiet biex jitqies li dan l-approċċ ma japplikax għall-miżuri inkwistjoni.

6.4.2. *Kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE*

(333) Skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, "għajnuna sabiex tiġi promossa l-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju" tista' tiġi ddikjarata kompatibbli "meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

(334) Għalhekk, biex tkun koperta minn dan l-Artikolu, l-għajnuna (i) trid tkun maħsuba biex tippromwovi l-kultura jew il-konservazzjoni tal-patrimonju, u (ii) ma tridx taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

6.4.2.1. Promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju

(335) F'konformità mal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, sabiex l-għajnuna titqies kompatibbli, din trid tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(336) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw liema proġetti u attivitajiet jaqgħu fl-ambitu tal-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju. Il-Kummissjoni sempliċiment għandha d-diskrezzjoni li tiddetermina jekk l-Istat Membru inkwistjoni jkunx għamel żbalji evidenti fil-valutazzjoni tiegħu.

6.4.2.1.1. Identifikazzjoni tal-attivitajiet kulturali appoġġati mill-għajnuna

(337) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li, f'konformità mal-Artikolu L.523-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, l-INRAP għandu l-kompitu, fost l-oħrajn, li jwettaq operazzjonijiet ta' skavar arkeoloġiku preventiv ([92]), inkluż bħala operatur tal-aħħar istanza meta l-ebda operatur ieħor ma jkun jixtieq jew jista' jipprovdi dak is-servizz.

(338) Għalhekk, jirriżulta b'mod ċar mill-Artikolu L.523-1 li l-finanzjament riċevut mill-INRAP fil-kuntest tal-attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku tiegħu, inkluż il-finanzjament li jikkostitwixxi l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat inkwistjoni, huwa maħsub biex jippromwovi u jikkonserva l-patrimonju arkeoloġiku Franċiż.

(339) Barra minn hekk, l-Artikolu L.521-1 tal-Kodiċi tal-Patrimonju jiddikjara b'mod espliċitu li l-attivitajiet relatati mal-arkeoloġija preventiva huma maħsuba għall-konservazzjoni tal-patrimonju (arkeoloġiku), li hija waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE.

([92]) Ara l-premessa 10.

6.4.2.1.2. Dimostrazzjoni ta' jekk l-għajnuna fil-fatt tippromwovix il-kultura u tikkonservax il-patrimonju

(340) Kif ġie spjegat mill-awtoritajiet Franċiżi matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali (ara t-Taqsimiet 5.2.1 u 5.2.2), il-finanzjament riċevut mill-INRAP fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu (jiġifieri fil-qasam tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi) għandu l-għan u l-effett li jippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(341) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li parti mill-finanzjament pubbliku riċevut mill-INRAP (sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi) tippermetti lill-INRAP tikkonforma mal-obbligi legali tagħha u tkopri (biss) parti mill-kostijiet ta' interess ġenerali imposti fuqha bil-liġi biex tiżgura li l-iskavi preventivi jitwettqu kif xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha, sabiex ma jiġix ippenalizzat is-suq tal-iżvilupp u tal-kostruzzjoni.

(342) L-INRAP huwa meħtieġ li: (i) ikollu għarfien espert li jkopri l-perjodi arkeoloġiċi u l-kuntesti ġeomorfoloġiċi kollha; (ii) iwettaq skavi jekk ma tiġi sottomessa l-ebda offerta skont sejħiet għal offerti maħruġa mill-iżviluppaturi; (iii) jieħu f'idejh it-tmexxija ta' sit tal-iskavar jekk operatur isir inadempjenti matul operazzjoni, fejn dawn ikunu kompiti li l-awtoritajiet Franċiżi, fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi tagħhom, iddeterminaw li huma rilevanti għall-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-patrimonju.

(343) It-tieni, bl-istess mod bħal operaturi pubbliċi u privati oħra, l-INRAP huwa involut fil-promozzjoni tal-kultura u fil-konservazzjoni tal-patrimonju permezz ta' operazzjonijiet ta' skavar arkeoloġiku b'mandat legali (minbarra l-obbligi tiegħu bħala operatur tal-aħħar istanza) bil-għan li jiġi ppreservat il-patrimonju arkeoloġiku Franċiż. Peress li kwalunkwe sussidju reċiproku potenzjali li jirriżulta mill-finanzjament pubbliku neċessarjament jintuża fis-suq tal-iskavar arkeoloġiku, dan ikollu wkoll l-effett li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(344) L-iskavar arkeoloġiku huwa parti integrali mill-politika ta' konservazzjoni tal-patrimonju li stabbiliet Franza. Meta mqabbel mal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u riċerka (li huma operazzjonijiet upstream biex tiġi identifikata l-preżenza ta' kwalunkwe xogħol potenzjali li jifforma parti integrali mill-patrimonju arkeoloġiku ta' Franza), l-iskavar arkeoloġiku jinsab fuq quddiem nett tal-konservazzjoni ta' dak il-patrimonju, peress li jagħmilha possibbli li l-patrimonju jiġi identifikat u ppreservat speċifikament qabel ma jkun hemm xi possibbiltà li jinbidel bħala riżultat ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Il-fatt li hija meħtieġa akkreditazzjoni tal-gvern biex jitwettqu dan l-iskavi juri l-importanza tagħhom għall-Istat Franċiż. L-akkreditazzjoni tingħata mill-Istat (il-Ministeru għall-Kultura u l-Ministeru għar-Riċerka) wara li tintalab l-opinjoni tal-Kunsill Nazzjonali għar-Riċerka Arkeoloġika (CNRA). Din tiggarantixxi li l-operaturi arkeoloġiċi akkreditati jkollhom l-għarfien espert xjentifiku u l-kapaċità operazzjonali meħtieġa, u tagħti d-dettalji tal-perjodi arkeoloġiċi li għalihom tkun ġiet akkreditata l-organizzazzjoni (il-Paleolitiku, in-Neolitiku, iż-Żminijiet tal-Metalli, l-Era Klassika, il-Medjuevu, l-era moderna, l-era kontemporanja).

6.4.2.1.3. Valutazzjoni ta' jekk l-għajnuna u/jew l-attività tikkonformax mal-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli

(345) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li, f'konformità mal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE, huwa possibbli li tiġi permessa għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju, b'deroga mill-prinċipju ġenerali li l-għajnuna mill-Istat hija pprojbita.

(346) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-objettivi tal-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju huma espliċitament stabbiliti fl-Artikolu 167 tat-TFUE, li jgħid kif ġej: "L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta il-wirt kulturali komuni" u "L-azzjoni tal-Unjoni għandha jkollha il-mira li tinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom fl-oqsma li ġejjin: - it-tijib fit-tagħrif u fit-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej, - il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali Ewropew sinifikanti …".

(347) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-partijiet ma indikaw l-ebda ksur tal-liġi applikabbli tal-UE matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(348) Għalhekk, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda raġuni biex tiddubita jekk il-miżuri u l-attivitajiet li jirċievu l-għajnuna jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

6.4.2.2. L-għajnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jmur kontra l-interess komuni

6.4.2.2.1. Identifikazzjoni tas-swieq affettwati mill-għajnuna

(349) Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija fil-premessi 47, 48 u 218 sa 222, is-suq affettwat mill-għajnuna kkontestata minn EVEHA huwa s-suq għall-iskavi arkeoloġiċi preventivi. Dan is-suq huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u l-INRAP u operaturi privati oħra bħal EVEHA joperaw fih.

6.4.2.2.2. Identifikazzjoni tal-effetti pożittivi tal-għajnuna

(350) L-għajnuna mogħtija lill-INRAP għandha diversi effetti pożittivi f'termini tal-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju.

(351) L-ewwel nett, il-fatt li l-INRAP jintervjeni fl-istadji kollha tal-proċess tal-konservazzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku (mill-evalwazzjoni sal-iskavar u l-promozzjoni) jiddistingwih, b'mod ġenerali, minn operaturi li huma attivi fis-suq tal-iskavar arkeoloġiku biss.

(352) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, b'mod partikolari fis-suq tal-iskavar arkeoloġiku, l-INRAP għandu obbligi speċifiċi, jiġifieri jrid: (a) iwettaq l-iskavi jekk ma tiġi sottomessa l-ebda offerta skont sejħiet għall-offerti maħruġa mill-iżviluppaturi ([93]); (b) jieħu f'idu t-tmexxija ta' sit jekk operatur isir inadempjenti matul operazzjoni ([94]). Għal dak il-għan, l-INRAP għandu għarfien espert li jkopri l-pajjiż kollu, il-perjodi arkeoloġiċi kollha u l-kuntesti ġeomorfoloġiċi kollha.

(353) B'riżultat ta' dan, l-attività tal-INRAP fis-suq mhux dejjem tkun iggwidata strettament minn approċċ ta' qligħ (b'mod partikolari meta jaġixxi bħala operatur tal-aħħar istanza u mhux dejjem jikseb ir-remunerazzjoni mistennija) u l-appoġġ finanzjarju li tirċievi mill-Istat għalhekk huwa meħtieġ biex dan iwettaq il-kompiti tiegħu.

(354) Barra minn hekk, dan l-aspett jiddistingwi lill-INRAP mill-operaturi privati akkreditati mill-Istat, peress li dawn jistgħu jagħżlu, abbażi tal-politiki kummerċjali tagħhom u b'kunsiderazzjoni tal-profitt, iż-żona ġeografika tal-intervent tagħhom, kif ukoll il-perjodi u l-oqsma arkeoloġiċi li fihom jixtiequ jiżviluppaw l-għarfien espert tagħhom.

(355) Għalhekk, l-għajnuna rċevuta mill-INRAP mhux biss tippermettilu jaqdi r-rwol ċentrali tiegħu fil-konservazzjoni tal-patrimonju fi Franza, iżda (bis-saħħa tal-obbligi tiegħu) il-preżenza tiegħu fis-suq tippermetti wkoll lill-atturi iżgħar fis-suq privat jiffokaw fuq proġetti/attivitajiet speċifiċi mingħajr ma jkollhom jerfgħu l-piż impost fuq l-INRAP.

6.4.2.2.3. Limitazzjoni tal-effetti negattivi tal-miżura fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

(356) Fit-taqsima li ġejja, il-Kummissjoni tivvaluta l-aspetti li jgħinu biex jiġu limitati l-effetti negattivi tal-miżura inkwistjoni fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(357) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qed tqis il-prinċipji li ġejjin:

(1) il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat: miżura ta' għajnuna mill-Istat trid tkun immirata lejn sitwazzjoni fejn l-għajnuna tista' ġġib magħha titjib materjali li s-suq ma jkunx kapaċi jġib waħdu, pereżempju billi tirrimedja falliment tas-suq jew billi tindirizza tħassib ta' ekwità jew ta' koeżjoni;

(2) l-adegwatezza tal-miżura tal-għajnuna: il-miżura ta' għajnuna proposta trid tkun strument xieraq biex jinkiseb l-objettiv mixtieq;

(3) il-proporzjonalità tal-għajnuna: l-ammont tal-għajnuna u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għal-livell minimu meħtieġ biex tiġi skattata l-kontribuzzjoni għal attività ekonomika; u għal-livell minimu meħtieġ biex jistimula lill-impriża/i kkonċernata/i biex jagħmlu investiment addizzjonali jew iwettqu attività addizzjonali; u

(4) it-trasparenza tal-għajnuna.

([93]) L-Artikolu L.523-10 tal-Kodiċi tal-Ippjanar Urban u l-premessa 147 ta' din id-deċiżjoni.
([94]) L-Artikolu L.523-13 tal-Kodiċi tal-Ippjanar Urban u l-premessa 147 ta' din id-deċiżjoni.

6.4.2.2.3.1. Ħtieġa tal-għajnuna

(358) Sabiex tintwera l-ħtieġa tal-għajnuna, irid jiġi stabbilit li l-miżuri jippermettu li jsiru attivitajiet ta' promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju li kieku ma kinux iseħħu jew tal-anqas ma kinux isiru taħt l-istess kundizzjonijiet.

(359) L-għajnuna mogħtija lill-INRAP tippermettilu jissodisfa l-obbligi speċifiċi tiegħu skont id-dritt Franċiż, b'mod partikolari meta l-INRAP jaġixxi bħala operatur tal-aħħar istanza għall-iskavi arkeoloġiċi preventivi.

(360) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, kif ġie spjegat mill-awtoritajiet Franċiżi, l-obbligi imposti fuq l-INRAP fuq is-suq tal-iskavar arkeoloġiku ma humiex profittabbli u jiġġeneraw telf sinifikanti li jammonta għal madwar EUR […] sa […] miljun fis-sena (ara l-premessi 148 sa 149).

(361) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' sussidju għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi ma hijiex biżżejjed biex tkopri l-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-INRAP (dan huwa l-każ, pereżempju, għas-snin 2015–2021, meta dawn l-obbligi rriżultaw f'defiċit ta' madwar EUR [7-28] miljun, minkejja s-sussidji pubbliċi riċevuti). Dan huwa aktar u aktar evidenti jekk wieħed iqis li, qabel l-2015, l-INRAP kellu jiffinanzja, waħdu u mingħajr ebda għajnuna pubblika, il-kostijiet addizzjonali li kellu jġarrab minħabba l-obbligi tiegħu bħala operatur tal-aħħar istanza. Matul il-perjodu li jkopri bejn l-2008 u l-2015 ([95]), fuq il-bażi unika tad-dħul tiegħu ġġenerat fis-suq tal-iskavar arkeoloġiku, l-INRAP ġarrab il-kost ta' dawn l-operazzjonijiet, li għalihom potenzjalment seta' ġie kkumpensat mill-Istat, kif ġara wara l-2015.

(362) Minn dan isegwi li, mingħajr finanzjament (jew direttament permezz ta' sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi jew permezz ta' sussidjar reċiproku potenzjali), l-INRAP ma kienx ikun jista' jaġixxi bħala operatur tal-aħħar istanza fis-suq tal-iskavar arkeoloġiku.

(363) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku maħsub biex jappoġġa l-attivitajiet ta' skavar arkeoloġiku tal-INRAP huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jintlaħaq l-objettiv segwit mill-awtoritajiet Franċiżi – il-konservazzjoni tal-patrimonju.

6.4.2.2.3.2. Adegwatezza tal-għajnuna

(364) Miżura hija strument ta' politika xieraq għall-promozzjoni tal-attività kulturali u l-konservazzjoni tal-patrimonju meta ma jkunx possibbli li jinkiseb l-istess riżultat permezz ta' strumenti ta' politika li joħolqu inqas distorsjoni jew tipi oħra ta' miżuri li joħolqu inqas distorsjoni.

(365) Dwar il-kwistjoni tal-adegwatezza tal-miżuri, il-Kummissjoni tinnota li huma fil-forma ta' sussidji mill-Istat biex jippermettu lill-INRAP iwettaq l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi, b'mod partikolari meta l-INRAP jassumi kostijiet li ma kienx jassumi kieku kien qiegħed jaġixxi fuq bażi purament kummerċjali, bħal atturi privati oħra attivi fis-suq.

(366) Kif ġie spjegat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, forom oħra ta' għajnuna potenzjalment anqas distortivi, bħal ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità (bħal garanziji mill-Istat, l-akkwiżizzjoni ta' ishma jew il-forniment ta' self jew ta' kapital fuq termini favorevoli), x'aktarx li ma jippermettux lill-INRAP iwettaq id-dmirijiet tiegħu bl-istess mod.

(367) Peress li l-għajnuna hija maħsuba, l-ewwel nett, biex l-INRAP ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ (u mhux ekonomika) u, it-tieni, biex jiġi rrimedjat falliment tas-suq fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi, ma jkunx possibbli li jiġi żgurat li l-INRAP jibqa' vijabbli jekk jintużaw strumenti oħra għajr għotjiet diretti.

(368) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni huma strument xieraq għall-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju Franċiż, li jinvolvi katina ta' operazzjonijiet iffukati fuq l-istudju, il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju arkeoloġiku.

([95]) L-Artikolu L.523-10 tal-Kodiċi tal-Patrimonju, li impona dak l-obbligu fuq l-INRAP, daħal fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004, jiġifieri qabel il-perjodu kopert mill-ilment.

6.4.2.2.3.3. Proporzjonalità tal-għajnuna

(369) L-għajnuna titqies proporzjonata biss jekk l-istess bidla fl-imġiba ma tkunx tista' tinkiseb b'inqas għajnuna u b'inqas distorsjoni. Fi kliem ieħor, l-ammont tal-għajnuna jrid ikun limitat għall-minimu meħtieġ biex jiġi żgurat li l-kultura tiġi promossa u li l-patrimonju jiġi ppreservat billi l-attivitajiet immirati mill-għajnuna jkunu jistgħu jitwettqu.

(370) Fid-dawl tal-informazzjoni mill-awtoritajiet Franċiżi bbażata fuq il-kontijiet u r-rapporti finanzjarji tal-INRAP (li l-affidabbiltà ġenerali tagħhom – minbarra l-aspetti li jikkonċernaw il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni tal-kostijiet li wasslu lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna – ma ġiet iddubitata minn ebda rapport ta' esperti, ara l-premessa 256), il-Kummissjoni ssib li l-għajnuna mogħtija lill-INRAP matul il-perjodu inkwistjoni hija proporzjonata għall-objettivi segwiti, jiġifieri l-promozzjoni tal-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju, u li n-natura tal-għajnuna tillimita kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni li tista' tiġi kkawżata minnha.

(371) Minn naħa, il-Kummissjoni tosserva li s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi, li ngħataw biss mill-2015 'il quddiem, ma kinux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż iġġenerati mill-obbligi ta' interess ġenerali imposti fuq l-INRAP minħabba l-istatus tiegħu bħala operatur tal-aħħar istanza li jopera fit-territorju Franċiż kollu u li jista' jkopri l-perjodi arkeoloġiċi kollha (ara Tabella 1, Tabella 3 hawn fuq). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament riċevut huwa ferm inqas milli meħtieġ biex ikopri l-kostijiet kollha mġarrba mill-INRAP matul il-perjodu mill-2008 sal-2021 (jew tabilħaqq mill-2004 ([96])).

(372) Barra minn hekk, fir-rigward tal-proporzjonalità tal-għajnuna li tirriżulta minn sussidjar reċiproku potenzjali, il-Kummissjoni tinnota l-punti li ġejjin.

(373) L-ewwel nett, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi turi li l-INRAP juża kontabbiltà tal-kostijiet li hija konsistenti mal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà, li tagħmilha possibbli li ssir distinzjoni korretta bejn il-kostijiet diretti ta' "attivitajiet kompetittivi" u dawk ta' "attivitajiet mhux kompetittivi" (ara l-premessi 161 sa 173). Bl-użu tad-diversi rapporti tal-kontabilisti, kien possibbli li jiġu vvalidati ċ-ċifri relatati mal-fatturat, u b'mod partikolari d-diżaggregazzjoni bejn is-settur kompetittiv u s-settur mhux kompetittiv (ara l-premessa 256).

(374) It-tieni, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi turi li l-għajnuna li tirriżulta minn kwalunkwe sussidju reċiproku potenzjali implimentat mill-INRAP tkun limitata għal ċerti kostijiet indiretti (kostijiet b'settur imħallat). Mingħajr ma jqajjem dubji b'mod sod u definittiv dwar il-validità tal-allokazzjoni mwettqa mill-INRAP, il-kontabilista kkwalifikat iqis li l-koeffiċjenti tal-allokazzjoni għal dawn il-kostijiet ma humiex appoġġati minn kriterji oġġettivi u robusti biżżejjed, għalkemm jammontaw biss għal proporzjon relattivament żgħir tal-kostijiet totali mġarrba mill-INRAP fis-suq tal-iskavar arkeoloġiku.

(375) It-tielet, mill-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni jidher ċar li l-ebda wieħed mill-awdituri jew mill-kontabilisti kkwalifikati li ntalbu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-kontabbiltà tal-kostijiet tal-INRAP ma seta' jidentifika, b'mod inekwivoku, xi evidenza ta' sussidji reċiproċi mogħtija lill-INRAP, u wisq inqas ma seta' jikkwantifika l-ammont ta' kwalunkwe sussidjar reċiproku bħal dan. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-asserzjonijiet ta' EVEHA ma humiex plawżibbli meta hija tallega li l-INRAP tant qed jirċievi għajnuna permezz tas-sussidjar reċiproku li jista' jitlob prezzijiet predatorji fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi u b'hekk joħloq distorsjoni bla bżonn ta' dak is-suq.

(376) Fir-rigward tal-għajnuna kollha riċevuta mill-INRAP ([97]), il-Kummissjoni tinnota, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi (ara l-premessa 204), li l-marġini operatorju tal-INRAP matul il-perjodu mill-2008 sal-2021 għall-attivitajiet ekonomiċi tiegħu huwa ta' [2,8–4,6] % (ara Tabella 5). Dan jidher li jeskludi l-possibbiltà li l-INRAP sar aktar profittabbli bħala riżultat ta' kumpens żejjed. Bħala paragun, il-Qorti Amministrattiva ta' Caen, fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2024 (miżjuda mal-fajl minn EVEHA ([98])), innotat li, għall-2021 u l-2022, EVEVA għamlet profitt nett medju ta' 6 %. Barra minn hekk, il-fatt li l-INRAP għandha marġini nett pożittiv matul dak il-perjodu juri, fl-istess ħin, li l-prezzijiet imposti mill-INRAP bħala parti mill-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kienu qed jiġġeneraw profitt, li jagħmilha inqas plawżibbli li kienet titlob prezzijiet predatorji bħala riżultat ta' sussidjar reċiproku.

([96]) Ara n-nota 95 f'qiegħ il-paġna.
([97]) Jiġifieri s-sussidji għall-kostijiet tas-servizzi pubbliċi u l-għajnuna minn sussidjar reċiproku potenzjali.
([98]) Ara l-premessa 114.

(377) Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi turi li, bejn l-2009 u l-2024, [40–53] % tal-iskavi arkeoloġiċi li saru fi Franza twettqu mill-INRAP (ftit aktar minn [3 600–4 000] skav), filwaqt li [38–50] % tal-iskavi matul l-istess perjodu (ftit aktar minn [3 300–3 700] skav) twettqu minn operaturi oħra (operaturi privati jew awtoritajiet lokali akkreditati). Dan juri li s-suq tal-iskavi arkeoloġiċi għadu 'l bogħod milli jkun magħluq għal xi ħadd għajr għall-INRAP minħabba l-prezzijiet li allegatament jista' jitlob bħala riżultat tas-sussidjar reċiproku potenzjali tal-attivitajiet tiegħu (ara Tabella 1). L-istess konklużjoni tista' tinsilet mis-sehem mis-suq skont il-valur tal-iskavi arkeoloġiċi bejn l-2009 u l-2024; 43 % (aktar minn EUR [0,9–1,3] biljun) tal-valur totali kien jirrappreżenta operaturi għajr l-INRAP (dipartimenti awtorizzati ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali u operaturi privati) (ara Tabella 2).

(378) Din ix-xejra, kemm f'termini tal-għadd ta' skavi mwettqa kif ukoll tas-sehem mis-suq tal-INRAP (skont il-valur), baqgħet stabbli matul il-perjodu kopert mill-ilment. Maż-żmien wieħed jista' saħansitra josserva xejra ta' tnaqqis ([99]), li għandha t-tendenza li tikkonferma li ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-għajnuna riċevuta mill-INRAP.

(379) Fir-rigward tal-prezzijiet mitluba mill-INRAP, il-Kummissjoni tinnota wkoll li, fil-kuntest ta' tilwim legali domestiku relatat mal-għoti lill-INRAP ta' kuntratti pubbliċi għal skavi arkeoloġiċi, il-qorti amministrattiva sabet li d-differenza bejn il-prezzijiet proposti mill-INRAP u dawk tal-kompetituri tiegħu (b'mod partikolari EVEHA) kienet spjegata mid-differenzi sostanzjali f'termini tar-riżorsi umani u materjali allokati lill-istess operazzjoni (u li din id-differenza ma kinitx ikkawżata mill-impożizzjoni ta' prezzijiet ferm aktar baxxi mill-INRAP bħala riżultat ta' sussidji reċiproċi).

"Barra minn hekk, mill-investigazzjoni jidher ċar, b'mod partikolari mill-analiżi komparattiva tal-prezzijiet dettaljati mitluba kemm mill-INRAP kif ukoll minn Éveha mwettqa mill-awtorità lokali konġunta Poher (dokument kopert mis-segretezza kummerċjali u eskluż mill-proċess kontenzjuż), li, mit-tnejn li huma, l-INRAP kultant jitlob prezzijiet unitarji ogħla għar-riżorsi umani, u, meta l-prezzijiet tal-INRAP ikunu aktar baxxi, id-differenza tkun żgħira, u l-prezzijiet unitarji għall-materjali huma bejn wieħed u ieħor identiċi. Fil-fatt, din l-analiżi turi li d-differenza fil-prezz bejn iż-żewġ operaturi hija kkawżata mill-kwantitajiet li kull wieħed minnhom alloka għall-operazzjonijiet tal-iskavar preventiv, biċ-ċifra tkun kważi 35 % ogħla għal Éveha. B'hekk, id-differenza fil-prezz bejn iż-żewġ offerti ma hijiex ir-riżultat tal-impożizzjoni ta' prezzijiet ferm aktar baxxi mill-INRAP; minflok, din tirriżulta mid-differenza fir-riżorsi allokati minn kull wieħed miż-żewġ offerenti. Id-dokumenti esklużi mill-proċess kontenzjuż juru wkoll li l-INRAP, bħala parti mill-kuntratt inkwistjoni, seta' jivvaluta l-marġini nett proviżorju tiegħu." (Il-Qorti Amministrattiva ta' Rennes, is-27 ta' Marzu 2024, EVEHA vs Communauté de communes Poher communauté, Nru 2401238);

"Minn dan isegwi li l-offerta tal-INRAP qieset il-kostijiet diretti u indiretti kollha biex tistabbilixxi l-prezz tas-servizzi proposti u li, għalkemm il-prezzijiet għat-tneħħija tal-ħamrija tal-wiċċ u tal-iskavar huma simili, il-prezz tal-offerta ta' Éveha huwa ferm ogħla mill-prezz tal-offerent rebbieħ għall-fażi tal-istudju minħabba n-numru ta' persuni li kellha l-ħsieb li talloka għal din il-fażi tax-xogħol, b'mod partikolari għal studji antropoloġiċi. B'mod aktar speċifiku, id-differenza fil-prezz bejn iż-żewġ offerti ma hijiex ir-riżultat ta' differenza li taffettwa l-kostijiet unitarji tagħhom – b'mod partikolari, il-kostijiet unitarji tal-persunal imsemmija fl-offerta tal-INRAP huma simili għal jew ogħla minn dawk tar-rikorrent – iżda minflok din tirriżulta mid-differenza f'termini tas-servizzi proposti, b'mod partikolari għall-istudju ta' siti ta' oqbra, li għalihom ir-rikorrent iddeċieda li jalloka ħafna aktar riżorsi umani bħala prekawzjoni, għalkemm dan ma kienx meqjus siewi mill-akkwirent. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, il-prezz propost mill-INRAP, li kien ferm ogħla mill-istima tal-kost inizjali għall-kuntratt, ma kienx jidher, għal livelli ta' servizz komparabbli, li huwa ferm aktar baxx mill-prezzijiet tal-offerti proposti minn offerenti oħra, u lanqas ma jidher li huwa manifestament sottovalutat fid-dawl tal-kostijiet kollha involuti. B'riżultat ta' dan, l-awtorità ta' konurbazzjoni ma kinitx meħtieġa tiżgura, billi titlob id-dokumenti meħtieġa, li l-kostijiet diretti u indiretti kollha tal-Istitut kienu tqiesu fl-iffissar ta' dak il-prezz, biex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni. Konsegwentement, il-motivi, li allegaw li l-offerta tal-INRAP intgħażlet wara proċedura irregolari, li ħolqot distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma saritx *in bona fede*, iridu jiġu miċħuda." (Il-Qorti Amministrattiva ta' Bordeaux, is-6 ta' Mejju 2025, EVEHA vs Communauté d'agglomération du Grand Périgueux, Nru 2205878).

([99]) Bejn l-2009 u l-2014, l-INRAP kellu [54-63] % tal-valur tas-suq u wettaq [48-58] % tal-iskavi, filwaqt li, mill-2015 sal-2021, is-sehem tal-INRAP tal-valur tas-suq naqas għal [50-58] % u l-għadd ta' skavi mwettqa naqas għal [46-53] %.

(380) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-sentenzi tal-qrati amministrattivi msemmija minn EVEHA (ara l-premessa 114) ma jbiddlux l-analiżi stabbilita hawn fuq, inkwantu s-sentenzi tal-qorti annullaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku (u mhux bħala riżultat ta' prezzijiet predatorji jew sussidjar reċiproku). Fis-sentenzi ċċitati hawn fuq (ara l-premessa 379), il-Qorti Amministrattiva ta' Bordeaux u l-Qorti Amministrattiva ta' Rennes rispettivament eskludew il-possibbiltà li l-INRAP kienet qed timponi prezzijiet ħafna aktar baxxi u tirrifletti dawk il-prezzijiet fl-offerti tagħha, u sabu li l-offerti tal-INRAP ma kinux ta' natura li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni. B'kuntrast, is-sentenzi ppreżentati minn EVEHA sempliċiment juru li, matul il-proċedura ta' akkwist, l-awtoritajiet kontraenti kkonċernati ma kinux wettqu verifiki tal-offerti tal-INRAP. Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li l-offerta tal-INRAP setgħet instabet li ma kien fiha l-ebda irregolarità li kieku ġiet ivverifikata.

(381) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-profittabbiltà medja tal-INRAP ta' [2,8–4,6] % (meta mqabbla mal-profitt nett medju ta' EVEHA ta' madwar 6 % — ara l-Premessa 376) matul il-perjodu mill-2008 sal-2021 (ara Tabella 5) għall-attivitajiet ekonomiċi tagħha (li l-biċċa l-kbira tagħhom huma skavi arkeoloġiċi) ma tistax tiġi spjegata minn devjazzjoni fuq skala kbira tas-sussidji pubbliċi biex ikopru l-prattika allegata tal-INRAP li tippreżenta offerti bi prezz anormalment baxx li kieku mbagħad tqajjem dubji dwar jekk l-ammont ta' finanzjament imħallas lill-INRAP matul l-istess perjodu kienx proporzjonali.

(382) Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li, anki jekk l-attivitajiet ekonomiċi setgħu potenzjalment kellhom sussidjar reċiproku, l-ammont totali tal-għajnuna li rċieva l-INRAP jippermettilu biss li jwettaq l-attivitajiet tiegħu tal-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju, f'konformità mal-kompiti u mar-rwol ċentrali mogħti lilu mill-Istat, b'tali mod li l-għajnuna tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ biex l-INRAP ikun jista' jikseb l-objettivi segwiti mill-awtoritajiet Franċiżi.

#### 6.4.2.2.3.4. Trasparenza tal-għajnuna

(383) Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet ta' trasparenza li għandhom x'jaqsmu mal-għajnuna mogħtija lill-INRAP, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi, billi jemmnu li l-għajnuna tista' tkun koperta mill-iskema qafas eżentata SA.42681 (adottata abbażi tal-Artikolu 53 tal-GBER), ippubblikaw l-ammont ta' għajnuna pubblika fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat ([100]), taħt ir-referenza SA.42681.

(384) B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet Franċiżi ssodisfaw l-obbligu tat-trasparenza tagħhom għall-għajnuna inkwistjoni.

(385) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, b'dan il-mod, l-awtoritajiet Franċiżi rabtu b'mod żbaljat dawk l-ammonti ta' għajnuna mal-iskema qafas eżentata SA.42681, li ma tapplikax għall-għajnuna inkwistjoni (ara l-premessi 304 sa 306).

(386) Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet Franċiżi jikkoreġu din ir-referenza żbaljata, li ma taffettwax l-analiżi tal-Kummissjoni tat-trasparenza tal-għajnuna.

#### 6.4.2.3. Użin tal-effetti pożittivi tal-għajnuna mal-effetti negattivi fuq is-suq intern

(387) L-għajnuna mogħtija lill-INRAP għandha ħafna effetti pożittivi f'termini tal-promozzjoni tal-kultura u tal-patrimonju.

(388) L-ewwel nett, saru skoperti kbar b'riżultat tax-xogħol li wettaq l-INRAP bis-saħħa tal-finanzjament pubbliku li rċieva. Kif ġie spjegat mill-awtoritajiet Franċiżi, l-istruttura ta' Franza għall-arkeoloġija, li tinkludi l-appoġġ u l-finanzjament tal-INRAP, ippermettiet li jsiru għadd ta' skoperti maġġuri f'dawn l-aħħar snin. Eżempji reċenti ta' skavi eċċezzjonalment importanti jinkludu wieħed imwettaq mill-INRAP f'Lavau (Aube, Franza) fuq qabar ta' prinċep Ċeltiku (il-5 seklu QK) u wieħed imwettaq mill-impriża akkreditata Archeodunum SAS f'Sainte-Colombe (Rhône, Franza) fuq sit Gallo-Ruman (bejn l-1 u r-4 seklu WK) (ara l-premessa 134).

([100]) https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.

(389) It-tieni, l-attivitajiet ta' skavar imwettqa bil-finanzjament pubbliku jikkontribwixxu għall-avvanz ġenerali tal-għarfien xjentifiku u b'hekk jgħinu jipproteġu u jippromwovu l-patrimonju arkeoloġiku. Tabilħaqq, is-sejbiet li saru matul l-iskavi mwettqa bl-għajnuna tal-finanzjament pubbliku jiġu promossi regolarment f'pubblikazzjonijiet xjentifiċi jew dawk aktar ġenerali, kif ukoll permezz ta' wirjiet, bħall-wirja li saret fis-Cité des sciences et de l'industrie (il-Mużew tax-Xjenza u l-Industrija f'Pariġi) iddedikata għall-abitanti tal-Gallja ċentrali u tat-Tramuntana bejn it-3 u l-1 seklu QK (ara l-premessa 135).

(390) Minkejja dan, il-miżuri notifikati jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq għall-iskavi arkeoloġiċi preventivi u jaffettwaw il-kummerċ intra-UE.

(391) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-piż relattiv tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ huwa tali li l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi potenzjali.

(392) L-ewwel nett, ir-riżultati kontabilistiċi u finanzjarji tal-INRAP juru li ma ngħatax kumpens żejjed mill-Istat għall-attivitajiet kollha tiegħu (dawk mhux ekonomiċi u dawk ekonomiċi).

(393) It-tieni, kif innotat l-Awtorità Franċiża tal-Kompetizzjoni fid-deċiżjoni tagħha tal-2017, għalkemm effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ma jistax jiġi eskluż kompletament (ara l-premessi 241 sa 245 u 294 sa 299), is-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi fejn tista' sseħħ xi distorsjoni għandu "ambitu domestiku". L-Awtorità tal-Kompetizzjoni indikat li, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-operaturi tal-arkeoloġija preventiva ma jaħdmux lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, minħabba n-natura lokali/reġjonali tal-kwistjonijiet xjentifiċi speċifiċi li jqumu matul il-biċċa l-kbira tal-iskavi. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-effetti negattivi tal-għajnuna fuq is-suq intern huma estremament limitati.

(394) Barra minn hekk, fl-istess suq (domestiku) tal-iskavar arkeoloġiku, huwa ċar mill-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, kif spjegat fil-premessi 377 sa 380, li kwalunkwe distorsjoni li tirriżulta mis-sussidji pubbliċi riċevuti mill-INRAP (u użati għall-attivitajiet ta' skavar tiegħu) tkun limitata ħafna, minħabba l-preżenza sinifikanti ta' operaturi li jikkompetu mal-INRAP fis-suq kompetittiv, minn naħa, u t-tilwim legali li kkonkluda li l-INRAP ma kienx issottometta offerti bi prezz anormalment baxx, min-naħa l-oħra.

(395) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li, filwaqt li ma huwiex possibbli li jiġu eliminati kompletament l-effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-iskavi arkeoloġiċi preventivi, dawk l-effetti huma limitati ħafna u huma megħluba mill-effetti pożittivi tal-għajnuna f'termini tal-promozzjoni tal-kultura u tal-konservazzjoni tal-patrimonju fi Franza.

#### 6.4.2.4. Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE

(396) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri inkwistjoni jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-kultura u għall-konservazzjoni tal-patrimonju mingħajr ma jaffettwaw b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jmur kontra l-interess komuni u għalhekk huma kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(397) Il-Kummissjoni ssib li Franza implimentat illegalment l-għajnuna mogħtija lill-INRAP bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza lill-INRAP hija kompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Teresa RIBERA
*Viċi President Eżekuttiv*